# Riforma Kostituzzjonali

## DAK LI ĦAREĠ MILL-PROĊESS TA’ KONSULTAZZJONI MAL-PUBBLIKU

UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT

UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT

# DAK LI ĦAREĠ MILL-PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI MAL-PUBBLIKU

OTTUBRU 2020

# Daħla

## George Vella, President ta' Malta

Id-diskors dwar il-bżonn li jsir tibdil fil-Kostituzzjoni ta' Malta ilu għaddej.

Dan mhux suġġett faċli li wieħed jiddeċiedi fuqu malajr.

Hekk kif inħtart President tar-Repubblika, wegħedt li nkompli dan il-proċess, u possibbilment inħaffu.

Kien hemm diġà opinjonijiet u suġġerimenti bil-miktub minn numru ta' esperti legali u kostituzzjonali.

Il-Kumitat inkarigat mir-Riforma Kostituzzjonali li kien imwaqqaf qrib l-aħħar tas-sena 2018 matul il-Presidenza ta' qabli, kien ser jibda jirranka fix-xogħol tiegħu.

Jien ridt inwessa' l-konsultazzjoni pubblika u wegħedt li jekk wieħed jasal biex tissejjaħ Konvenzjoni Kostituzzjonali, is-soċjetà ċivili, l-għaqdiet mhux governattivi, u l-poplu inġenerali kien ser ikollhom rwol importanti, u ridt inserraħ l-imħuħ li l-proċess ma kienx ser jiġi ddominat mill-influwenza tal-partiti politiċi.

Mill-bidu nett varajt sit elettroniku li fuqu kulħadd seta' jagħmel il-proposti tiegħu. Dan dam kważi sitt xhur miftuħ, u daħlu mijiet ta' kontribuzzjonijiet.

L-iskop kien li l-materjal miġbur jiġi analizzat u mgħarbel mill-Konvenzjoni Kostituzzjonali meta din isseħħ.

L-iżviluppi politiċi f'pajjiżna wasslu biex il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa tinvolvi ruħha u tagħmel pressjoni biex ċertu tibdil Kostituzzjonali, li kien urġenti, jingħata prijorità.

Dan seħħ, iżda tefa' ftit lura mhux ħażin id-diskors dwar x'tibdil Kostituzzjonali ieħor wieħed seta' jikkunsidra.

F'din il-Pubblikazzjoni qegħdin nagħtu aċċess lill-pubbliku għal dokumenti minn esperti legali u kostituzzjonali li kienu ġew mgħoddija lill-Kumitat għar-Riforma Kostituzzjonali kif ukoll analiżi oġġettiva tas-suġġerimenti li ġew mibgħuta mill-pubbliku fuq is-sit elettroniku maħluq apposta.

Dan il-materjal jista' jinstab ukoll proprju fuq is-sit: www.riformakostituzzjonali.gov.mt.

Minbarra din id-Daħla, qiegħed inżid ukoll ftit ħsibijiet tiegħi dwar fiex ser tkun qiegħda tikkonsisti l-Konvenzjoni Kostituzzjonali, x'inhu l-għan aħħari tagħha, kif għandha tkun organizzata, x'forma u daqs ser tieħu, min ser imexxiha, u kemm hija mistennija tieħu żmien.

Dawn huma suġġetti li għadhom qegħdin jiġu diskussi fi ħdan il-Kumitat għar-Riforma Kostituzzjonali, li l-laqgħat tiegħu tħarbtu xi ftit minħabba l-aħħar żviluppi fil-qasam politiku. Nittama u nawgura li dan jerġa' jirranka fix-xogħol tiegħu issa li s-sitwazzjoni ġejja għan-normal.

Inrodd ħajr lil kull min ħa sehem f'dan l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika, u li ta l-kontribut tiegħu.

Il-Konvenzjoni Kostituzzjonali eventwalment ser tkun qiegħda tgħarbel dawn il-proposti u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Parlament.

It-tama tiegħi hija li dak kollu li niddeċiedu li nagħmlu jkun fl-aħjar interess ta' pajjiżna u jkompli jsaħħaħ is-saltna tad-dritt, id-demokrazija u l-ġustizzja.

**NOTI DWAR IL-KONVENZJONI KOSTITUZZJONALI**

GEORGE VELLA
PRESIDENT TA' MALTA

---

Fil-"Forum tal-President" li kien żamm il-President Abela seba' u tmien snin ilu, kien diġà ġie maqbul li "*issa hemm qbil ġenerali li l-Kostituzzjoni Maltija waslet għal tibdil ferm iktar radikali minn dak li sar s'issa*". Baqgħet imdendla l-mistoqsija dwar "*jekk it-tibdil għandux jieħu sura ta' emendi ad hoc jew jekk Kostituzzjoni ġdida għandiex tkun abbozzata u mressqa għall-approvazzjoni tal-Parlament u tal-elettorat*".

Il-President Abela qal: "*jekk Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (tissejjaħ x'tissejjaħ), tabbozza Kostituzzjoni ġdida li mbagħad tkun approvata mill-Parlament Malti u mill-poplu Malti, allura tkun [...] tirrifletti aħjar il-prinċipju fundamentali tad-demokrazija li l-poter kollu tal-Istat huwa mogħti lill-poplu u għandu joħroġ mill-poplu*".

Taħt il-Presidenza ta' Dr Marie-Louise Coleiro Preca, tlaqqa' l-ewwel Steering Committee dwar ir-Riforma Kostituzzjonali f'Novembru 2018. Kien hemm qbil li r-Riforma Kostituzzjonali għandha tkun olistika u mhux "piecemeal". Intqal li dan kien se jkun l-ewwel darba fl-istorja fejn il-poplu se jiġi kkonsultat dwar ir-Riforma Kostituzzjonali. Intqal ukoll li kien ta' importanza vitali li wieħed jieħu nota tar-Rapport mill-Kummissjoni ta' Venezja li kien mistenni joħroġ fi żmien xahar.

L-Isteering Committee għamel laqgħat ma', u sema' lil numru kbir ta' individwi u għaqdiet interessati f'dan l-eżerċizzju. F'laqgħa fi Frar 2019 spjega li "*l-proċess għar-Riforma Kostituzzjonali se jinkludi wkoll konsultazzjoni mal-NGOs kollha, is-soċjetà ċivili, il-korpi kostituzzjonali, il-Kunsilli Lokali, il-każini tal-baned, u l-pubbliku inġenerali*".

Fid-Diskors tal-Ħatra tiegħi bħala President tar-Repubblika, fl-4 ta' April 2019, filwaqt li rrikonoxxejt il-ħidma li kienet diġà bdiet titwettaq mill-predeċessuri tiegħi, stqarrejt li: "*Bħala President għandi ħerqa kbira biex dan il-proċess inwettquh bis-serjetà mistħoqqa, b'konsultazzjoni ma' esperti fil-qasam, pariri*

*minn studjużi u akkademiċi f'din il-materja, bil-kontribut tal-politiċi, il-kontribuzzjoni tas-soċjetà ċivili, l-għaqdiet volontarji, individwi interessati, u bil-kontribut tal-oqsma kollha tas-soċjetà.*

*Dan irid ikun eżerċizzju l-aktar wiesgħa, li jinkludi diskussjonijiet maturi u infurmati tajjeb, biex naslu għal dak li għandna bżonn inbiddlu u naqblu fuqu. B'hekk insaħħu l-Kostituzzjoni tagħna għall-aħjar.*

*Dan l-eżerċizzju għandu jkun miftuħ kemm jista' jkun, u jaf possibbilment anke jiżvolġi f'Konvenzjoni Kostituzzjonali.*

*Minkejja li jinħass il-bżonn li jsir it-tibdil meħtieg mingħajr dewmien, jien nemmen li rridu nimxu bil-galbu, u filwaqt li jkun hemm l-effiċjenza, hemm bżonn li wieħed jevita l-għaġla bla bżonn".*

Il-qtil brutali tal-ġurnalista s-Sinjura Daphne Caruana Galizia f'Ottubru 2017 kellu impatt qawwi ħafna fuq il-kamp politiku, u fuq l-attivisti tas-soċjetà ċivili, li taħt formazzjoni jew oħra, qawwew l-għajta tagħhom għal liġijiet u tibdil kostituzzjonali biex tissaħħaħ is-Saltna tad-Dritt.

Ir-rakkomandazzjonijiet li kienu saru fir-Rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja f'Diċembru 2018, bdew jiġu invokati u l-għajta kienet biex dawn jiġu mwettqa.

Fi ħdan l-Isteering Committee għar-Riforma Kostituzzjonali, id-diskussjoni, minn waħda ġenerali dwar x'għandu jsir biex tiġi rriformata l-Kostituzzjoni, bdiet tiċċentra ruħha lejn waħda speċifika dwar ir-rakkomandazzjonijiet li kien hemm fir-Rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja.

Qabel is-sajf tal-2019, il-Kumitat kien qabel li jiġi varat sit elettroniku li fuqu kull min kellu xi suġġerimenti, proposti, jew pariri x'jagħti dwar kif jistgħu jsiru riformi fil-Kostituzzjoni, kien mistieden jagħmel dan fuq dan is-sit. Dan il-proċess dam għaddej xhur twal, u r-rispons kien inkoraġġanti ħafna. Il-materjal li ġie mqiegħed fuq dan is-sit, ġie analizzat b'mod oġġettiv, u dalwaqt jiġi ppubblikat rapport, li b'mod ċar jagħti informazzjoni dwar kemm ipparteċipaw nies f'dan l-eżerċizzju; x'kienu s-suġġetti li saru proposti fuqhom; informazzjoni dwar liema kienu l-aktar suġġetti li saru proposti fuqhom; u anke x'kienu jgħidu dawn il-proposti.

Aktar ma għadda ż-żmien, aktar id-diskussjoni ċċentrat fuq kif se jiġu ttrattati r-rakkomandazzjonijiet li għamlu l-Kummissjoni ta' Venezja, li kienu qegħdin jiġu deskritti bħala urġenti ħafna. Il-Kumitat beda jservi ta' forum fejn iż-żewġ naħat politiċi kienu jiddibattu dwar kif u sa fejn għandhom jiġu aċċettati u mwettqa dawn ir-riformi.

Irid jingħad li dawk ir-rakkomandazzjonijiet li kienu għamlu l-membri tal-Kummissjoni ta' Venezja ma kinux xi sorpriża, għaliex irid jingħad li saħansitra mill-ewwel laqgħat tal-Forum tal-President, kien hemm diġà referenza ċara li dawn il-materji kellhom ikunu fost l-ewwel li jinbidlu jekk verament ridna li jkollna aktar Saltna tad-Dritt, u aktar separazzjoni ċara ta' poteri bejn l-Eżekuttiv, il-Leġiżlattiv, u l-Ġudizzjarju.

Jien sodisfatt li t-tibdil li sar sa issa li jinkludi liġijiet mgħoddija mill-Parlament konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, u dak li jidher li se jsir fil-futur qarib f'dak li għandu x'jaqsam mal-pariri tal-Kummissjoni ta' Venezja, xi ftit jew wisq inħema fid-diskussjonijiet fi ħdan l-Isteering Committee.

Li dawn ir-riformi jingħataw prijorità, u jiġu diskussi kif ġew, separati mid-diskussjoni ġenerali dwar it-tibdil li għandu bżonn isir fil-Kostituzzjoni, ma jinkwetanix, għaliex dawn ir-riformi riedu jsiru, u fl-aħħar mill-aħħar ikunu parti mir-Riforma Kostituzzjonali li rridu nwettqu, kif għandha titbiddel il-Kostituzzjoni.

Nazzarda ngħid li l-Konvenzjoni Kostituzzjonali ma tkunx prekluża milli tikkritika jew tipprova ttejjeb dak li se jkun ġie miftiehem jekk ikun hemm min jaħseb li l-affarijiet setgħu kienu aħjar.

**Taf tqum il-mistoqsija: "jekk nagħmlu dawn ir-riformi, se jkun hemm bżonn li tissejjaħ Konvenzjoni Kostituzzjonali?".**
**Qabelxejn xi tkun din il-Konvenzjoni Kostituzzjonali?**

Il-Konvenzjoni Kostituzzjonali hija laqgħa tal-akbar numbru possibbli ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet, partiti politiċi, is-soċjetà ċivili, NGOs, akkademiċi, u ċittadini inġenerali, biex bl-aktar mod demokratiku u miftuħ jiddiskutu l-proposti li saru mill-pubbliku inġenerali dwar tibdil li għandu jsir fil-

Kostituzzjoni tagħna. Il-bażi ta' dawn id-diskussjonijiet għandu jkun il-materjal li twassal lill-Isteering Committee bħal dokumenti u kontribuzzjonijiet fuq is-sit miftuħ apposta għal xhur twal.
Il-Konvenzjoni strettament għandha l-inkarigu li tgħarbel il-proposti magħmulin mill-poplu u tiddeċiedi fuq kull proposta, wara diskussjoni miftuħa dwar jekk tali proposta huwiex ta' min jaqbel magħha u jirrakkomandaha biex tiġi adottata mill-Parlament.

Il-Konvenzjoni mhux se jkollha poteri eżekuttivi, imma tagħmel rakkomandazzjonijiet. Fl-aħħar mill-aħħar, id-dritt li jbiddel u jadotta liġijiet jibqa' tal-Parlament, jew f'xi każ partikolari, direttament tal-poplu permezz ta' xi referendum.

**X'inhu l-għan aħħari tal-Konvenzjoni Kostituzzjonali?**

Il-Konvenzjoni mistennija tqis dan it-tibdil li qiegħed iseħħ fuq pariri tal-Kummissjoni ta' Venezja, bħala parti mit-tibdil Kostituzzjonali. Mhumiex esklużi kritika u suġġerimenti ġodda dwar dawn il-bidliet.

Xogħol il-Konvenzjoni jkun li tgħarbel dawk il-proposti li saru matul il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Isteering Committee.

Il-Konvenzjoni mistennija tiddeċiedi liema proposti tirrakkomanda u liema twarrab.

Fl-aħħar nett, il-Konvenzjoni tkun mistennija tgħaddi dawn ir-rakkomandazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Parlament.

**Hemm bżonn li titlaqqa' Konvenzjoni Kostituzzjonali?**
**Ma jistgħux it-tibdiliet meħtiega jkomplu jsiru kif se jsiru issa dawk irrakkomandati mill-Kummissjoni ta' Venezja?**

It-tlaqqigħ ta' Konvenzjoni, apparti li ġie mwiegħed, għandu l-vantaġġ li jlaqqa' lir-rappreżentanti tal-poplu, biex jingħataw iċ-ċans, li wara kollox huwa dritt tagħhom, li jkunu parteċipanti attivi fid-diskussjonijiet dwar tibdil jew le fil-Kostituzzjoni. L-agħar li jista' jsir huwa li jintlaħaq ftehim, jew jittieħdu

deċiżjonijiet fil-magħluq, bejn rappreżentanti tal-partiti politiċi waħidhom, ’il bogħod mill-iskrutinju u s-sorveljanza tas-soċjetà ċivili.

Il-Kostituzzjoni hija tal-poplu, u sa fejn huwa possibbli, kull tibdil f’dan id-dokument irid isir fil-miftuħ, u bi proċess li kull min hu interessat għandu jkollu ċ-ċans li jipparteċipa fih u b’hekk jikkontribwixxi direttament jew indirettament fil-proċess ta’ dan it-tibdil.

**Min se jorganizzaha din il-Konvenzjoni?**

Konvenzjoni bħal din hija proċess ikkumplikat li jinvolvi organizzazzjoni, spejjeż, u riżorsi. Trid tinstab il-persuna li se tmexxi; iridu jinstabu n-nies adatti li se jgħinu; iridu jinstabu l-fondi neċessarji; irid jinstab il-post fejn se tinżamm. Aktar minn hekk, irid ikun hemm aġenda, kif ukoll jiġi maqbul dwar kif se taħdem, (laqgħat plenarji, laqgħat fi gruppi ta’ ħidma, eċċ.), kif ukoll idea ta’ kemm wieħed jaħseb li għandha ddum din il-Konvenzjoni.

Wieħed jista’ jiddeċiedi li jitwaqqaf kumitat organizzattiv li jieħu ħsieb li jittratta dawn il-punti, u jitħalla f’idejh biex jinstab min se jkun is-CEO tal-Konvenzjoni biex huwa jibda jorganizza dan l-eżerċizzju.

Altrimenti wieħed jista’ jibda billi bi qbil, tinstab persuna idonea, li jkollha dawk il-kapaċitajiet li titlob organizzazzjoni ta’ Konvenzjoni bħal din, u tingħata l-inkarigu li torganizza dan l-eżerċizzju politiku u ċivili daqshekk importanti.

**Mistoqsija importanti hija dwar x’forma se tieħu u x’daqs se jkollha din il-Konvenzjoni.**

Fl-istorja politika ta’ pajjiżna ma kellniex okkażjonijiet bħal dawn biex forsi jiggwidawna. L-eqreb li qatt kellna kienu Assembleji Kostitwenti bħal tal-1947, u sa ċertu punt anke dik tal-1919.

Il-punt tat-tluq irid ikun li Konvenzjoni bħal din trid tagħti spazju kemm jista’ jkun lis-soċjetà ċivili, taħt il-forom differenti kollha li nsibu fostna. Irid ikun assigurat li l-partiti politiċi, filwaqt li jkollhom vuċi kif mistenni, ma jkollhomx preżenza u saħħa li biha jegħlbu, u jiddominaw il-vuċijiet u l-opinjonijiet ta’ gruppi li jiffurmaw is-soċjetà ċivili.

Wieħed jifhem li mhux possibbli min-naħa l-oħra li jkun hemm preżenti kulħadd. Irid ikun hemm qbil dwar kemm għandu jkun hemm parteċipanti f'din il-Konvenzjoni. Huwa żgur li l-partiti politiċi, l-istituzzjonijiet, l-organi nazzjonali, għaqdiet ta' ħaddiema u ta' min iħaddem, il-Kamra tal-Kummerċ, istituzzjonijiet edukattivi, korpi professjonisti, akkademiċi, u entitajiet oħra nazzjonali, iridu jkunu rrappreżentati bi dritt.

Għal dawn ikun hemm allokat numbru ta' delegati. Dan in-numru ikun anqas min-numru ta' delegati li se jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili.

Din tal-aħħar tkopri l-organizzazzjonijiet kollha f'pajjiżna li huma għaqdiet volontarji, u NGOs.

Wieħed jifhem illi mhux l-għaqdiet volontarji u l-NGOs kollha li jiffurmaw is-soċjetà ċivili, li jgħoddu aktar minn elf u seba' mija, jistgħu jiġu rrappreżentati direttament. Bilfors irid isir proċess ta' għażla biex jintgħażel numru ta' persuni minn fost dawk li jkunu ġew innominati biex jirrappreżentaw lil dawn l-entitajiet.

Jien inħoss li jekk wieħed jipprospetta li jkun hemm 120 delegat fil-Konvenzjoni, dawn jistgħu jiġu mqassma bħala 40 fil-mija li jirrappreżentaw lil min jirrappreżenta lill-organi u l-korpi istituzzjonali, edukattivi, u tad-dinja tax-xogħol, u lill-akkademja, fost oħrajn, u 60 fil-mija ikunu rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Dan ikun ifisser li minn 120, 48 jirrappreżentaw lill-ewwel grupp, u 72 jirrappreżentaw lit-tieni grupp. (Dawn huma biss figuri tentattivi).

Għaqdiet u entitajiet fl-ewwel grupp jiġu allokati n-numru ta' delegati li se jirrappreżentawhom fil-Konvenzjoni. Dawn se jkunu hemm żgur.

Fil-każ tal-għaqdiet tas-soċjetà ċivili, wieħed jista' jitlob lil kull għaqda li tkun interessata li tipparteċipa biex tinnomina persuna li tkun tixtieq tirrappreżentaha. Jekk in-numru ta' dawk nominati ma jaqbiżx it-72, allura kollha jiġu aċċettati bħala delegati tal-Konvenzjoni. Jekk in-numru jkun akbar, kif probabbilment se jkun, allura minn dawk kollha nominati biex ikunu delegati, jittellgħu bix-xorti l-ewwel 72 isem.

(Dawn il-figuri li qegħdin jissemmew hawnhekk jistgħu jinbidlu.)

**Kemm se jieħu żmien dan l-eżerċizzju?**

Eżerċizzju bħal dan irid jingħata ż-żmien għax id-diskussjonijiet jieħdu ż-żmien tagħhom. Wieħed jifhem li idealment dan il-proċess jitħaffef. Imma wieħed japprezza li filwaqt li m'għandux jinħela żmien fi tkarkir ta' diskussjonijiet li ma jwasslu mkien, trid tiġi evitata għaġla żejda li ma tgħinx biex isiru l-affarijiet kif suppost.

Li wieħed irid iżomm f'rasu huwa li dan il-proċess idealment joħloq arja ta' diskussjoni 'l bogħod mill-partiġġjaniżmu, u aktar iffukata fuq dibattiti serji u informati li jwasslu għall-ġid tal-Poplu Malti u Għawdxi, permezz ta' aġġornament ta' dokument (il-Kostituzzjoni) li jassigura l-ħarsien tas-Saltna tad-Dritt u li jipprovdi miżuri ta' "checks and balances" biex ma jkunx hemm lok ta' abbużi.

Dan mhux proċess li se jsir f'ġimgħa jew tnejn. Irid mill-anqas sena jew sena u nofs, bil-laqgħat jiġu appuntati qrib xulxin jew aktar imbegħdin, skont kif ikun sejjer l-andament tad-diskussjonijiet. Dan ikun parti mix-xogħol ta' min ikun qiegħed imexxi l-Konvenzjoni.

Li wieħed irid iżomm f'moħħu huwa li elezzjoni ġenerali f'pajjiżna ma tistax issir aktar tard minn Ġunju jew Settembru 2022.

Minbarra dan, wieħed irid iqis ukoll li, jekk il-proċess Parlamentari biex ikun hemm riżoluzzjoni dwar li tissejjaħ Konvenzjoni jsir meta jerġa' jitlaqqa' l-Parlament, xorta jibqgħu d-diffikultajiet imposti mill-COVID-19, u l-miżuri preventivi rrakkomandati mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, li kif inhuma fil-preżent, jipprekludu milli titlaqqa' xi forma ta' Konvenzjoni bil-preżenza fiżika ta' madwar 150 ruħ (bejn deputati u uffiċjali inkarigati). Dan jagħmilha diffiċli li wieħed jagħmel timeframe għal dan il-proċess.

11.09.20

# Xi trid tara s-Soċjetà Ċivili f'Kostituzzjoni Ġdida

Frans Camilleri & Dr Joey Reno Vella

Ir-reviżjoni tal-Kostituzzjoni tal-1964 huwa proċess li twettaq tul perjodu ta' sittin sena, daqqa b'tibdil radikali u daqqa b'tibdil inqas estensiv, hekk kif il-leġiżlaturi ta' Malta fittxew ta' spiss li jadattaw id-dokument oriġinali għar-realtajiet u l-ħtiġiet taż-żmien li kienu għaddejjin minnu. Il-proċess ħa impetus ġdid fl-aħħar seba' snin, partikularment għaliex il-ħtieġa li ssir reviżjoni tal-Kostituzzjoni kiseb appoġġ popolari.

Wara x-xogħol inizjali li beda taħt il-Presidenzi ta' Dr George Abela u ta' Ms Marie-Louise Coleiro-Preca, l-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella, President ta' Malta, nieda konsultazzjoni pubblika aċċessibbli u inklussiva li ppermettiet lil mijiet ta' individwi u organizzazzjonijiet biex jgħidu tagħhom dwar il-ġejjieni tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Tul perjodu ta' sitt xhur saru 520 sottomissjoni. Lista u sommarju ta' dawn is-sottomissjonijiet tinsab fid-dokument taħt it-titlu "What do the People want to see in their New Constitution".

Madankollu, qabel beda l-eżerċizzju tal-konsultazzjoni pubblika, l-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika kien irċieva diversi sottomissjonijiet mingħand individwi u organizzazzjonijiet nongovernattivi li kienu ħadu l-inizjattiva li janalizzaw il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u mbagħad għamlu suġġerimenti u proposti kif din tista' sservi aħjar lill-pajjiż u lill-poplu. Ma' dawn żdiedu wkoll dokumenti oħra speċifikati mill-Kumitat Kostituzzjonali ppresedut mill-President.

Is-sottomissjonijiet li għandu quddiemu l-Kumitat Kostituzzjonali jinkludu dawk mit-Today Public Policy Institute (TPPI), il-European Law Students' Association (ELSA), il-Professur Kevin Aquilina (eks Dekan tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta), il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, Dr Luke Dalli (li kiteb dwar is-suġġerimenti magħmula minn Dr Michael Briguglio, l-Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Professur Raymond Mangion), Il-Forum tal-President, L-Uffiċċju tal-Presidenza (Dr George Abela), Il-Kummissjoni għar-Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja (Kummissjoni ta' Bonello), Kumitat Magħżul tal-Kamra tar-Rappreżentanti,

il-Partit Demokratiku, il-Front Maltin Inqumu, u Dr Marc Sant (f'teżi tiegħu). Għall-iskop ta' referenza, sommarju tad-dokumenti kollha huwa mehmuż ma' dan ir-rapport.

Sabiex tkun tista' ssir analiżi aktar faċli tas-sottomissjonijiet, sottokumitat magħmul mill-firmatarji ta' dan ir-rapport, stabbilixxa 16-il kategorija li fihom qassam il-proposti diversi li saru mis-Soċjetà Ċivili.

**Il-kriterji li fuqhom tmexxiet l-analiżi.**

Dawn is-sottomissjonijiet imbagħad kienu analizzati mis-sottokumitat biex jistabbilixxi ma' liema minn erba' kriterji speċifikati mill-Kumitat kienu jikkonformaw. L-erba' kriterji kienu:

1. Emendi għal liġijiet li jipprovdu għal istituzzjonijiet kostituzzjonali (p.e. l-Att dwar Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, l-Ordinanza tax-Xandir, u l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali);
2. Proposti għal liġijiet jew emendi għal liġijiet eżistenti li jirregolaw xi waħda mit-tliet materji li ġejjin:
    i. il-kompożizzjoni u l-funzjonijiet ta' xi waħda mit-tliet pilastri tal-Istat, jiġifieri l-Leġiżlatura, l-Eżekuttiv, u l-Ġudikatura;
    ii. ir-relazzjoni bejn dawn it-tliet pilastri;
    iii. ir-relazzjoni ta' dawn it-tliet pilastri maċ-ċittadin, u b'mod partikulari d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem; u
3. Proposti li ma jaqgħux taħt xi waħda minn dawn it-tliet kriterji iżda li għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet kompetenti, skont is-suġġett, għal kunsiderazzjoni ta' xi azzjoni meħtieġa.

**Il-Kategoriji ta' Proposti**

Is-sottomissjonijiet magħmula mis-Soċjetà Ċivili mbagħad kienu analizzati biex ikun determinat f'liema kategorija kellhom jitpoġġew. Sottomissjoni minnhom kellha iżjed minn mitt proposta. Oħrajn kellhom bejn 17 u 46 proposta. Ħafna sottomissjonijiet kellhom oqsma komuni, għalkemm il-proposti magħmula fihom, anki meta kienu jindirizzaw l-istess suġġett, mhux neċessarjament kienu jaqblu ma' xulxin jew inkella kienu jesprimu opinjonijiet differenti dwarhom. Hekk, xi wħud ipproponew li l-President għandu jkollu aktar setgħat, waqt li oħrajn riduhom limitati. L-elezzjoni tal-President permezz ta' kunsens aktar wiesa' kienet waħda li kulħadd qabel magħha, waqt li l-metodu ta' kif ikun elett ma kellux l-istess kunsens, fejn xi wħud insistew li dan għandu jsir mill-Parlament, waqt li oħrajn ipproponew li jsir direttament miċ-

ċittadini permezz ta' referendum. Kien hemm ukoll opinjonijiet differenti sew dwar aspetti oħra tal-Kostituzzjoni.

L-għadd totali ta' proposti magħmula fis-sottomissjonijiet kien ta' 453. Ir-riżultati tat-tqassim tal-proposti f'kategoriji differenti huwa muri fit-tabella t'hawn taħt.

| Proposti skont il-Kategorija | |
|---|---|
| | |
| **Il-Proċess ta' Reviżjoni Kostituzzjonali** | 13 |
| **Tibdiliet Kostituzzjonali (mhux imsemmija f'kategoriji speċifiċi)** | 72 |
| **Il-Presidenza** | 60 |
| **L-Istat** | 23 |
| **Setgħat Eżekuttivi** | 33 |
| **Il-Parlament** | 66 |
| **Il-Ġudikatura** | 42 |
| **Is-Sistema Ġudizzjarja** | 3 |
| **Reviżjoni ta' Liġijiet** | 3 |
| **Is-Settur Pubbliku** | 8 |
| **Istituzzjonijiet/Entitajiet/Awtoritajiet** | 55 |
| **Amministrazzjoni Ħażina u Rimedji** | 15 |
| **Drittijiet tal-Bniedem** | 37 |
| **Gvern Lokali/Għawdex** | 5 |
| **Sistema Elettorali u Elezzjonijiet** | 15 |
| **Midja/Soċjetà Ċivili** | 3 |
| | |
| **Total** | **453** |

Kif intqal aktar 'il fuq, is-sottokumitat kellu jagħti parir dwar il-konformità tal-proposti differenti ma' erba' kriterji. Minħabba l-fatt li subkategoriji partikulari kien fihom proposti multipli, saret ukoll analiżi tal-frekwenza ta' kull proposta. Ir-riżultati huma murija fit-tabella t'hawn taħt, li turi l-frekwenza ta' kull proposta skont xi waħda mill-erba' kriterji.

Il-frekwenza tal-Kriterju 1 kienet ta' 356 proposta, dik tal-Kriterju 2 kienet ta' 12, u dik tal-Kriterju 3 kienet 85. Ma kien hemm l-ebda proposta li tikkonforma mal-Kriterju 4. Hemm ċertu element ta' ġudizzju suġġettiv fl-allokazzjoni ta' proposti partikulari skont il-kriterji differenti, u dan minħabba li numru sostanzjali minnhom setgħu jikkonformaw ma' aktar minn kriterju wieħed, jew setgħu jikkonformaw ma' kriterju jew ieħor, skont l-interpretazzjoni tal-proposta partikulari.

| Frekwenza tal-Kriterji skont il-Proponent u Proposta | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Kriterju 1** | **Kriterju 2** | **Kriterju 3** | **Total** |
| **TPPI** | 31 | 1 | 9 | 41 |
| **European Law Students Association** | 64 | 1 | 6 | 71 |
| **Prof. Kevin Aquilina** | 77 | 1 | 38 | 116 |
| **Il-Kummissjoni ta' Venezja** | 20 | 1 | 10 | 31 |
| **Luke Dalli (Teżi)** | 26 | 3 | 4 | 33 |
| **Il-Forum tal-President** | 42 | 2 | 2 | 46 |
| **Il-Presidenza** | 8 | 0 | 3 | 11 |
| **Il-Kummissjoni ta' Bonello** | 11 | 0 | 2 | 13 |
| **Kumitat Magħżul - Parlament** | 23 | 0 | 2 | 25 |
| **Partit Demokratiku** | 23 | 1 | 5 | 29 |
| **Front Maltin Inqumu** | 16 | 1 | 0 | 17 |
| **Marc Sant (Teżi)** | 15 | 1 | 4 | 20 |
| **Total** | **356** | **12** | **85** | **453** |

## L-aktar proposti frekwenti

Mill-analiżi tagħhom irriżulta li l-ħolqien ta' Kunsill tal-Istat, it-tneħħija tal-funzjonijiet doppji tal-Avukat Ġenerali, u l-mod kif isiru ħatriet f'ċerti kummissjonijiet u istituzzjonijiet nazzjonali, attiraw l-ogħla numru ta' adeżjoni.

Proposti li jippromwovu setgħat usa' għall-President ta' Malta kif ukoll il-mod kif ikun elett, issemmew b'mod frekwenti wkoll għax iż-żewġ suġġetti ssemmew ta' spiss ukoll. Iżda kien hemm diversità ta' fehmiet dwar il-metodu eżatt ta' kif dan jista' jsir. Hekk, xi wħud ipproponew li l-President ikun elett b'maġġoranza ta' tnejn minn kull tlieta mill-Parlament, oħrajn b'maġġoranza kwalifikata, waħda partikulari li dan isir mill-Parlament u s-sindki f'daqqa, u oħra mill-Parlament, u f'każ li le, permezz ta' elezzjoni popolari.

Suġġetti u materji oħra li ġġeneraw interess kienu jinkludu l-kanċellazzjoni ta' liġijiet antikostituzzjonali; il-metodu tal-implimentazzjoni tat-tneħħija tal-President, ir-rwol tal-President bħala Gwardjan tal-Kostituzzjoni; il-funzjonijiet ta' Kunsill tal-Istat; il-ħatra, il-funzjonijiet u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja; il-ħolqien ta' Prosekutur Ġenerali; u rwol imnaqqas għall-Avukat Ġenerali.

Proposti relatati mas-setgħat tal-Ispeaker; l-awtonomija tal-Parlament u r-riżorsi li għandu jingħata; ir-rwol ta' Membri tal-Parlament u jekk għandhomx ikunu full-time, sistema elettorali aħjar; regolazzjoni aktar dettaljata tal-Ġudikatura; il-ħatra taċ-

Chairman tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja; u reviżjoni tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wkoll issemmew diversi drabi.

Xi proposti li ssemmew inqas ta' spiss kienu jinkludu, fost oħrajn, is-Supremazija tal-Kostituzzjoni; in-newtralità u n-nonallinjament; il-mod kif jintgħażel il-President u s-sigurtà tiegħu; kif ukoll il-ħtieġa li jissaħħaħ l-Uffiċċju tal-Ombudsman.

L-*interregnum* tal-Parlament; il-projbizzjoni ta' ċerti persuni milli jsiru President; jew id-dritt għal amministrazzjoni pubblika tajba wkoll sabu xi appoġġ, għalkemm mhux daqshekk wiesa'.

18 ta' Ġunju, 2020

## **Lista ta' Dokumenti**:

- A Review of the Constitution of Malta at Fifty: Rectification or Re-Design?, Today Public Policy Institute, 2014.
- Constitutional Reform - The Way Forward, European Law Students Association, 2016.
- Constitutional Change – Proposals for Reform, Prof. Kevin Aquilina.
- "The Offices of the President and the Prime Minister of Malta: A Way Forward", Teżi sottomessa minn Dr Luke Dalli lill-Fakultà tal-Liġi, 2013 u sottomessa lill-E.T. il-President.
- Opinion on "Constitutional Arrangement and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement", European Commission for Democracy through Law (Venice Commission), 2018.
- Final Report of the Commission for a Holistic Reform in the System of Justice (Bonello Commission), 30 November, 2013.
- The President's Forum on the Maltese Constitution, 2012.
- Proposti ta' Tiġdid, Office of the President.
- Preliminary Report of the Select Committee on Constitutional Amendments, House of Representatives, 1989.
- Riforma Kostituzzjoni - It-Triq 'il Quddiem, Sottomissjoni lill-Isteering Committee għal Riforma Kostituzzjonali, Partit Demokratiku, 2019.
- Ittra bid-data tat-8 ta' Jannar 2019 mill-Front Maltin Inqumu lill-E.T. il-President.
- Kostituzzjoni għas-Servizz tal-Poplu, Diskors mill-Ombudsman Parlamentari, il-Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino waqt it-Tielet Forum tal-President, April 2013.
- Proposals for a Constitutional reform agenda in Malta – Teżi sottomessa minn Dr Marc Sant lill-Fakultà tal-Liġi, L-Università ta' Malta, Ġunju 2008 u sottomessa lill-E.T. il-President.
- What do the People want to see in their New Constitution – Review of the Submission put forward during the Public Consultation Process.

## Parti A: Proposti tat-Today Public Policy Institute

| Nru | Tema | Nuqqas jew difett u Proposta relatata |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | Newtralità/ nonallinjament | Il-klawżola ma tirriflettix ir-realtajiet tal-lum.<br>L-Artikolu 1(3) għandu jinżamm iżda għandu jkun emendat biex jirrifletti r-realtajiet tal-lum, waqt li nżommu n-newtalità ta' Malta iżda fil-kuntest tal-Politika Komuni u tas-Sigurtà Barranija. |
| 2 | Is-Separazzjoni tal-Istat u l-Knisja - Għarfien tal-etereoġenità | L-etereoġenità tas-soċjetà ma tingħatax biżżejjed attenzjoni. Għandu jinżamm "l-unur primarju" tar-Reliġjon Kattolika iżda jingħata għarfien lin-natura ta' soċjetà Maltija b'diversi fidi, u jkun enunzjat formalment il-prinċipju ta' separazzjoni tal-Istat mill-Knisja. |
| 3 | Governanza Tajba | Hemm bżonn prinċipji ġodda u enforzabbli relatati mal-governanza tajba.<br>Indaħħlu kapitolu ġdid li għandu jipprovdi għall-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat; l-istat tad-dritt; l-indipendenza tal-Ġudikatura; l-anonimità tas-servizz pubbliku; ir-responsabbiltà ministerjali individwali; u l-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni. |
| 4 | Liġijiet Invalidi | Għandna sitwazzjoni fejn liġijiet invalidi jibqgħu fil-korp ta' liġijiet.<br>Il-Qorti Kostituzzjonali għandha tkun bla ekwivoku l-istituzzjoni li tiddikjara liġijiet invalidi. Sentenzi ta' dan it-tip għandhom ikunu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fi żmien ġimgħa u jsiru awtomatikament *res judicata*. Il-Parlament ikun obbligat li jikkoreġi l-liġi bla dewmien. |
| 5 | Drittijiet ġodda | Il-Kostituzzjoni għandha sservi l-poplu mhux viċe versa. L-organi tal-Istat għandu jkollhom "duty of care".<br>Indaħħlu kapitolu ġdid li għandu jipprovdi għal drittijiet ġodda għal: amministrazzjoni tajba; Gvern trasparenti u miftuħ lejn iċ-ċittadin; il-ħarsien tal-minoranzi; il-ħarsien tal-informazzjoni diġitali; il-ħarsien tal-privatezza; l-aċċess għall-ICT; l-aċċess għal informazzjoni fil-pussess tal-Gvern; rimedju adegwat kontra l-amministrazzjoni pubblika; id-drittijiet tat-tfal; id-drittijiet tal-anzjani; id-drittijiet tal-vulnerabbli/żvantaġġati; il-ħarsien kontra diskriminazzjoni sesswali, razzjali, tal-ġeneru u ta' natura oħra; ambjent san; għarfien u infurzar tad-drittijiet ta' ġenerazzjonijiet futuri; ekwità interġenerazzjonali fl-isferi ekonomiċi, soċjali u ambjentali; żvilupp sostenibbli; il-legalità; il-proporzjonalità; is-sussidjarjetà; l-ugwaljanza; trattament ġust; raġunevolezza; il-kontabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika; imġiba amministrattiva tajba minn tribunali amministrattivi. |

| | | |
|---|---|---|
| 6 | Il-Presidenza - Terminu sigur | Il-President m'għandux terminu ta' uffiċċju sigur.<br>Issir emenda tal-Artikolu 48(2)(a) biex jipprovdi għal terminu fiss ta' bejn 7-9 snin; jew biex jipprovdi għar-rielezzjoni tal-President (Artikolu 48(3)(a)); u tal-Artikolu 48(3)(b) biex jipprovdi għal regoli ċari dwar kif jitneħħa. |
| 7 | Il-Presidenza - Konflitt ta' interess | Jista' jkun hemm konflitt potenzjali ta' interess meta l-Prim Imħallef jassumi l-Presidenza.<br>Issir emenda tal-Artikolu 50 biex titneħħa l-possibbiltà li l-Prim Imħallef jagħmilha ta' Aġent President ta' Malta (u dan jibda jsir mill-Ispeaker). |
| 8 | Il-Presidenza- eks Prim Ministri | Li eks Prim Ministru jista' jsir President jista' jitqies bħala partiġġjaniżmu.<br>Issir emenda tal-Artikolu 48(2) biex tipprojbixxi li eks Prim Ministri jsiru President. |
| 9 | Il-Presidenza - inqas partiġġjaniżmu | L-għażla tal-President għandha tkun inqas Partiġġjana.<br>Għandha ssir emenda tal-Artikolu 48(1) biex tipprovdi li l-għażla tal-President issir mill-Kabinett skont ir-rakkomandazzjoni ta' Kulleġġ Elettorali. |
| 10 | Il-Presidenza - Ħatriet ta' entitajiet | Għandu jkun hemm inqas indħil politiku fil-ħatra ta' kummissjonijiet, awtoritajiet, eċċ.<br>Il-President għandu jkun responsabbli, wara li jirċievi parir mill-Kunsill tal-Istat, li jaħtar il-Kummissjoni Elettorali, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, l-Awtorità tax-Xandir, u organi istituzzjonali ewlenin oħra (il-Kmandant tal-Forzi Armati, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà). |
| 11 | Il-Presidenza - Gwardjan | Il-funzjonijiet tal-President għandhom ikunu inqas ċeremonjali.<br>Għandha tissaħħaħ l-awtorità tal-President billi jsir il-Gwardjan tal-Kostituzzjoni u tal-integrità istituzzjonali. |
| 12 | Gwardjan fuq il-gwardjani | Is-sistema unikamerali tad-demokrazija għandha bżonn reviżjoni, biex tipprovdi forum għall-bdil ta' medda usa' ta' fehmiet u interessi, u inqas partiġġjaniżmu.<br>Isir provvediment għal Kunsill tal-Istat li jiffoka fuq oqsma speċifiċi u limitati tal-governanza, biex jaġixxi bħala "gwardjan fuq il-gwardjani". Ir-rwol tiegħu jista' jkun jinkludi skrutinju tal-leġiżlazzjoni tal-UE, il-ħatriet fis-servizz pubbliku (istituzzjonijiet, kummissjonijiet u awtoritajiet), u li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-President. |
| 13 | Il-Parlament - Riżorsi | Il-Parlament huwa mxekkel minn nuqqas ta' baġit u riżorsi.<br>Għandha tissaħħaħ l-awtonomija tal-Parlament u jingħata iżjed riżorsi. |
| 14 | Il-Parlament - Riżorsi tal-Kumitati | Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, kif ukoll kumitati permanenti oħra tal-Parlament, m'għandhomx ir-riżorsi biex jaqdu dmirijiethom.<br>Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi u kumitati permanenti oħra għandhom jingħataw aktar nies, finanzi, riċerka u mezzi oħra biex iżommu lill-Gvern kontabbli. |

| | | |
|---|---|---|
| 15 | Il-Parlament - MP full-time | Is-sistema ta' Membri Parlamentari part-time m'għadhiex sostenibbli.<br>Il-Parlament għandu jkun kompost minn MP full-time, li s-salarju tagħhom ikun marbut ma' dak ta' uffiċjali ewlenin fis-servizz pubbliku. |
| 16 | Kunsens għal-liġijiet | Hija anomalija li l-President, bħala Kap tal-Eżekuttiv, jagħti l-kunsens tiegħu għal-liġijiet.<br>Għandha issir emenda tal-Artikolu 72(2) biex tipprovdi li l-kunsens għal-liġijiet isir mill-Ispeaker. |
| 17 | Ir-rappreżentazzjoni parlamentari | Is-sistema elettorali m'għandhiex tiddiskrimina kontra Partiti żgħar.<br>Għandha tkun applikata l-ekwivalenza fil-proporzjonalità billi (1) ikunu allokati iżjed siġġijiet parlamentari skont is-sehem ta' kull Partit fil-voti fil-pajjiż kollu, anki jekk Partit politiku partikulari ma jkun rebaħ l-ebda kostitwenza waħda, u<br>(2) jitnaqqas it-threshold għal elezzjoni għal bejn 5-8%. |
| 18 | Finanzjament tal-Partiti | It-TPPI jieħu nota tal-abbozz ta' liġi li jirregola l-finanzjament tal-partiti politiċi.<br>Il-Kostituzzjoni għandha tinkludi referenza għall-finanzjament tal-partiti politiċi. |
| 19 | Riskju ta' gerrymandering | Għad hemm ir-riskju ta' gerrymandering.<br>Għandu jkun emendat l-Artikolu 56(1) biex ikun hemm distrett elettorali wieħed għal Malta kollha, bħalm'hu l-każ tal-elezzjonijiet parlamentari Ewropej. Il-kwota għal elezzjoni għandha titnaqqas. |
| 20 | *Interregnum* tal-Parlament | Mhux tajjeb li x-xogħol parlamentari jieqaf għalkollox waqt kampanja elettorali.<br>Il-perjodu ta' tliet xhur għal kampanja elettorali għandu jitnaqqas għal sitt ġimgħat. Il-Kumitat tal-Parlament dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej (jew il-Kunsill tal-Istat, jekk iffurmat) għandhom jibqgħu jiltaqgħu skont il-bżonn. |
| 21 | Parlament jissejjaħ lura għal raġunijiet speċifiċi | Iċ-ċirkustanzi meta l-Parlament jista' jissejjaħ lura waqt kampanja elettorali huma limitati wisq għal gwerra, sovverżjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi, jew emerġenzi pubbliċi.<br>Il-Parlament għandu jkollu d-dritt li jissejjaħ lura waqt kampanja elettorali jekk ikun hemm bżonn li jkun approvat xi Baġit, biex jimtlew postijiet vakanti importanti tal-Istat, għal mozzjonijiet ta' natura urġenti, għall-approvazzjoni ta' miżuri tal-UE, jew emerġenzi oħra. |
| 22 | Kodiċi ta' Etika - Membri Parlamentari | Il-Kodiċi ta' Etika jeħtieġlu reviżjoni.<br>Il-Kodiċi ta' Etika għandu jinkludi obbligi ta' probità u integrità, sens li ċ-ċittadini jiġu qabel, imparzjalità u xewqa li jirrendi lil kulħadd dak li jkun ħaqqu, l-oġġettività, ir-rispett lejn ir-raġuni, apprezzament tal-ġid komuni wiesa', il-kontabbiltà, it-trasparenza, aċċess miftuħ, onestà, ekwità, u ġustizzja. |

| | | |
|---|---|---|
| 23 | Kummissarju għall-Istandards Pubbliċi | Ir-rwol tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għandu jkun rikonoxxut.<br>Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għall-għarfien tal-ħatra u l-funzjonijiet tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. |
| 24 | Sospensjoni tal-Ordnijiet Permanenti | Is-sospensjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Parlament hija anomalija.<br>Provvediment biex Ordnijiet Permanenti ma jkunux sospiżi jekk Parlament ġdid ikun prorogat jew, jekk jiġu sospiżi, ikunu sospiżi għal perjodu limitat u għal raġunijiet speċifiċi definiti. |
| 25 | L-Ombudsman | L-uffiċċju tal-Ombudsman għandu jissaħħaħ.<br>Tidħol klawżola li tipprovdi għall-mod kif jinħatar l-Ombudsman, it-terminu tal-uffiċċju tiegħu, is-sigurtà tal-ħatra tiegħu, il-finanzjament tal-uffiċċju, u jittejbu l-kundizzjonijiet tas-servizz tiegħu biex ikunu bħal dawk tal-Awditur Ġenerali. |
| 26 | Rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman | Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jistgħu ma jkunux implimentati.<br>Jidħol provvediment biex il-Kamra tar-Rappreżentanti, permezz tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-Kamra, tkun tista' tiddibatti dawk ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman li ma jkunux ġew implimentati. |
| 27 | Konflitti bejn l-Ombudsman u l-Amministrazzjoni | M'hemmx mod kif ikunu solvuti konflitti bejn l-Ombudsman u l-Amministrazzjoni.<br>Għandu jkun hemm qorti jew tribunal, bħal ngħidu aħna Tribunal Amministrattiv ta' Reviżjoni, li jirrisolvi tilwimiet bejn l-Ombudsman u l-Amministrazzjoni. |
| 28 | Terminu tal-Gvern | M'għandux ikun li t-terminu tal-Gvern ikun suġġett għad-diskrezzjoni tal-Prim Ministru.<br>Issir emenda tal-Artikolu 76(5) biex tintroduċi terminu fiss għall-Gvern (id-data tal-elezzjoni ma tkunx il-prerogattiva tal-Prim Ministru). |
| 29 | Rwol akbar tas-soċjetà ċivili | Hemm bżonn ta' trasparenza akbar u iżjed involviment tas-soċjetà ċivili fil-ħatriet ewlenin.<br>Għandu jitwaqqaf Kulleġġ Elettorali kompost minn eks Presidenti, eks Prim Ministri, eks Speakers, eks Prim Imħallfin/Imħallfin, rappreżentanti ta' istituzzjonijiet akkademiċi, Kunsilli Lokali, u tas-soċjetà ċivili biex jipproponi lill-President nies li jistgħu jkunu maħtura fuq il-Kunsill tal-Istat. |
| 30 | L-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja - Setgħat - Awtoritajiet Indipendenti | Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja m'għandhiex biżżejjed setgħat.<br>Issir emenda tal-Artikolu 101(A) biex jingħataw aktar setgħat lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u biex jitwaqqfu tliet awtoritajiet indipendenti biex jgħinu fil-ħatriet ġudizzjarji, id-dixxiplina ġudizzjarja, u s-superviżjoni ġudizzjarja. |

| | | |
|---|---|---|
| 31 | L-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja - Nominazzjonijiet | In-nominazzjonijiet għall-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja m'għandhomx ikunu suġġetti għal kunsiderazzjonijiet politiċi.<br>Issir emenda tal-Artikolu 101(A) biex jitneħħa d-dritt tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni li jipproponu nominazzjonijiet għall-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. |
| 32 | Tneħħija ta' Ġudikant waqt kampanja elettorali | It-tneħħija ta' Ġudikatant m'għandhiex tieqaf minħabba kampanja elettorali.<br>Il-Parlament għandu jkollu s-setgħa li jiltaqa' waqt perjodu elettorali jekk qorti tal-ġustizzja kriminali ssib lil xi Mħallef jew Maġistrat ħati b'mod konklussiv ta' reat kriminali. |
| 33 | Prosekutur Ġenerali | Il-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali bħala prosekutur għandhom jitneħħewlu.<br>Jitneħħew il-provvedimenti tal-Artikolu 91(3) fejn jikkonċernaw is-setgħat tal-Avukat Ġenerali li jistitwixxi u jmexxi proċeduri kriminali, u dawn il-funzjonijiet jingħataw lil Prosekutur Ġenerali. |
| 34 | Il-Kabinett - Membri teknokratiċi | Il-Kabinett għandu bżonn ta' għajnuna teknokratika.<br>L-Artikolu 80 għandu jkun emendat biex jipprovdi li l-Prim Ministru jkollu l-awtorità li jaħtar għadd limitat ta' ministri fuq il-merti teknokratiċi tagħhom, anki jekk mhux eletti. Dawn ma jkollhomx vot fil-Parlament. |
| 35 | Il-Korruzzjoni u l-Konflitti ta' interess | Għandu jkun hemm tnaqqis tal-korruzzjoni u ta' konflitti ta' interess.<br>Għandu jkun hemm tisħiħ konsiderevoli tal-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur, ir-regoli fuq finanzjament tal-partiti politiċi, il-ħarsien tal-konsumatur, u ta' miżuri kontra l-korruzzjoni. |
| 36 | Abolizzjoni tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni | Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ma rnexxietx.<br>Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni għandha titneħħa u jingħataw setgħat investigattivi sħaħ lill-Prosekutur Ġenerali. |
| 37 | Is-Servizz Pubbliku | Is-servizz li jagħti s-Servizz Pubbliku għandu jitjieb, kif l-istess għandhom jagħmlu l-metodi ta' ħatriet u l-investigazzjoni ta' mġiba ħażina.<br>Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Merit Protection Commission għandhom ikunu inkorporati f'Kummissjoni għas-Servizzi Eżekuttivi li tkun aktar b'saħħitha, li xogħolha jkun jinkludi li tagħmel skrutinju independenti ta' ħatriet f'livell għoli fis-servizz pubbliku u f'aġenziji u entitajiet tal-Gvern. |
| 38 | Is-Servizz Nazzjonali tas-Sigurtà | M'hemmx kontabbiltà, għaliex il-warrants huma awtorizzati mill-Ministru responsabbli mis-Servizz tas-Sigurtà.<br>Il-warrants mogħtija lis-Servizz tas-Sigurtà għandhom ikunu ġudizzjarji u suġġetti għal reviżjoni ġudizzjarja mill-Kummissarju (Kapitolu 391, L-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà). |

| | | |
|---|---|---|
| **39** | **L-Integrità fil-Ħajja Pubblika** | **Għad hemm lok għal konflitti ta' interess bejn ix-xogħol privat tal-Membri Parlamentari u d-doveri pubbliċi tagħhom.<br>Il-Ministri u Segretarji Parlamentari għandhom jingħataw tliet xhur minn wara l-elezzjoni biex jieqfu mix-xogħol privat tagħhom, imħallas jew mhux, mal-Gvern jew volontarju.** |
| **40** | **Infurzar ta' liġijiet ordinarji** | **Mhux biżżejjed li nagħtu l-ħtija ta' nuqqasijiet fil-ħajja pubblika lil difetti fl-istituzzjonijiet.<br>Għandu jkun hemm bilanċ tajjeb bejn dak li tippreskrivi l-Kostituzzjoni u l-infurzar ta' liġijiet ordinarji.** |
| **41** | **Jiem Nazzjonali** | **Huwa ħela ekonomiku li l-pajjiż ikollu ħamest Ijiem Nazzjonali.<br>Il-Jiem Nazzjonali għandhom jitnaqqsu għal tnejn - Jum l-Indipendenza u Jum ir-Repubblika - għalkemm huwa preferibbli li jkun hemm waħda biss.** |

## Parti B: Proposti tal-European Law Students Association

| Nru | Tema | Nuqqas jew Difett u Proposta relatata |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Nonallinjament/ Newtralità** | Il-prinċipju ta' nonallinjament huwa skadut u kibru riskji ġodda (bħat-terroriżmu) li jeżiġu tweġibiet differenti. **Il-klawżola tal-Kostituzzjoni għandha tibqa', iżda tissaħħaħ. Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi biex il-Parlament ikun jista' juża d-diskrezzjoni tiegħu, b'vot ta' żewġ terzi, biex Malta tingħaqad ma' pajjiżi oħra biex tikkonfronta attakki u riskji.** |
| 2 | **Is-Separazzjoni tal-Istat u l-Knisja** | Il-Kostituzzjoni tiddiskrimina kontra reliġjonijiet u kulti oħra, meta ma ttihomx l-istess status. **Id-diskriminazzjoni fil-prattika hija projbita minn diversi liġijiet, iżda jeħtieġ li l-Kostituzzjoni tirrifletti dan.** |
| 3 | **Reliġjon u Etika** | Il-provvediment tal-Kostituzzjoni dwar it-tagħlim tar-reliġjon Kattolika huwa diskriminatorju. **Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal studenti li ma jipprattikawx ir-reliġjon Kattolika, billi tintroduċi studji tal-etika u tneħħi l-obbligu li xi ħadd joqgħod bilfors għal eżami ta' reliġjon. L-għażla għandha ssir mill-ġenituri jew mill-istudenti meta jilħqu l-età ta' maturità.** |
| 4 | **Is-Supremazija tal-Liġi Ewropea** | L-Artikolu 6 huwa kontradittorju, għaliex il-liġi Maltija m'għadhiex suprema fil-kuntest tal-UE. **Għandha ssir emenda tal-Kostituzzjoni biex tirrifletti r-realtà ġdida, fejn il-liġi tal-UE tipprevali f'każ ta' konflitt mal-liġi Maltija.** |
| 5 | **L-Istat tad-Dritt** | Għalkemm l-Istat huwa ggvernat mill-Istat tad-Dritt, il-Kostituzzjoni ma titkellimx dwar dan. **Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji għandha tinkludi definizzjoni tal-Istat tad-Dritt u teżiġi li tkun rispettata.** |
| 6 | **Separazzjoni tas-Setgħat** | F'Malta m'għandniex separazzjoni tas-setgħat, u dan jippermetti konċentrazzjoni tas-setgħa u l-abbuż tagħha. **Id-duttrina tas-separazzjoni tas-setgħat għandha tkun imniżżla bħala prinċipju u l-Gvern ikun suġġett għaliha.** |
| 7 | **L-Indipendenza tal-Ġudikatura** | Il-Kostituzzjoni ma tagħrafx dan il-prinċipju espliċitament. **Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji għandha tinkludi referenza speċifika għall-indipendenza tal-Ġudikatura.** |
| 8 | **Ir-Responsabbiltà Ministerjali Individwali** | M'għandniex responsabbiltà ministerjali individwali u l-Ministri mhumiex moralment responsabbli jew ħatja, għalkemm jirrispondu u huma kontabbli lejn il-Parlament. **Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal responsabbiltà ministerjali individwali.** |

| | | |
|---|---|---|
| **9** | **Prinċipji Oħra - Smigħ imparzjali** | M'għandniex dritt li persuna jkollha smigħ imparzjali waqt li hemm nuqqas fl-aċċess għal informazzjoni.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tibda tirrifletti l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, sabiex ikun hemm id-dritt li persuna jkollha smigħ quddiem entità imparzjali u fi żmien raġonevoli, inkluż l-aċċess għal informazzjoni li l-Gvern u entitajiet tiegħu għandhom fuqha**. |
| **10** | **Prinċipji Oħra - Amministrazzjoni tajba** | Hemm nuqqas fid-dritt għal amministrazzjoni tajba.<br>**Għalkemm l-Artikolu 496A(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi għal rimedju jekk atti amministrattivi jkunu oltre l-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni nnifisha għandha tipprovdi għal dan, inklużi rimedji prattiċi u eħfef.** |
| **11** | **Prinċipji Oħra - Trasparenza** | Għandna nuqqas ta' trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika.<br>**Il-prinċipju ta' trasparenza fl-amministrazzjoni tal-Gvern għandu jkun inkluż fil-Kostituzzjoni, sabiex in-negozjati u d-deċiżjonijiet kollha jkunu ppubblikati u suġġetti għal skrutinju.** |
| **12** | **Prinċipji Oħra - Ħarsien mid-diskriminazzjoni** | Il-ħarsien kontra diskriminazzjoni jeħtieġ titjib.<br>**Id-dritt għal ħarsien kontra diskriminazzjoni tal-ġeneru, sesswali, razzjali u ta' kull tip ieħor għandu jkun imniżżel bħala prinċipju, u mhux inferit minn xi artikolu ieħo**r. |
| **13** | **Prinċipji Oħra - Komunità LGBITQ** | Id-drittijiet tal-komunità LGBITQ jeħtieġu protezzjoni aħjar.<br>**Għakemm liġijiet varji jipprovdu għall-ħarsien tad-drittijiet tal-LGBITQ, il-Kostituzzjoni għandha tagħrafhom u tipproteġihom.** |
| **14** | **Iċ-Ċittadinanza** | Il-kunċett ta' ċittadinanza mhuwiex definit sew fl-Artikolu 22(2).<br>**Għalkemm hemm liġijiet individwali li jindirizzaw din il-materja, il-Kostituzzjoni nnifisha m'għandhiex definizzjoni tajba u tħalli r-regolazzjoni tagħha lilhom. Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal sigurtà aħjar taċ-ċittadinanza, speċjalment fil-każ ta' ċittadinanza doppja.** |
| **15** | **Ċittadinanza bl-IIP** | Il-persuni li jiksbu ċittadinanza permezz tal-IIP mhumiex protetti biżżejjed.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tissalvagwardja lil ċittadini li jiksbu ċ-ċittadinanza permezz tal-IIP.** |
| **16** | **Dritt tal-qima u l-libertà ta' espressjoni** | M'hemmx bilanċ tajjeb biżżejjed bejn id-dritt tal-qima u l-libertà tal-espressjoni.<br>**Sabiex ikun hemm bilanċ bejn l-Artikoli 40 and 41 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 41 għandu jkun emendat biex jipprovdi għal libertà ta' espressjoni bla limitu minkejja l-Artikoli 163 u 164 tal-Kodiċi Kriminali fejn jikkonċerna l-limiti tal-liġi dwar ir-reliġjon.** |
| **17** | **Libertà tal-kuxjenza u eżerċizzju ħieles tal-qima** | Għad hemm nuqqasijiet fid-dritt tal-liberta tal-kuxjenza u l-eżerċizzju ħieles tal-qima.<br>**Għandu jkun emendat l-Artikolu 40(1) biex jipprovdi speċifikament għad-dritt li wieħed jagħżel ir-reliġjon li jrid, mhux sempliċiment jeżerċita d-dritt tal-qima, permezz tal-"Protezzjoni tal-Għażla tar-Reliġjon".** |

| | | |
|---|---|---|
| **18** | **Estradizzjoni u sentenzi tal-mewt** | Ma jagħmilx sens, ġaladarba li Malta neħħiet is-sentenza tal-mewt, li persuni jistgħu jkunu estraditi lejn pajjiżi fejn din għadha teżisti.<br>**L-Artikolu 43(2) tal-Kostituzzjoni għandu jkun emendat biex jipprojbixxi l-estradizzjoni ta' persuni lejn pajjiżi li għandhom is-sentenza tal-mewt, u għandu jipprovdi biex il-ġurijiet konċernati jinstemgħu f'Malta.** |
| **19** | **Diskriminazzjoni minħabba età** | Il-Kostituzzjoni għadha tippermetti d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-età.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, biex b'hekk effettivament tipproteġi lit-tfal u ċ-ċittadini anzjani (emenda tal-Artikolu 45(3) u kwalunkwe Artikolu ieħor dipendenti), u ma tħallix diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fuq il-post tax-xogħol.** |
| **20** | **Id-Dritt għal Kura Medika b'xejn** | Huwa possibbli li l-kura medika b'xejn tkun miċħuda lil persuna jekk fin-nofs hemm kwistjoni dwar il-ħajja tal-persuna konċernata.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tenunzja l-prinċipju ta' kura medika b'xejn, skont il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Għamla ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, u teskludi diskriminazzjoni kontra omm meta l-ħajja tagħha tiddependi mill-ħajja tat-tarbija mhix imwielda.** |
| **21** | **Id-Dritt għall-Ħajja** | Il-Kodiċi Kriminali u l-Kostituzzjoni mhumiex ċari dwar id-drittijiet tal-omm fil-konfront tad-drittijiet tal-fetu. Id-Dritt għall-Ħajja mhuwiex ċar, ġaladarba l-Kodiċi Kriminali jikkriminalizza l-abort taħt kwalunkwe ċirkustanza, inkluż jekk il-mara tista' tibqa' ħajja biss jekk tabortixxi.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tiċċara jekk il-fetu għandux dritt għal protezzjoni tal-ħajja, u jekk iva, dan għandux iwassal għal projbizzjoni tal-abort taħt kwalunkwe ċirkustanza. Jekk le, allura l-Kodiċi Kriminali jkun kontra l-Kostituzzjoni.** |
| **22** | **Arrest legali iżda mhux leġittimu** | Il-liġi ma tipprovdix għal kumpens għal arrest illeġittimu, anki jekk l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi għal kumpens għal arrest arbitrarju.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tadotta l-approċċ usa' tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tipprovdi għal kumpens lil persuni li jkunu arrestati b'mod illeġittimu, proporzjonali għaż-żmien li jkunu għamlu taħt arrest jew detenzjoni u għar-reati li jkunu akkużati bihom (Artikolu 34).** |
| **23** | **Deprivazzjoni tal-Proprjetà** | Il-Proċeduri għat-teħid u l-pussess ta' proprjetà mill-Istat jibqgħu għaddejjin minkejja kontestazzjoni u, jekk ma jkunx stabbilit li hemm skop pubbliku, il-persuna li titteħdilha l-proprjetà u titlef il-pussess tagħha ma tingħatax il-proprjetà lura iżda tingħata kumpens.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi, permezz ta' subartikolu ġdid tal-Artikolu 37, li, ġaladarba ssir applikazzjoni li tikkontesta l-interess pubbliku, il-persuna konċernata jkollha dritt li titlob mandat ta' inġuzzjoni biex jitwaqqfu l-proċeduri ta' esproprjazzjoni sakemm il-każ ikun riżolt fil-qorti.** |

| | | |
|---|---|---|
| 24 | **Kumpens għal esproprjazzjoni** | Il-kumpens għall-esproprjazzjoni ta' proprjetà privata ma jsirx fil-waqt.<br>**F'subartikolu ġdid tal-Artikolu 37, il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għall-perjodu li fih il-Gvern għandu jħallas kumpens għal proprjetà esproprjata.** |
| 25 | **Il-Presidenza - sigurtà tal-uffiċċju** | Is-sigurtà tal-uffiċċju tal-President għandha titjieb, għaliex bħalissa l-President jista' jitneħħa b'maġġoranza sempliċi.<br>**Il-President għandu jgawdi sigurtà fil-perjodu ta' uffiċċju tiegħu, l-istess bħall-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali u d-Deputat Awditur Ġenerali, u għandu jitneħħa biss b'vot ta' żewġ terzi fil-Parlament (emenda tal-Artikolu 48(3)(b)).** |
| 26 | **Tneħħija tal-President** | Il-metodu kif jitneħħa l-President huwa difettuż għax m'hemmx regoli ċari biex jirregolaw dan.<br>**It-tneħħija tal-President għandha tkun permezz ta' impeachment wara li huwa/hija jkun/tkun instab/instabet ħatja mill-Qorti Kostituzzjonali.** |
| 27 | **Presidenza kontinwa** | Hemm problema li, f'nuqqas ta' ftehim bejn il-partiti fil-Parlament, ma jistax ikun elett President.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi li, jekk il-Kamra tar-Rappreżentanti ma tkunx tista' taqbel fuq persuna, Kunsill tal-Istat għandu jaħtar Aġent President minn fost eks Presidenti jew wieħed jew waħda mill-membri tagħha jekk ma jkunx hemm eks President li jrid iservi. L-Aġent President hekk maħtur iservi sakemm il-Kamra taqbel fuq il-ħatra ta' President ġdid. L-awtorità tal-Kamra li taħtar President tiskadi jekk il-ħatra ma ssirx fi żmien tliet xhur mill-iskadenza tal-President preċedenti, f'liema każ l-Aġent President isir President.** |
| 28 | **Perjodu itwal għall-President** | Il-President ma jistax iservi perjodu sussegwenti.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal perjodu sussegwenti ta' presidenza, l-istess bħal fil-każ ta' uffiċjali parlamentari oħra. L-estensjoni m'għandhiex tkun awtomatika, iżda ssir b'deċiżjoni tal-Parlament.** |
| 29 | **Projbizzjoni ta' Mħallfin bħala President** | L-eliġibbiltà tal-Prim Imħallef li jservi bħala President hi difettuża, u tista' twassal għal konflitti ta' interess. Il-Kostituzzjoni tipprojbixxi lil Prim Imħallef milli jkun eliġibbli (Artikolu 48(2)), iżda tippermetti dan jekk ma jkunx hemm persuna oħra kapaċi li taqdi din il-funzjoni (Artikolu 50).<br>**Issir emenda tal-Artikolu 50 biex jitneħħa l-provvediment li l-Prim Imħallef jew xi mħallef ieħor jista' jservi ta' President.** |
| 30 | **Rwol usa' għall-President** | Ir-rwol tal-President huwa limitat wisq meta tqis li huwa l-Kap tal-Eżekuttiv.<br>**Kapitolu V għandu jinkludi l-funzjonijiet tal-President. Dawn għandhom jinkludu s-setgħa li jaħtar il-Kummissjoni Elettorali, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u l-Awtorità tax-Xandir, wara diskussjoni mal-Kunsill tal-Istat.** |

| | | |
|---|---|---|
| **31** | **President gwardjan tal-Kostituzzjoni** | Il-President għandu jkun il-gwardjan tal-Kostituzzjoni.<br>**Il-President għandu jkollu s-setgħa li joħroġ direttivi biex ikun hemm konformità mal-Kostituzzjoni f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli għall-Qorti Kostituzzjonali, jew xi korp jew persuna oħra, li jipprovdu soluzzjoni fit-termini tal-Kostituzzjoni nnifisha. Dawn id-direttivi jistgħu jinħarġu lil kwalunkwe persuna jew entità li tkun qed tikser il-Kostituzzjoni.** |
| **32** | **Kunsens tal-President għal-liġijiet** | Il-President għandu x'jaqsam kemm mal-organi leġiżlattivi kif ukoll dawk ġudizzjarji.<br>**Issir emenda tal-Artikolu 72(2) biex jitneħħa l-provvediment li l-President jagħti l-kunsens tiegħu għal liġijiet, iżda dan għandu jibda jsir mill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti.** |
| **33** | **Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ppreseduta minn Prim Imħallef** | Bħala ċ-Chairman tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, il-President jista' jkollu x'jaqsam mat-tneħħija ta' membru tal-Ġudikatura, fl-istess waqt li huwa jista' jkun qed jagħti parir fuq il-ħatra ta' membri tal-Ġudikatura. Dan huwa ksur tas-separazzjoni tas-setgħat.<br>**Għandha ssir emenda tal-Artikolu 101A biex jitneħħa l-provvediment li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkun ippreseduta mill-Prim Imħallef.** |
| **34** | **Il-Parlament - bżonn ta' kamra oħra** | Il-Parlament m'għandux korp li japprofondixxi u jwessa' l-proċess ta' deliberazzjoni leġiżlattiva.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal kamra oħra (Artikolu 51), li tista' tkun maħtura minflok eletta, u tista' tippermetti l-involviment ta' esperti teknokratiċi.** |
| **35** | **Il-Parlament - MP full-time** | Is-sistema ta' membri parlamentari part-time m'għadhiex tgħodd għax-xogħol parlamentari tal-lum.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal Membri Parlamentari full-time.** |
| **36** | **Il-Parlament - Tnaqqis fit-tul ta' kampanja elettorali** | Il-perjodu preżenti ta' kampanja elettorali huwa twil wisq, meta tqis li l-Parlament u l-kumitati tiegħu ma jibqgħux jiffunzjonaw.<br>**Issir emenda tal-Artikolu 77 biex jitnaqqas il-perjodu massimu ta' kampanja elettorali minn tliet xhur għal sitt ġimgħat.** |
| **37** | **Xogħol parlamentari waqt kampanja elettorali** | Mhux tajjeb li ċerti kumitati tal-Parlament ma jibqgħux jiffunzjonaw waqt kampanja elettorali.<br>**Issir emenda tal-Artikolu 76 biex tipprovdi li l-kumitati l-aktar importanti, bħall-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, jibqgħu jiffunzjonaw minkejja x-xoljiment tal-Parlament.** |
| **38** | **Il-Parlament - votazzjoni antikwata** | Il-metodu tal-votazzjoni f'elezzjoni ġenerali huwa antikwat.<br>**Issir emenda tal-Artikolu 56(10) biex tkun introdotta l-votazzjoni elettronika.** |
| **39** | **Il-Parlament - Xogħol privat** | Ma jaqbilx li Membri Parlamentari jagħmlu xi xogħol ta' kwalunkwe natura minħabba l-potenzjal ta' konflitt ta' interess.<br>**Il-Membri Parlamentari għandhom jingħataw perjodu tranżitorju ta' bejn tlieta u sitt xhur mill-elezzjoni tagħhom biex jitterminaw xi xogħol li jkunu qed jagħmlu, kemm jekk imħallas kif ukoll jekk volontarju.** |

| | | |
|---|---|---|
| **40** | **Kodiċi ta' Etika tal-Ministri** | Il-Kodiċi ta' Etika applikabbli għall-Ministri mhuwiex b'saħħtu biżżejjed.<br>**Il-Kodiċi ta' Etika għandu jkun rivedut biex jirrifletti prinċipji fundamentali ta' ġustizzja naturali, fosthom il-kontabbiltà u t-trasparenza, kif ukoll il-ġustizzja u l-iskrutinju. Għandu jkun hemm sanzjonijiet negattivi għal min ma jikkonformax mal-Kodiċi.** |
| **41** | **Għajnuna ta' pariri lill-President** | Il-President m'għandux esperti għad-dispożizzjoni tiegħu, anki jekk dan huwa previst fl-Artikolu 85(1).<br>**Għandu jinħatar Kunsill tal-Istat biex jaġixxi bħala "gwardjan fuq il-gwardjani", biex jagħti pariri lill-President fuq materji bħax-xoljiment tal-Parlament, il-ħatra jew it-tneħħija tal-Prim Ministru, il-ħatra ta' Aġent Prim Ministru, ir-revokazzjoni tal-awtorità ta' Ministru tal-Kabinett li jkun Aġent Prim Ministru, il-ħatra u r-revoka tal-ħatra ta' Kap tal-Oppożizzjoni, u l-ħatra ta' uffiċjali personali tiegħu.** |
| **42** | **Kunsill tal-Istat** | Il-Kunsill tal-Istat m'għandux ikun partiġġjan.<br>I**l-Kunsill tal-Istat għandu jikkonsisti minn individwi magħżula mill-President mis-soċjetà ċivili, jew minflok, jista' jkun jikkonsisti minn eks Presidenti, eks Prim Ministri, eks Speakers, eks Prim Imħallef u Mħallfin, flimkien ma' rappreżentanti ta' istituzzjonijiet akkademiċi jew Kunsilli Lokali. Il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni li jkunu qed iservu fl-uffiċċju m'għandhomx ikunu membri.** |
| **43** | **L-Ombudsman** | L-istatus tal-Ombudsman mhuwiex b'saħħtu biżżejjed.<br>**Issir emenda tal-Artikolu 64A biex jirregola l-metodu tal-ħatra, it-terminu tal-uffiċċju, is-sigurtà tat-terminu, il-finanzjament tal-uffiċċju, u l-kundizzjonijiet tas-servizz tal-Ombudsman, li jixxiebhu ma' dawk tal-Awditur Ġenerali. L-istituzzjoni għandha tkun disponibbli għall-organi l-oħra tal-Istat.** |
| **44** | **Is-setgħat tal-Eżekuttiv** | L-Eżekuttiv huwa b'saħħtu wisq.<br>**Ċerti setgħat li għandu l-Eżekuttiv bħalissa għandhom jitferrxu fl-Eżekuttiv innifsu u fil-Ġudikatura, biex ikun hemm "checks and balances" aħjar**. |
| **45** | **Wisq doveri tal-Avukat Ġenerali** | L-Avukat Ġenerali għandu wisq doveri, possibbilment il-kaġun ta' dewmien fi proċeduri ġudizzjarji.<br>**Il-prosekuzzjoni ta' każi kriminali għandha titneħħa mill-portafoll tal-Avukat Ġenerali u tingħata lil Prosekutur Ġenerali ġdid. Id-doveri tal-Avukat Ġenerali taħt l-Artikolu 91(3) għandhom ikunu trasferiti lil uffiċċju kostituzzjonali ġdid ta' Prosekutur Ġenerali.** |
| **46** | **Eżenzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali** | Mhuwiex aċċettabbli li l-Avukat Ġenerali huwa eżentat milli jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu meta jkun qed jaġixxi bħala Mħallef fil-Qrati Superjuri.<br>**L-Avukat Ġenerali għandu jkun obbligat li jagħti raġunijiet għad-deċizjonijiet tiegħu meta jaġixxi bħala Mħallef fil-Qrati Superjuri, taħt l-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni.** |

| | | |
|---|---|---|
| **47** | **Prosekutur Ġenerali** | L-Avukat Ġenerali m'għandux ikun responsabbli għall-prosekuzzjonijiet, għaliex dan jista' jirriżulta f'dewmien fi proċeduri ġudizzjarji.<br>**Il-Prosekutur Ġenerali propost għandu jkollu l-garanziji kostituzzjonali u legali meħtieġa għall-indipendenza tiegħu mill-Eżekuttiv.** |
| **48** | **Nuqqas ta' mġiba finanzjarja tajba** | Minkejja rapporti mill-Awditur Ġenerali, hemm nuqqas ta' prattika tajba, ta' konformità mar-regolamenti finanzjarji, dgħufija fil-kontrolli interni, u amministrazzjoni ħażina.<br>**Għandu jkun hemm mekkaniżmu adegwat biex ikunu implimentati azzjonijiet ta' rimedju. Dan jista' jsir billi l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jingħata aktar setgħat biex jeżerċita kontroll aħjar fuq l-ispiża tal-Gvern.** |
| **49** | **Età tal-irtirar tal-Ġudikanti** | Mhix ħaġa tajba li l-esperenza ta' mħallfin u maġistrati tintilef fl-aqwa tal-karriera tagħhom.<br>**Issir emenda tal-Artikolu 97(1) biex l-età tal-irtirar tal-Avukat Ġenerali u ta' membri tal-Ġudikatura titla' għal 68 sena.** |
| **50** | **Ġudikatura aktar kontabbli** | Il-Ġudikatura għandha tkun aktar kontabbli biex tagħti sistema iżjed effiċjenti ta' ġustizzja.<br>**Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandu jkollha aktar setgħat biex iżżomm lill-imħallfin u l-maġistrati kontabbli għal dewmien fis-seduti (Artikolu 101A).** |
| **51** | **Dewmien fis-sistema ġudizzjarja** | Id-dewmien fis-sistema ġudizzjarja huwa eċċessiv.<br>**L-Uffiċjali tal-Prosekuzzjoni u l-avukati għandhom jinżammu kontabbli u jkunu sanzjonati jekk jikkawżaw dewmien bla bżonn.** |
| **52** | **Tibdil fil-president tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | Il-presidenza tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja mill-President tippreżenta konflitti potenzjali ta' interess, meta tqis li l-President huwa l-Kap tal-Eżekuttiv.<br>**Issir emenda tal-Artikolu 101(1) biex il-President ma jibqax Chairman tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Dan għandu jibda jsir mill-Prim Imħallef.** |
| **53** | **Sehem l-Eżekuttiv fl-għażla tal-Ġudikatura** | L-Eżekuttiv u l-Oppożizzjoni m'għandux ikollhom sehem fl-għażla ta' Ġudikanti.<br>**Emenda tal-Artikolu 101A biex jitneħħa d-dritt tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni li jinnominaw membri fuq il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. L-għażla għandha ssir mill-pubbliku ġenerali.** |
| **54** | **Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja iżgħar** | Ikun preferibbli li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkun iżgħar.<br>**Emenda tal-Artikolu 101A sabiex il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkun magħmula mill-Prim Imħallef, imħallef wieħed u maġistrat wieħed bħala membri. L-Avukat Ġenerali *ex officio* u l-President tal-Kamra tal-Avukati jibqgħu membri.** |

| | | |
|---|---|---|
| **55** | **Smigħ ta' proċeduri dixxiplinari fil-Ġudikatura** | Is-smigħ ta' proċeduri dixxiplinari għandu jsir mod ieħor.<br>**Emenda tal-Artikolu 101A(11)(ċ) biex tipprovdi li l-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati, meta jaġixxi bħala sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, għandu jkun responsabbli biex imexxi proċeduri ta' dixxiplina. Il-Kumitat għandu jinkludi membri mill-istess Kummissjoni, iżda dawn għandhom ikunu f'minoranza.** |
| **56** | **Ġudikatura - Dixxiplina aktar qawwija** | Il-miżuri li jiddixxiplinaw membri tal-Ġudikatura mhumiex adegwati.<br>**Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandu jkollha aktar setgħat dixxiplinari.** |
| **57** | **Wisq involviment tal-Eżekuttiv f'ħatriet ġudizzjarji** | Il-metodu kurrenti kif jinħatru membri tal-Ġudikatura jmur kontra d-duttrina tas-separazzjoni tas-setgħat.<br>**Sabiex ikun hemm separazzjoni akbar tas-setgħat, Ministru li jagħti parir lill-President dwar ħatriet ġudizzjarji għandu jfittex il-parir ta' Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji.** |
| **58** | **Il-Qorti Kostituzzjonali - rimedju wieħed** | Issa li saret in-norma li każi kostituzzjonali m'għadhomx rimedju tal-aħħar, il-Kostituzzjoni għandha tinbidel biex rimedju kostituzzjonali jkun meqjus bħala wieħed ordinarju.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi li kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jinstemgħu minn qorti waħda u mhux minn żewġ qrati separati.** |
| **59** | **Qorti Kostituzzjonali - kompożizzjoni** | Il-Kompożizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali minn imħallfin li jservu fi qrati oħra ma tgħinx biex jittieħdu deċiżjonijiet sodi (wieħed ifakkar f'għadd ta' sentenzi differenti mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem), u anki twassal għal dewmien fil-każi.<br>**Emenda tal-Artikolu 95(2) biex jipprovdi li l-Qorti Kostituzzjonali tkun magħmula minn tliet imħallfin li jservu biss f'din il-qorti, u li jkunu esperti fid-drittijiet tal-bniedem. Il-Qorti għandu jkollha l-finanzi tagħha.** |
| **60** | **Qorti Kostituzzjonali - imparzjalità u indipendenza** | L-imparzjalità u l-indipendenza tal-Prim Imħallef għadha suġġetta għal sfidi (Bellizzi vs Malta fl-ECHR).<br>**Sabiex il-Prim Imħallef bħala President tal-Qorti Kostituzzjonali ma jkunx akkużat b'nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza, il-Qorti għandha tkun magħmula minn ħames imħallfin full-time.** |
| **61** | **Il-Finanzi Pubbliċi** | Il-korrettezza finanzjarja fis-settur pubbliku mhix qawwija biżżejjed.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi mekkaniżmu biex tiżgura li jkun hemm korrettezza finanzjarja u biex ma jkunx hemm abbuż minn fondi pubbliċi, speċjalment fix-xhur qabel elezzjoni ġenerali. Dan jista' jsir mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.** |

| | | |
|---|---|---|
| **62** | **Persuni ta' Fiduċja** | Mhuwiex ċar min hi "persuna ta' fiduċja", x'inhuma l-kredenzjali tagħha, u x'inhuma l-funzjonijiet tagħha.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għall-ħatra ta' "persuni ta' fiduċja" skont kriterji ċari dwar in-natura tagħhom, il-funzjonijiet tagħhom, u t-tipi ta' karigi li għandhom jokkupaw. In-numru tagħhom għandu jkun limitat, u l-ħatriet għandhom ikunu ċċekkjati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.** |
| **63** | **Invalidità ta' Liġijiet** | L-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni joħloq dubji dwar ir-raġunijiet għala individwu jista' jitlob li liġi tkun iddikjarata invalida, u jekk dan jistax isir sempliċiment għaliex il-liġi hija f'konflitt mal-Kostituzzjoni jew minħabba xi raġunijiet oħra.<br>**Emenda tal-Artikolu 116 biex jipprovdi estensjoni tad-dritt ta' *actio popolaris* li jippermetti lil ċittadini jitolbu n-nullità ta' xi liġi, anki jekk din ma tkunx iddikjarata bħala invalida.** |
| **64** | **Is-Supremazija tal-Liġi tal-UE** | Hija problema li biex liġi Maltija tkun iddikjarata invalida, anki jekk tkun f'konflitt ma' liġi tal-UE, irid ikun hemm dikjarazzjoni ta' invalidità abbażi ta' xi waħda mir-raġunijiet ipprovduti fil-Kostituzzjoni.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi li liġi tista' tkun iddikjarata invalida għaliex mhix konformi ma' liġi tal-UE, anki jekk din tista' tkun konsistenti mal-Kostituzzjoni.** |
| **65** | **L-Uffiċċju Pubbliku** | Il-Kostituzzjoni ma tiddefinixxix x'inhu uffiċjal pubbliku, jew fiex jikkonsisti s-servizz pubbliku. Hemm ukoll ambigwità fuq x'inhu uffiċjal pubbliku, kemm f'termini tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Artikolu 118(3) u (4). Dan jidher ċar mill-kwistjoni jekk Ministru, Segretarju Parlamentari, membru tal-Parlament, kandidat għal elezzjoni għall-Kamra, u membru ta' gvern lokali humiex f'uffiċċju pubbliku jew le, u jqajjem dubji dwar min jista' jkun membru tal-Awtorità tax-Xandir.<br>**L-Artikolu 118 tal-Kostituzzjoni għandu jinkiteb mill-ġdid biex ineħħi l-ambigwità dwar "uffiċċju pubbliku".** |
| **66** | **L-Awtorità tax-Xandir - imparzjalità fix-xandir** | L-Artikolu 119 instab li hu ambigwu għaliex mhuwiex ċar jekk l-obbligu tal-Awtorità tax-Xandir li tiżgura imparzjalità japplikax għal kull servizz ta' xandir jew għal bilanċ bejn servizzi differenti, u fil-prattika kkonċentra l-aktar fuq is-servizz tax-xandir pubbliku.<br>**Minħabba li ma jistax ikun hemm imparzjalità vera fi stazzjon tax-xandir immexxi minn partit politiku, għandha ssir emenda tal-Artikolu 119 sabiex tiżgura li l-preġudizzju fix-xandir ta' stazzjon politiku ma jkunx ikkunsidrat bħala ksur tal-Kostituzzjoni.** |
| **67** | **L-Awtorità tax-Xandir - Provvedimenti Kostituzzjonali** | Hija anomalija li l-kompożizzjoni u l-funzjonijiet tal-Awtorità tax-Xandir huma mniżżla f'liġi, mhux fil-Kostituzzjoni nnifisha, meta l-Kostituzzjoni tgħid li hija l-Kostituzzjoni li tiddefinixxi l-kompożizzjoni u l-funzjonijiet ta' kull organu tal-Istat.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal definizzjoni tal-funzjonijiet tal-Awtorità tax-Xandir (Artikolu 118) u l-kompożizzjoni u l-ħatra ta' membri tal-Awtorità (Artikolu 119).** |

| | | |
|---|---|---|
| **68** | **L-Awtorità tax-Xandir - Ħatra ta' membri** | Il-President m'għandux ikun marbut li jimxi fuq il-parir tal-Prim Ministru meta jaħtar membri fuq l-Awtorità tax-Xandir.<br>**Emenda tal-Artikoli 85 and 118 biex il-President ikollu awtonomija fil-ħatra ta' membri tal-Awtorità tax-Xandir.** |
| **69** | **L-Awtorità tax-Xandir - Imġiba ħażina** | Mhuwiex sew li mġiba ħażina minn xi membru tal-Awtorità tax-Xandir ma tkunx investigata minn entità indipendenti. Dan jista' jwassal biex membri ma jeżerċitawx il-funzjonijiet tagħhom jekk il-partit politiku li jkun ħatarhom ma jaqbilx mad-deċiżjonijiet tagħhom.<br>**Emenda tal-Artikolu 118(6) biex jipprovdi li l-investigazzjoni ta' allegazzjoni ta' mġiba ħażina ta' xi membru tal-Awtorità tax-Xandir issir minn awtorità indipendenti.** |
| **70** | **Il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi - Ħatra ta' membri** | Il-President m'għandux ikun obbligat li jimxi fuq il-parir tal-Prim Ministru meta jaħtar membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi.<br>**Emenda tal-Artikolu 120(2) biex il-President ikollu awtonomija fil-ħatra ta' membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi.** |
| **71** | **Il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi - Tneħħija ta' membri** | Ir-raġunijiet għala membru tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi jitneħħa mill-ħatra mhumiex speċifiċi biżżejjed.<br>**Emenda tal-Artikolu 120(6) biex jipprovdi raġunijiet aktar sodi għat-tneħħija ta' membru tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi.** |

## Parti Ċ: Proposti tal-Profs Kevin Aquilina

| Nru | Tema | Nuqqas jew Difett u Proposta relatata |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Legittimità/Kunsens Popolari** | Kwalunkwe Kostituzzjoni ġdida fundamentali għall-governanza tal-Istat għandha tkun approvata kemm mill-Parlament kif ukoll mill-poplu. Preċedenti jinkludu l-Kostituzzjoni tal-1964, is-sħubija fl-UE, u l-introduzzjoni tad-divorzju. **Għandu jkun hemm referendum fuq il-Kostituzzjoni tat-Tieni Repubblika, anki jekk l-Artikolu 66 jipprovdi għal approvazzjoni mill-Parlament biss.** |
| 2 | **Arranġament ġdid tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni** | Il-proċess ta' aktar emendi jagħmilha diffiċli li wieħed isegwi sew it-tibdiliet li jsiru u jirriżulta f'format konfuż. **Il-Kostituzzjoni għandha tinkiteb kollha kemm hi mill-ġdid, sabiex ikun hemm test organizzat tajjeb b'sekwenza metodoloġika sensibbli.** |
| 3 | **Legalità tat-Tibdiliet** | Hemm dibattitu dottrinali prevalenti jekk l-emendi tal-1964 kinux jirrispettaw il-Kostituzzjoni tal-1964 meta saru mingħajr referendum. **Titneħħa kull ambivalenza billi jsir referendum fuq il-Kostituzzjoni l-ġdida**. |
| 4 | **Aktar Setgħat għall-Parlament** | M'għandniex superviżjoni tajba tal-Eżekuttiv. **Emenda tal-Kapitolu VI biex jipprovdi li l-Parlament jingħata aktar setgħat ta' superviżjoni fuq l-Eżekuttiv**. |
| 5 | **Dixxiplina adegwata tal-Ġudikatura** | Il-Ġudikatura mhix suġġetta għal dixxiplina adegwata. **Il-Ġudikatura għandha tkun suġġetta għal dixxiplina adegwata meta jkun hemm ksur tal-liġi/Kodiċi ta' Etika.** |
| 6 | **Il-Kodiċi ta' Etika u ksur tiegħu minn Ministri** | Il-Ministri jistgħu jiġu jaqgħu u jqumu mill-Kodiċi ta' Etika. **Il-Ministri għandhom ikunu kastigati għal ksur tal-Kodiċi ta' Etika.** |
| 7 | **Raġunijiet għal Riżenji ta' Ministri** | Il-Kostituzzjoni ma tispeċifikax ir-raġunijiet għala Ministru għandu jkun obbligat li jirriżenja. **Il-Kostituzzjoni għandha tispeċifika meta Ministru għandu jirriżenja.** |
| 8 | **Konsultazzjonijiet pubbliċi dwar deċiżjonijiet tal-Gvern** | M'hemmx konsultazzjoni pubblika adegwata. **Il-konsultazzjoni pubblika għandha tkun parti integrali mill-proċess ta' kif jittieħdu deċiżjonijiet, kemm jista' jkun possibbli.** |
| 9 | **Drittijiet tal-Bniedem tar-Raba' Ġenerazzjoni** | Il-Kostituzzjoni ma tipprovdix għal drittijiet ġodda jew l-estensjoni ta' wħud kurrenti. **(1) Estensjoni ta' drittijiet tal-bniedem tal-ewwel u t-tieni ġenerazzjoni lejn l-erba' ġenerazzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem; u (2) definizzjoni ġdida tal-prerogattiva tal-ħniena u kif jingħataw l-amnestiji (inkluż kumpens lill-vittmi).** |

| | | |
|---|---|---|
| **10** | **Twaqqif ta' Kunsill tal-Istat** | Il-Kostituzzjoni għandu jkollha provvedimenti ġodda dwar kif jitmexxew l-affarijiet tal-Istat.<br>**Ikun stabbilit Kunsill tal-Istat.** |
| **11** | **L-Avukat Ġenerali b'funzjonijiet iżgħar (inkluż ma jkollux funzjonijiet ta' prosekutur)** | L-Avukat Ġenerali m'għandux ikollu funzjonijiet ta' prosekuzzjonijiet.<br>**Il-funzjonijiet ta' prosekutur tal-Avukat Ġenerali jingħataw lil Prosekutur Ġenerali.** |
| **12** | ***Interregnum* tal-Parlament waqt elezzjoni** | Mhux sew li ċertu xogħol tal-Parlament jieqaf għalkollox waqt kampanja elettorali.<br>**(1) Ikun żgurat li l-Parlament jew Kumitati Magħżula jew Permanenti jibqgħu jiffunzjonaw wara li tissejjaħ elezzjoni ġenerali suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni negattiva;**<br>**(2) L-affarijiet tal-UE u xogħol parlamentari urġenti għandhom jibqgħu għaddejjin.** |
| **13** | **Imġiba Finanzjarja Korretta - Abbużi mill-fondi pubbliċi** | Il-Kostituzzjoni m'għandhiex provvedimenti biżżejjed biex tissalvagwardja mġiba finanzjarja korretta u abbuż jew amministrazzjoni ħażina tal-fondi pubbliċi.<br>**Għandu jkun hemm provvedimenti biex ma jibqgħux isiru irregolaritajiet finanzjarji u ma jkunx hemm abbuż minn fondi pubbliċi waqt elezzjoni ġenerali.** |
| **14** | **Imġiba Finanzjarja Korretta - Sorveljanza fuq ħatriet** | Is-sorveljanza fuq ir-reklutaġġ minn ministeri u entitajiet pubbliċi mhix tajba biżżejjed.<br>**Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Parlament għandu jissaħħaħ, b'mod partikulari biex japprova r-remunerazzjoni ta' konsulenti ministerjali, chairpersons u Uffiċjali Kapijiet Eżekuttivi ta' korpi pubbliċi.** |
| **15** | **Imġiba Finanzjarja Korretta - Ordnijiet Diretti** | Fil-Gvern għadhom jingħataw wisq Ordnijiet Diretti għax-xiri ta' oġġetti u servizzi.<br>**Għandu jkun żgurat li l-ordnijiet diretti tal-Gvern għax-xiri ta' oġġetti u servizzi jinżammu fl-inqas livell possibbli u li, 'il fuq minn ċertu figura, dawn ikunu approvati mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Parlament.** |
| **16** | **Imġiba Finanzjarja Korretta - Skrutinju Finanzjarju** | Għandu jkun hemm skrutinju qawwi ta' amministrazzjoni finanzjarja ħażina.<br>**Ir-rapporti tal-Awditur Ġenerali fuq amministrazzjoni ħażina tal-finanzi għandhom ikunu diskussi mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u s-Segretarji Permanenti għandhom iwieġbu dawn ir-rapporti u jinfurmaw lill-Awditur Ġenerali u lill-Kumitat dwar passi dixxiplinari li jkunu ttieħdu.** |
| **17** | **Prinċipji ta' governanza tal-Istat - Aċċess għal Informazzjoni** | L-aċċess għal informazzjoni dwar l-operat tal-Gvern mhuwiex adegwat.<br>**Għandu jkun hemm aċċess aħjar għal informazzjoni li jkollu l-Gvern.** |
| **18** | **Prinċipji ta' governanza tal-Istat - Rimedji kontra amministrazzjoni ħażina** | M'hemmx rimedji suffiċjenti kontra amministrazzjoni ħażina.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi rimedji kontra amministrazzjoni pubblika ħażina.** |

| | | |
|---|---|---|
| 19 | **Prinċipji ta' governanza tal-Istat - Diskrezzjoni Amministrattiva** | Għad hemm wisq diskrezzjoni amministrattiva fil-Gvern.<br>**Id-diskrezzjoni amministrattiva fil-Gvern għandha tkun limitata u, fejn permessa, suġġetta strettament għall-kriterju li tkun eżerċitata b'mod raġonevoli.** |
| 20 | **Prinċipji ta' governanza tal-Istat - Protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem** | Id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem mhumiex protetti biżżejjed.<br>**L-Istat għandu jipproteġi dejjem id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem.** |
| 21 | **Prinċipji ta' governanza tal-Istat - Setgħat ċentrali vs lokali** | Il-Gvern ċentrali għandu wisq setgħat.<br>**Għandu jkun hemm divoluzzjoni akbar tas-setgħa favur il-gvern lokali.** |
| 22 | **Prinċipji ta' governanza tal-Istat - Dover ta' kura** | L-Istat m'għandux obbligu qawwi biżżejjed li jikkura l-interessi taċ-ċittadini.<br>**L-Istat u l-organi tiegħu għandhom jaġixxu bħala *bonus pater familias* u jħaddnu d-dover tal-kura tal-interessi taċ-ċittadin.** |
| 23 | **Prinċipji ta' governanza tal-Istat - Prinċipji ġodda** | Il-Kostituzzjoni ma tipprovdix għal prinċipji ġodda li saru komuni u aċċettati f'demokraziji.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tirrikonixxi l-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-Ġudikatura, is-separazzjoni tas-setgħat, l-anonimità tas-servizz pubbliku, ir-responsabbiltà ministerjali individwali, il-ġid komuni, il-wirt komuni tal-umanità, u l-interpretazzjoni kostituzzjonali bħala prinċipju kostituzzjonali bażiku.** |
| 24 | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Il-piena tal-mewt** | Il-Kostituzzjoni tirregola l-piena tal-mewt, minkejja li l-piena tal-mewt hija abolita u li Malta ffirmat il-Protokolli 6 u 13 tal-ECHR.<br>**Ġaladarba l-piena tal-mewt ġiet abolita, il-Kostituzzjoni għandha tagħraf dan u tkun emendata.** |
| 25 | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Ħatra ta' ċerti persuni** | Il-Kostituzzjoni għadha tippermetti l-ħatra ta' ċerti persuni li għandhom ikunu esklużi minn ħatra għal karigi parlamentari.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tkun aġġornata biex tipprojbixxi l-ħatra ta' persuni fil-karigi ta' Awditur Ġenerali, Deputat Awditur Ġenerali jew Ombudsman, jekk dawn il-persuni kienu membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-Awtorità tax-Xandir jew il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi.** |
| 26 | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Is-setgħat tal-Ispeaker** | Hija anomalija li uffiċjali parlamentari jgawdu aktar awtonomija mill-Ispeaker u l-uffiċjali tiegħu, minkejja li dawk tal-ewwel huma suġġetti għalih.<br>**L-Ispeaker u l-uffiċjali tiegħu għandu jkollhom aktar setgħat u awtonomija mill-Gvern.** |
| 27 | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Sospensjoni tal-Qorti Kostituzzjonali** | Mhux sew li l-Qorti Kostituzzjonali tista' tkun sospiża għal xi żmien inordinament twil.<br>**Emenda tal-Artikolu 95(5) biex titneħħa l-possibbiltà li l-Qorti Kostituzzjonali tibqa' mhux kostitwita għal 15-il jum.** |

| | | |
|---|---|---|
| **28** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Kummissjonijiet mhux kostitwiti** | Għadu possibbli li l-Awtorità tax-Xandir, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u l-Kummissjoni Elettorali jibqgħu mhux kostitwiti.<br>**Emenda tal-Kapitolu XI, l-Artikolu 118; tal-Kapitolu XI, l-Artikolu 120; tal-Kapitolu X, l-Artikolu 109; tal-Kapitolu VI, il-Parti 1, l-Artikolu 60 biex l-Awtorità tax-Xandir, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u l-Kummissjoni Elettorali jkunu kostitwiti bla interruzzjoni.** |
| **29** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Ir-relazzjoni bejn il-Kostituzzjoni u l-Parlament** | Il-Kostituzzjoni m'għandhiex tkun suġġetta għall-Parlament f'ċerti sitwazzjonijiet.<br>**Emenda tal-Kostituzzjoni biex din tkun suprema fuq l-istituzzjonijiet kollha, inkluż il-Parlament, fis-sitwazzjonijiet kollha.** |
| **30** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Id-Diskors tal-President** | Il-President m'għandux ikun obligat li jaqra d-Diskors tal-Ftuħ ta' Parlament ġdid, meta dan jista' jkun jinkludi kummenti partiġġjani u diviżivi.<br>**Id-diskors tal-ftuħ ta' Parlament ġdid m'għandux jibqa' jinqara mill-President, iżda mill-Ispeaker.** |
| **31** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Is-sistema elettorali** | Is-sistema kurrenti ta' rappreżentazzjoni proporzjonali għadha dipendenti minn mekkaniżmu korrettiv li mhuwiex ġust mal-partiti ż-żgħar.<br>**Tkun introdotta sistema ta' rappreżentazzjoni proporzjonali aħjar.** |
| **32** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Votazzjoni u għadd tal-voti aktar moderni** | Il-liġi elettorali ma tippermettix votazzjoni minn barra l-pajjiż jew bi prokura, waqt li l-votazzjoni u l-għadd tal-voti huma antikwati.<br>**Nipprovdu għal votazzjoni minn barra l-pajjiż u votazzjoni bi prokura, u nawtomatizzaw il-proċess ta' votazzjoni u tal-għadd tal-voti.** |
| **33** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Għarfien ta' ċerti persuni u proċessi parlamentari** | Il-Kostituzzjoni ma tagħmel l-ebda referenza għall-Whip, il-Leader of the House, il-finanzjament tal-partiti, u l-pairing, u lanqas tiddefinixxi partit politiku.<br>**Jiddaħħlu provvedimenti kostituzzjonali rigward: (1) il-Whip u l-Leader of the House; (2) il-proċess ta' pairing fil-Parlament; (3) il-finanzjament tal-partiti, u (4) x'inhu partit politiku.** |
| **34** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Infurzar tad-drittijiet tal-bniedem** | Hemm problemi fl-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem minħabba kwistjonijiet dwar liema proċeduri għandhom jintużaw.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tispeċifika jekk il-proċedura korretta hix dik ta' applikazzjoni jew tramite referenza, u min hu l-konvenut (il-*legittimu kontraditur?*).** |
| **35** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Azzjonijiet Kostituzzjonali** | Hemm kwistjoni jekk il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandux japplika awtomatikament għal azzjonijiet kostituzzjonali.<br>**Isir eżami ta' jekk il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandux japplika awtomatikament għal azzjonijiet kostituzzjonali.** |

| | | |
|---|---|---|
| **36** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Taħrika ta' Ġudikant** | Hemm kwistjoni jekk Ġudikant jistax ikun imħarrek bħala parti f'kawża jew jagħtix xhieda fir-*res gestae* ta' proċeduri.<br>**Isir eżami ta' jekk Ġudikant jistax ikun imħarrek bħala parti f'kawża jew jagħtix xhieda fuq ir-*res gestae* ta' proċeduri.** |
| **37** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Proċeduri Kostituzzjonali** | L-applikazzjoni tal-liġi ta' proċeduri ċivili għal proċeduri kostituzzjonali mhix rakkomandata.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tirregola l-proċeduri kostituzzjonali li wieħed għandu jsegwi.** |
| **38** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Is-Settur Pubbliku** | Il-Kostituzzjoni ma tgħid xejn fuq is-settur pubbliku.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tirregola s-settur pubbliku bħalma tagħmel is-servizz pubbliku.** |
| **39** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - L-Identità Nazzjonali** | L-organizzazzjonijiet volontarji u karatteristiċi oħra tal-identità nazzjonali Maltija mhumiex rikonoxxuti.<br>**Il-Kostituzzjoni għandu jkollha provvedimenti rigward ir-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet volontarji u l-protezzjoni ta' karatteristiċi Maltin.** |
| **40** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Identità kulturali u valuri** | L-identità kulturali u l-valuri ta' Malta mhumiex rikonoxxuti.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tirrikonoxxi b'mod speċifiku l-identità kulturali u l-valuri ta' Malta u tipproteġihom.** |
| **41** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Konformità tal-liġi mad-drittijiet tal-bniedem** | Hemm nuqqas ta' ċarezza f'ċerti provvedimenti (p.e. Artikolu 65(1), kif emendat fl-2003), li jitfgħu dubji fuq il-konformità tal-liġi mad-drittijiet tal-bniedem.<br>**Emenda tal-Artikolu 65(1) u artikoli oħra li jistgħu jitfgħu dubji dwar il-fatt li d-drittijiet tal-bniedem huma sagrosanti u ma jistgħux jitnaqqru minn liġijiet ordinarji.** |
| **42** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Pariri tal-Kabinett lill-President** | Il-President huwa mġiegħel jimxi fuq il-parir tal-Kabinett bla eċċezzjoni.<br>**Għandu jinħatar Kunsill tal-Istat li jagħti pariri lill-President.** |
| **43** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Approvazzjoni Parlamentari** | L-Eżekuttiv għandu kontroll eċċessiv tal-ħatra ta' kummissjonijiet u uffiċċji pubbliċi.<br>**Kummissjonijiet kostituzzjonali u uffiċċji pubbliċi oħra għandhom ikunu maħtura mill-Parlament.** |
| **44** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Approvazzjoni ta' Trattati** | L-Eżekuttiv jiddeċiedi għal liema trattati għandha taderixxi Malta, u mhux it-trattati kollha jeħtieġu approvazzjoni parlamentari.<br>**Għandu jkun il-Parlament li jiddeċiedi liema trattati Malta għandha taderixxi għalihom.** |
| **45** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Liġijiet antikostituzzjonali** | Il-Ġudikatura abdikat ir-rwol tagħha li tinforza d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, favur l-Eżekuttiv.<br>**L-Eżekuttiv/il-Parlament m'għandux jibqa' jiddeċiedi meta, u sa fejn, jimplimenta sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ċivili (Kostituzzjonali) li jiddikjaraw liġi bħala li tikser il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, u jekk liġi hix *ultra vires* dawn it-tliet liġijiet jew l-atti li ħarġu minnhom.** |
| **46** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Rakkomandazjonijiet tal-Ombudsman** | Il-Gvern jista' joqgħod jagħżel liema rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jimplimenta.<br>**Għandu jkun hemm mekkaniżmu korrettiv u rimedju meta l-Ombudsman jiddeċiedi favur ilmentatur, iżda l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tirrifjuta li timplimenta r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman.** |

| | | |
|---|---|---|
| **47** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali.** | L-amministrazzjoni pubblika mhix obbligata li tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali.<br>**Għandu jkun hemm provvedimenti li jeżiġu li l-amministrazzjoni pubblika tikkonforma ma' rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali.** |
| **48** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Amministrazzjoni finanzjarja skorretta** | Il-Ministri u uffiċjali pubbliċi mhumiex kwerelati għal danni personali meta jaħlu fondi pubbliċi jew jamministrawhom ħażin.<br>**Għandu jkun hemm provvedimenti għal azzjoni kontra ministri u uffiċjali pubbliċi meta dawn jinstabu ħatja ta' amministrazzjoni finanzjarja skorretta.** |
| **49** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Aċċess għal informazzjoni** | L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni huwa miżgħud bl-eċċezzjonijiet li jħallu lill-amministrazzjoni pubblika tirrifjuta li tagħti informazzjoni lill-pubbliku ġenerali. Ħafna liġijiet dwar is-segretezza għadhom fil-korp ta' leġiżlazzjoni tal-pajjiż.<br>**Id-dritt tal-bniedem tar-raba' ġenerazzjoni għal libertà ta' informazzjoni għandu jkun enunzjat fil-Kostituzzjoni u jingħata protezzjoni sħiħa.** |
| **50** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Indipendenza tal-korporazzjonijiet pubbliċi** | Il-korporazzjonijiet pubbliċi tneżżgħu mill-indipendenza tagħhom.<br>**Il-korporazzjonijiet pubbliċi għandu jkollhom l-indipendenza tagħhom irrestawrata u ma jkunux suġġetti għal direttivi li jistgħu jinħarġu taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, l-Att dwar in-Negozji Żgħar, u direttivi tal-Kabinett li jiksru l-liġi.** |
| **51** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Abbuż tal-poter** | Il-Ministri jabbużaw mill-uffiċċju tagħhom biex jagħmlu pressjoni fuq l-awtorità, jew jindaħlu fix-xogħol, ta' Segretarji Permanenti u uffiċjali pubbliċi, persuni jew korpi oħra, biex jieħdu deċiżjonijiet li huma kuntrarji għal-liġi jew mhux fl-interess pubbliku.<br>**Għandu jkun hemm provvedimenti li jipprevjenu l-abbuż tal-poter minn Ministri.** |
| **52** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Kontinwità bejn amministrazzjoni u oħra** | M'hemmx kontinwità bejn amministrazzjoni u oħra għaliex amministrazzjoni ġdida tista' titlob ir-riżenja ta' uffiċjali ewlenin tal-Istat.<br>**Għandu jkun hemm perjodu predeterminat ta' żmien fejn uffiċjali ewlenin tal-Istat jibqgħu fil-kariga tagħhom biex ikun hemm element ta' kontinwità sakemm amministrazzjoni ġdida tieħu postha.** |
| **53** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni -Rwol eżekuttiv ta' Membri Parlamentari** | Is-separazzjoni tas-setgħat hi vvjolata meta Membri Parlamentari back-benchers jinħatru f'karigi eżekuttivi fil-Gvern (Il-Funzjonijiet ta' Membri tal-Parlament (Liġijiet Varji) - Att ta' Emenda 2013).<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprojbixxi li back-benchers Parlamentari jkollhom karigi eżekuttivi.** |
| **54** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Riżorsi ta' kumitati tal-Parlament** | Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, kif ukoll kumitati permanenti oħra, m'għandhomx ir-riżorsi biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.<br>**Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi u Kumitati Magħżula oħra għandhom jingħataw nies, finanzjament, riċerka u mezzi oħra biex iżommu lill-Gvern kontabbli.** |

| | | |
|---|---|---|
| **55** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Gvern caretaker** | **Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal gvern caretaker u l-limiti tiegħu.** |
| **56** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Sejħa lura tal-Parlament** | **Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal sejħa lura tal-Parlament f'ċerti sitwazzjonijiet.** |
| **57** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Kampanja elettorali iqsar** | **Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal kampanja elettorali iqsar.** |
| **58** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Maħfriet Presidenzjali** | Il-kriterji li jirregolaw maħfriet Presidenzjali mhumiex miktuba.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tispeċifika l-kriterji li fuqhom jingħataw maħfriet Presidenzjali, tnaqqis fil-pieni, jew amnestiji.** |
| **59** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Setgħat ta' Emerġenza** | Wieħed jista' jargumenta li r-regolamenti awtorizzati taħt l-Att dwar Setgħat ta' Emerġenza jistgħu jkunu ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali.<br>**Isir eżami biex ikun determinat jekk hemmx ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jew xi leġiżlazzjoni ordinarja oħra u, jekk iva, isiru l-emendi meħtieġa.** |
| **60** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Ksur tal-Kostituzzjoni** | Għadd ta' liġijiet imorru kontra l-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (p.e. Il-Kodiċi Kriminali, l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali, l-Ordinanza dwar il-Projbizzjoni ta' Propaganda Sedizzjuża, eċċ.) li għadhom fil-korp ta' liġijiet.<br>**Tkun emendata l-leġiżlazzjoni kollha li tikser il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.** |
| **61** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Entrenchment tal-liġi ordinarja u ġerarkija tal-liġijiet** | Il-liġi ordinarja mhix entrenched u m'hemmx ġerarkija ċara ta' liġijiet.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal entrenchment tal-liġi ordinarja u tispeċifika l-ġerarkija tal-liġijiet.** |
| **62** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Dritt tal-priġunieri** | Il-priġunieri għadhom ipprojbiti milli jivvotaw.<br>**Il-priġunieri għandu jkollhom id-dritt għall-vot.** |
| **63** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Is-Servizz Parlamentari** | Is-Servizz Parlamentari huwa sottomess għall-Eżekuttiv.<br>**Is-Servizz Parlamentari għandu jkun awtonomu.** |
| **64** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Setgħa tal-incumbency+B60** | Il-Gvern għandu ħafna setgħat mhux demokratiċi bi ksur ta' governanza tajba, waqt perjodu ta' elezzjoni.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprojbixxi l-eżerċizzju antidemokratiku tas-setgħa tal-incumbency bħal kampanji pubbliċitarji manifestament partiġġjani, ir-reklutaġġ ta' nies, l-għoti ta' promozzjonijiet, il-ħruġ ta' liċenzji/permessi, awtorizzazzjonijiet, l-iffirmar ta' kuntratti li jorbtu amministrazzjonijiet futuri, u abbużi oħra tal-poter.** |
| **65** | **Falliment tal-Kostituzzjoni - Amministrazzjoni tajba** | M'hemmx dritt għal amministrazzjoni tajba.<br>**Wieħed mid-drittijiet ġodda għandu jkun dak għal amministrazzjoni tajba.** |

| | | |
|---|---|---|
| **66** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Imġiba tajba fil-qrati** | L-imġiba tajba fil-qrati u t-tribunali għadha nieqsa.<br>**Għandu jkun hemm prinċipji uniformi ta' mġiba tajba fil-qrati u fit-tribunali.** |
| **67** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Qorti Suprema** | Hemm diffikultà kif ikunu riżolti interpretazzjonijiet tal-istatut li ma jaqblux ma' xulxin magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti tal-Appell, u l-Qorti tal-Appell Kriminali.<br>**Għandu jkun hemm Qorti Suprema li tkun l-arbitru finali fuq interpretazzjonijiet tal-istatut li ma jaqblux ma' xulxin.** |
| **68** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Materji li jikkonċernaw il-Ġudikatura** | Il-provvedimenti dwar il-ħatra u t-tneħħija ta' Ġudikanti, u d-dixxiplina tagħhom għadhom mhumiex speċifiċi biżżejjed.<br>**Għandu jkun hemm provvedimenti aktar dettaljati li jirregolaw il-ħatra, il-promozzjoni, it-taħriġ (inkluż mentorship ta' sitt xhur), id-dixxiplina u t-tkeċċija tal-Ġudikatura.** |
| **69** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Influwenza tal-Eżekuttiv fuq il-Ġudikatura** | Il-Ġudikanti huma maħtura mill-Eżekuttiv, u huma dixxiplinati jew imneħħija mill-Eżekuttiv.<br>**L-Eżekuttiv u l-Leġiżlatura m'għandu jkollhom l-ebda rwol fil-ħatra, id-dixxiplina jew it-tneħħija ta' Ġudikanti.** |
| **70** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Assenjazzjoni ta' kawżi** | Il-Ministru tal-Ġustizzja għandu vuċi fl-assenjazzjoni tal-kawżi fil-qrati.<br>**L-assenjazzjoni ta' kawżi fil-qrati għandha tkun il-prerogattiva unika tal-Prim Imħallef, u l-Ministru tal-Ġustizzja m'għandux jagħti pariri lill-President dwar dan.** |
| **71** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Is-sigurtà tal-uffiċċju tal-Ġudikatura** | Is-sigurtà tal-uffiċċju li tgawdi l-Ġudikatura huwa dgħajjef.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għas-sigurtà tal-uffiċċju ta' aġenti mħallfin li jkunu għalqu 65 sena, sabiex huma ma jkunux esposti għal xi pressjoni mill-Gvern dwar il-ħatra tagħhom u tiġdid tagħha.** |
| **72** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Petizzjonijiet** | Il-Parlament lanqas biss jiddiskuti petizzjonijiet.<br>**Il-petizzjonijiet mpoġġija fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti għandhom ikunu diskussi fil-Kamra.** |
| **73** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Ordnijiet Permanenti tal-Kamra** | Mhux sew li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti jkunu sospiżi kull darba li tibda leġiżlatura ġdida, waqt li l-Ordnijiet infushom huma skaduti.<br>**L-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti għandhom jibqgħu fis-seħħ, u għandhom ikunu aġġornati.** |
| **74** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Il-Prim Ministru u uffiċjali pubbliċi** | Ir-rwol tal-Prim Ministru f'aspetti ta' riżorsi umani fl-uffiċċji pubbliċi huwa wiesa' żżejjed.<br>**Il-Prim Ministru m'għandux ikollu rwol fir-reklutaġġ, it-trasferiment, il-promozzjoni, it-tkeċċija, it-taħriġ u d-dixxiplina ta' uffiċjali pubbliċi, ħlief dawk fl-Iskala ta' Salarju 1-5. Funzjonijiet bħal dawn li jirrigwardaw uffiċjali fl-iskali ta' salarji oħra għandhom ikunu fil-portafoll tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.** |

| | | |
|---|---|---|
| **75** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Interventi Ministerjali** | Għad hemm lok għal interventi ministerjali f'bordijiet li jittrattaw ir-reklutaġġ, il-promozzjoni jew it-tkeċċija ta' uffiċjali pubbliċi.<br>**M'għandux ikun hemm interventi ministerjali f'bordijiet li jittrattaw ir-reklutaġġ, il-promozzjoni jew it-tkeċċija ta' uffiċjali pubbliċi.** |
| **76** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Uffiċjali Diplomatiċi** | L-Eżekuttiv għandu vuċi qawwija wisq fil-ħatriet f'karigi diplomatiċi għolja.<br>**Il-ħatriet ta' Kummissarji Għolja, Ambaxxaturi u Rappreżentanti Permanenti għandhom ikunu approvati mill-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Kamra tar-Rappreżentanti fuq nominazzjoni mill-Gvern u wara seduta pubblika.** |
| **77** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Eliminazzjoni ta' funzjonijiet doppji tal-Ombudsman u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku** | Il-funzjonijiet tal-Ombudsman mhumiex wiesgħa biżżejjed.<br>**(1) Il-funzjonijiet tal-Ombudsman għandhom ikunu estiżi biex jinkludu dawk ta' Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem. (2) M'għandhomx jibqgħu funzjonijiet doppji bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. (3) Il-liġi ordinarja m'għandhiex iġġib konflitt bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.** |
| **78** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Il-Kunsilli Lokali** | Il-leġiżlazzjoni dwar il-Kunsilli Lokali mhix taħdem sew u l-Kunsilli Lokali m'għandhomx setgħat biżżejjed.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tinkorpora l-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Gvern Lokali; u l-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw aktar setgħat.** |
| **79** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Qorti Amministrattiva** | **Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi għandhom jingħataw lil Qorti Amministrattiva stabbilita permezz ta' liġi ordinarja.** |
| **80** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Terminoloġija ddefinita** | L-Att dwar l-Interpretazzjoni jeħtieġ aġġornament.<br>**L-Att dwar l-Interpretazzjoni m'għandux il-provvedimenti meħtieġa biex jiżgura li t-terminoloġija użata fil-Kostituzzjoni tkun iddefinita sew.** |
| **81** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Drittijiet Diġitali** | **Id-Drittijiet Diġitali għandhom ikunu rregolati mill-Kostituzzjoni.** |
| **82** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Għawdex bħala reġjun** | Il-mod kif Għawdex jiggverna lilu nnifsu għandu jissaħħaħ.<br>**Għawdex għandu jkun rikonoxxut bħala reġjun, kemm ghal skopijiet elettorali kif ukoll għal governanza reġjonali permezz ta' kunsill li jħaddan il-lokalitajiet kollha.** |
| **83** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Uffiċċji Pubbliċi** | Ċerti entitajiet indipendenti għandhom ikunu stabbiliti mill-Kostituzzjoni.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tistabbilixxi entitajiet indipendenti bħall-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Ħarsien tad-Data, il-Kummissarju tat-Tfal, u l-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali.** |

| | | |
|---|---|---|
| **84** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Entitajiet Pubbliċi** | Ċerti entitajiet pubbliċi għandhom ikunu rikonoxxuti fil-Kostituzzjoni.<br>**Għandu jingħata status kostituzzjonali lill-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilità, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, u l-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.** |
| **85** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Awtoritajiet** | Ċerti awtoritajiet jistħoqqilhom għarfien kostituzzjonali permanenti.<br>**Jingħata għarfien kostituzzjonali permanenti lill-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.** |
| **86** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Delineazzjoni ta' setgħat** | Għandu jkun hemm delineazzjoni tas-setgħat aktar ċara.<br>**Id-delineazzjoni tas-setgħat bejn Ministri u Segretarji Parlamentari għandha tkun aktar ċara u mhux titħalla għal interpretazzjoni skont il-provvedimenti tal-Att dwar il-Ministri (Delegazzjoni tal-Funzjonijiet).** |
| **87** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Il-Kap tal-Oppożizzjoni** | Id-drittijiet u d-doveri tal-Kap tal-Oppożizzjoni mhumiex ċari.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi definizzjoni aktar ċara tad-drittijiet u d-doveri tal-Kap tal-Oppożizzjoni.** |
| **88** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Is-Segretarji Permanenti** | Amministrazzjoni ġdida m'għandhiex tkun mgħobbija minn Segretarji Permanenti maħtura minn dik ta' qabilha.<br>**Amministrazzjoni ġdida għandu jkollha l-libertà li taħtar Segretarji Permanenti ġodda. Il-kuntratti ta' dawk maħtura mill-amministrazzjoni preċedenti għandhom jiskadu awtomatikament, bla benefiċċji terminali.** |
| **89** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Flessibbiltà għall-President** | Il-President għandu jkollu aktar flessibbiltà meta jaġixxi fuq il-parir tal-Eżekuttiv.<br>**Meta l-President jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru tal-Kabinett, huwa għandu jkollu d-dritt li jirreferi dak il-parir lura għal rikunsiderazzjoni għall-inqas darba. Jekk il-President iqis dan il-parir bħala ksur tal-liġi, huwa għandu jkollu d-dritt li jirrifjutah.** |
| **90** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Konflitt ta' interess tal-President** | Hemm il-possibbiltà li l-President bħala president tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja jkollu konflitt ta' interess fil-konfront tal-ħatra jew tat-tneħħija ta' membru tal-Ġudikatura.<br>**Reviżjoni tal-kompożizzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja biex ikunu evitati konflitti ta' interess.** |

| | | |
|---|---|---|
| **91** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Allowances tal-Ġudikanti** | L-għoti ta' allowances lil membri tal-Ġudikatura m'għandux, bħala regola, ikun rakkomandat.<br>**Kwalunkwe allowance mħallsa lil membri tal-Ġudikatura għandha tkun assorbita fis-salarju tagħhom u tkun marbuta ma' parametri ta' prestazzjoni. Fir-rigward ta' dan, il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandha tkun f'pożizzjoni li timmulta membri għal offiżi minuri (li seduta ma tibdiex fil-ħin, il-posponiment ta' seduti mingħajr avviż suffiċjenti, il-posponiment ripetut ta' każi, it-taħrik bla bżonn ta' xhieda, il-posponiment ta' seduti tal-qorti għal pawsa għall-kafè).** |
| **92** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Allowances ta' Uffiċjali Parlamentari** | **Għandu jkun projbit il-ħlas ta' allowances lil uffiċjali Parlamentari sakemm dawn ma jkunux marbuta mill-qrib ma' parametri ta' prestazzjoni.** |
| **93** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Inkonsistenzi bejn Uffiċjali Pubbliċi** | Hemm wisq inkonsistenzi fid-definizzjoni ta' ċerti uffiċjali pubbliċi bejn biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni, bħal fil-każ tad-definizzjoni ta' Kap ta' Dipartiment fil-Kostituzzjoni versus dik ta' Diretturi Ġenerali f'liġijiet oħra.<br>**Tinġieb aktar konsistenza fit-titli ta' uffiċjali pubbliċi, kif ukoll issir distinzjoni bejn titli titulari u dawk nontitulari.** |
| **94** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Eks Presidenti** | L-imġiba ta' eks Presidenti mhix regolata, u m'hemmx standards għolja biżżejjed dwar x'inhu mistenni minn eks President.<br>**Eks Presidenti għandhom ikunu pprojbiti milli jindirizzaw mass meetings politiċi, li jivvotaw għal mexxej ġdid ta' partit politiku, li jattendu attivitajiet politiċi, li jagħtu intervisti ta' natura partiġġjana, u li jieħdu pożizzjonijiet pubbliċi dwar affarijiet politiċi.** |
| **95** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Rappreżentazzjoni tan-Nisa** | Għad hemm nuqqas ta' nisa f'ħafna istituzzjonijiet.<br>**Isir eżami kif ikun żgurat li jkun hemm rappreżentazzjoni aktar ekwa ta' nisa fl-istituzzjonijiet tal-Istat.** |
| **96** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Żgħażagħ li jagħlqu 16-il sena** | Iż-żgħażagħ li jagħlqu 16-il sena għandhom jipparteċipaw fil-proċess elettorali.<br>**Għandu jingħata l-vot lil dawk li jagħlqu 16-il sena.** |
| **97** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Rwol taż-Żgħażagħ** | Il-pajjiż jiggwadanja jekk aktar żgħażagħ jieħdu sehem fit-tmexxija tiegħu.<br>**(1) Ikun hemm regola li kull bord ta' organizzazzjoni jew kumitat fis-settur pubbliku għandu jkollu bħala membru, żagħżugħ ta' inqas minn 30 sena. (2) Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ ikun stabbilit skont il-Kostituzzjoni.** |
| **98** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Referenda** | Għandu jkun hemm spazju għal aktar referenda.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi għal referenda propożittivi.** |
| **99** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Is-Servizz Ġudizzjarju** | Is-Servizz Ġudizzjarju m'għandux jibqa' parti mis-servizz pubbliku.<br>**Is-Servizz Ġudizzjarju għandu jinqata' mis-servizz pubbliku.** |

| | | |
|---|---|---|
| **100** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Kontabbiltà Finanzjarja** | Il-mekkaniżmi ta' kontabbiltà finanzjarja fil-Ministeri għadhom batuti.<br>**(1) Tinħoloq kontabbiltà finanzjarja effettiva, inklużi awditi interni, fil-Ministeri kollha, b'kordinazzjoni mal-Awditur Ġenerali. (2) Jiddaħħlu miżuri korrettivi effettivi (passi dixxiplinari, rimborż ta' spiża mhux awtorizzata, tkeċċija ta' nies li ma josservawx ir-regolamenti finanzjarji (kemm jekk huma Ministri, Segretarji Parlamentari, uffiċjali pubbliċi jew impjegati). (3) Is-Segretarji Permanenti ikunu kontabbli personalment għal amministrazzjoni finanzjarja ħażina.** |
| **101** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Il-Qorti tal-Appell** | Il-Qorti tal-Appell jista' jkollha rwol aktar wiesa'.<br>**Titkabbar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Appell biex taġixxi bħala qorti tal-appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva, waqt li din tal-aħħar tkun il-forum fejn min iħossu inġurjat jista' jfittex l-amministrazzjoni pubblika jew fejn l-amministrazzjoni pubblika tista' tfittex lil xi ħadd.** |
| **102** | **Faillimenti tal-Kostituzzjoni - Rikors taċ-Ċittadini fil-qrati** | Iċ-ċittadini għandhom isibuha aktar faċli li jirrikorru l-Qorti.<br>**Jidħlu provvedimenti li ċ-ċittadini ma jkollhomx għalfejn jippruvaw li għandhom interess ġuridiku biex jirrikorru fil-qrati rigward l-infurzar ta' provvedimenti kostituzzjonali.** |
| **103** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Affarijiet Parlamentari** | Il-Parlament isir iżjed effettiv jekk ikollu Membri Parlamentari full-time, u jeħtieġlu mekkaniżmi ġodda.<br>**(1) Il-Parlament għandu jkun jikkonsisti minn Membri Parlamentari full-time. (2) Għandu jitwaqqaf Kumitat Permanenti ġdid li jissorvelja sew il-leġiżlazzjoni sussidjarja, il-funzjonijiet tal-korporazzjonijiet pubbliċi, il-kodifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-liġijiet, u jiddiskuti affarijiet ekonomiċi.** |
| **104** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Limiti għal leġiżlazzjoni sussidjarja** | Is-setgħa tal-Eżekuttiv li jagħmel liġijiet hi wiesgħa wisq.<br>**Issir delineazzjoni tal-limiti tas-setgħa tal-Eżekuttiv u awtoritajiet oħra li jagħmlu liġijiet li jagħmlu leġiżlazzjoni sussidjarja.** |
| **105** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Jiem Nazzjonali** | Il-pajjiż għandu wisq Jiem Nazzjonali.<br>**Għandu jkun hemm Jum Nazzjonali wieħed, u dan ikun Jum il-Kostituzzjoni (it-twelid tat-Tieni Repubblika).** |
| **106** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Xogħol tal-Oppożizzjoni** | L-Oppożizzjoni għandu jkollha aktar opportunitajiet li tressaq mozzjonijiet u leġiżlazzjoni.<br>**Il-Kumitat għall-Affarijiet tal-Kamra għandu jkollu seduta kull 15-il ġurnata biex jiddiskuti mozzjonijiet, leġiżlazzjoni u affarijiet oħra mressqa mill-Oppożizzjoni.** |
| **107** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Tneħħija ta' MP** | Id-demokrazija parteċipata għandha tkun kontinwa.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tipprovdi biex il-votanti jitolbu t-tneħħija ta' Membri tal-Parlament, Membri tal-Parlament Ewropew, u Sindki/Kunsilliera Lokali.** |
| **108** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Konflitti ta' interess** | Il-konflitti ta' interess mhumiex irregolati adegwatament.<br>**Konflitti ta' interess li jinvolvu Ministri, Segretarji Parlamentari, Membri tal-Parlament, membri tal-Ġudikatura u uffiċjali pubbliċi għadhom mhumiex irregolati adegwatament.** |

| | | |
|---|---|---|
| **109** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Finanzjament tal-Partiti** | **Il-partiti politiċi u l-finanzjament tagħhom għandhom ikunu rregolati aħjar.** |
| **110** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Prosekutur Ġenerali** | **Jitwaqqaf l-uffiċċju ta' Prosekutur Ġenerali u l-funzjonijiet tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni jkunu trasferiti lilu.** |
| **111** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Responsabbiltà Ministerjali** | Ir-responsabbiltà ministerjali mhix iddefinita adegwatament u infurzata.<br>**Issir delineazzjoni tal-bażi ta' responsabbiltà ministerjali, inkluża r-riżenja tagħhom. Il-Prim Ministru m'għandux ikollu lok li jgħatti ineffiċjenza, negliġenza u amministrazzjoni ħażina minn Ministri, Segretarji Permanenti, impjegati ministerjali/segretarjali, u minn impjegati oħra maħtura politikament.** |
| **112** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Konsulenti** | L-ingaġġ ta' konsulenti mhuwiex irregolat tajjeb.<br>**Ikun irregolat l-ingaġġ ta' konsulenti u uffiċjali mhux pubbliċi fil-Ministeri, fis-Segretarjati Parlamentari u fl-amministrazzjoni pubblika.** |
| **113** | **Fallimenti tal-Kostituzzjoni - Fewdi ministerjali** | Il-korruzzjoni, il-mismanagement ta' fondi pubbliċi, u l-amministrazzjoni ħażina huma l-ordni tal-ġurnata.<br>**Ikun żgurat li l-Prim Ministru, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari ma jmexxux l-uffiċċju tagħhom bħala xi fewdu personali b'valuri li jmorru kontra l-governanza tajba.** |
| **114** | **Il-Ħolqien tat-Tieni Repubblika - Kompożizzjoni tal-Konvenzjoni Kostituzzjonali** | **Il-Konvenzjoni għandha tinkludi l-partiti politiċi, il-Gvern, l-Oppożizzjoni, is-soċjetà ċivili, il-Knisja, l-ONG, esperti, u ċittadini ordinarji.** |
| **115** | **Il-Ħolqien tat-Tieni Repubblika - Abbozzar tal-Kostituzzjoni ġdida** | **L-abbozzar tal-Kostituzzjoni ġdida għandu jsir mill-Konvenzjoni, mhux mill-Kamra tar-Rappreżentanti, għalkemm il-Kamra għandha tapprovaha skont il-Kostituzzjoni kurrenti.** |
| **116** | **Il-Ħolqien tat-Tieni Repubblika - Mandat** | **Il-Konvenzjoni għandu jkollha mandat mill-Parlament permezz ta' Att dwar il-Konvenzjoni Kostituzzjonali. Il-Parlament imbagħad jiddiskuti u japprova, u wara jkun hemm referendum.** |

## Parti D: Proposti tal-Kummissjoni ta' Venezja

| Nru | Tema | Nuqqas jew Difett u Proposta relatata/impliċita |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Is-separazzjoni tas-setgħat u "checks and balances"** | Il-governanza hija essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u biex ikun hemm din irid ikun hemm separazzjoni tas-setgħat u "checks and balances". Il-fatt li hemm kamra leġiżlattiva waħda huwa ta' impediment għal dan u jagħti lill-Prim Ministru setgħa akbar.<br>**Għandu jkun hemm separazzjoni akbar tas-setgħat u inqas setgħat f'idejn il-Prim Ministru.** |
| 2 | **Tnaqqis tar-rwol tal-Prim Ministru f'ħatriet uffiċjali** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja temmen li d-dominanza tal-Prim Ministru għandha tkun bilanċjata minn istituzzjonijiet oħra tal-Istat, kif irrakkomandat fi proposti oħra tagħha, kif ukoll billi ċerti kompetenzi tiegħu, bħal ngħidu aħna ħatriet ta' membri fuq kummissjonijiet indipendenti, isiru mill-Kabinett minflok minnu.** |
| 3 | **Trażżin tas-setgħat eżekuttivi** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma wkoll li biex ikun hemm ċertezza legali, dawk is-setgħat li l-Gvern għandu biex jagħmel ħatriet ma jsirux mill-Prim Ministru waħdu u li dawn is-setgħat ikunu espliċitament tal-Gvern.** |
| 4 | **L-għażla ta' Segretarji Permanenti** | Il-Kummissjoni ta' Venezja tinnota li, waqt li Ministru għandu responsabbiltà għad-dipartiment/i li jaqa'/jaqgħu fil-portafoll tiegħu, is-Segretarju Permanenti ma jinħatarx minnu, iżda mill-Prim Ministru.<br>**Il-Kummissjoni ta' Venezja tissuġġerixxi li (1) l-ħatra ta' Segretarji Permanenti fil-Ministeri għandha ssir mill-Kabinett, mhux mill-Prim Ministru, anki biex ikun hemm aktar "checks and balances"; (2) l-għażla tas-Segretarji Permanenti għandha ssir mill-Kummissjoni tas-Servizz Ċivili Indipendenti skont il-mertu tal-kandidati; (3) is-Segretarji Permanenti m'għandhomx ikunu maħtura politikament, iżda jkunu civil servants indipendenti u permanenti.** |
| 5 | **Permanenza tas-Segretarji Permanenti** | **Is-Segretarji Permanenti għandhom jinħatru sakemm jirtiraw jew jitkeċċew għal raġunijiet speċifiċi.** |
| 6 | **Persuni ta' Fiduċja** | L-Att dwar l-Istandards Pubbliċi ma jipprovdix bażi legali, aħseb u ara kostituzzjonali, għall-ħatra ta' persuni ta' fiduċja li jaġixxu bħal uffiċjali pubbliċi. Dan joħloq tħassib li persuni ta' fiduċja qed jimlew postijiet vakanti li għandhom jimtlew skont il-mertu. Waqt li l-Kummissjoni ta' Venezja taċċetta li jista' jkun hemm bżonn leġittimu li ministri jkollhom persuni ta' fiduċja li jgħinuhom jimplimentaw programm politiku, dan m'għandux isir eċċessiv u xogħolhom għandu jkun direttament marbut ma' dan il-programm.<br>**Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li jkun hemm emenda kostituzzjonali u leġiżlazzjoni li tammetti, fl-istess waqt li tillimita fl-għadd, il-possibbiltà tal-ħatra ta' persuni ta' fiduċja li jkunu relatati ma' eżerċizzju ta' setgħa, bħala eċċezzjoni għas-sistema ġenerali ta' ħatriet fis-servizz pubbliku.** |

| | | |
|---|---|---|
| **7** | **Il-Pulizija** | Il-Kummissjoni tinnota li l-liġi tipprovdi għall-awtonomija tal-pulizija, li f'soċjetà demokratika għandu jkollha l-fiduċja tal-pubbliku u tkun newtrali politikament.<br>**Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li (1) għandu jkun hemm kompetizzjoni pubblika għall-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija u l-awtorità li taħtru (il-President jew il-Prim Ministru) għandha tkun marbuta mar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni, anki jekk jista' jkollhom veto kontra l-kandidat magħżul (din ir-rakkomandazzjoni tapplika anki jekk is-setgħat ta' prosekuzzjoni jingħataw lil Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi); (2) is-setgħat tal-Pulizija li tinvestiga għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jew mid-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi, jekk l-uffiċċji jkunu separati; (3) il-Pulizija taġixxi skont l-istruzzjonijiet tad-DPP.** |
| **8** | **Twaqqif ta' Kunsill tal-Istat** | **Il-Kummisssjoni ta' Venezja tirrakkomanda li l-Kostituzzjoni tipprovdi għat-twaqqif ta' korp indipendenti (li jixbah lil Kunsill tal-Istat)** |
| **9** | **Funzjonijiet tal-Kunsill tal-Istat** | **Il-Kunsill tal-Istat ikun jista' jiffoka fuq materji bħal: jekk abbozz ta' liġi hux kompatibbli mal-Kostituzzjoni, mal-liġi Ewropea, u ma' trattati (bħal konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem); jekk l-abbozzi humiex skont il-prinċipji tad-demokrazija u l-istat tad-dritt; jekk l-abbozzi humiex kompatibbli mal-prinċipji ta' leġiżlazzjoni tajba, bħall-ugwaljanza quddiem il-liġi, iċ-ċertezza legali u l-proporzjonalità; jekk l-abbozzi jistgħux ikunu inkorporati faċilment fis-sistema legali eżistenti; u jekk l-impatt finanzjarju fuq il-baġit huwiex sostenibbli.** |
| **10** | **Elezzjoni tal-President** | Il-Kummissjoni ta' Venezja tinnota li (1) il-President jista' effettivament ikun elett u jitneħħa mill-partit politiku li rebaħ l-aħħar elezzjoni u li jikkontrolla l-Gvern u l-maġġoranza fil-Parlament; (2) il-President m'għandux setgħat suffiċjenti biex jaġixxi bħala attur fis-sistema ta' "checks and balances".<br>**Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma li l-Presidenza għandha tissaħħaħ billi l-President ikun elett u jitneħħa b'maġġoranza kwalifikata fil-Parlament.** |
| **11** | **Impeachment tal-President** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma li l-Presidenza għandha tissaħħaħ billi l-President jitneħħa b'maġġoranza kwalifikata fil-Parlament.** |
| **12** | **Terminu sigur tal-President** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma li għandu jkun hemm mekkaniżmu biex ma jkunx hemm imblokk għall-ħatra tal-President.** |
| **13** | **Il-Qorti Kostituzzjonali u l-effetti ta' sentenza tagħha** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li ssir emenda tal-Kostituzzjoni biex tiżgura li provvediment legali misjub antikostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali jitlef kull effett legali mal-pubblikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti, li l-Qorti Kostituzzjonali tingħata s-setgħa li tipposponi d-dħul fis-seħħ tal-annullament partikulari għal perjodu speċifiku (tipikament sa sena), sabiex il-Parlament ikollu l-ħin idaħħal leġiżlazzjoni ġdida, u li l-annullamenti ta' dan it-tip ma jkollhomx bżonn l-intervent tal-Parlament.** |
| **14** | **Limiti għal-Leġiżlazzjoni sussidjarja** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja tiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jitnaqqas l-użu estensiv ta' leġiżlazzjoni delegata.** |

| | | |
|---|---|---|
| **15** | **Għażla tal-Prim Imħallef** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja ma taqbilx mal-proposta tal-Gvern li l-ħatra tista' tkun limitata għal imħallfin fl-uffiċċju u wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni. Hija tirrakkomanda li l-ħatra tiegħu tkun l-istess bħal dik ta' mħallfin oħra.** |
| **16** | **Kompożizzjoni tal-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji** | Il-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji huwa żgħir u l-kompożizzjoni tiegħu ma tikkonformax ma' standards Ewropej.<br>**Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li l-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji jkun iżjed bilanċjat billi jiżdied b'mod sinifikanti l-għadd ta' membri, speċjalment ta' membri ġudikanti, skont ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-Kumitat għandu jkollu għall-inqas nofs il-membri tiegħu mħallfin eletti minn sħabhom mil-livelli kollha tal-Ġudikatura.** |
| **17** | **Tnaqqis fis-setgħat tal-Eżekuttiv fuq il-Ġudikatura** | **(1) Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li (a) il-postijiet vakanti ġudizzjarji jkunu mħabbra, u kandidati, kemm li huma diġà membri tal-Ġudikatura kif ukoll li mhumiex, ikunu jistgħu japplikaw għalihom, u li (b) il-Kumitat għandu jikklassifika l-kandidati skont il-mertu tagħhom skont kriterji stabbiliti minn qabel u li jkunu ċari u trasparenti.**<br>**(2) Il-Kummissjoni għandha tagħti kas tal-mira li jkun hemm bilanċ bejn nisa u rġiel. Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li l-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji għandu jirrakkomanda kandidat jew kandidati għall-Ġudikatura direttament lill-President ta' Malta, u li l-President jimxi fuq it-tali rakkomandazzjonijiet.** |
| **18** | **Età tal-irtirar tal-Ġudikanti** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja m'għandhiex oġġezzjoni li l-età tal-irtirar ta' Ġudikanti tkun estiża jekk dawn il-Ġudikanti jkollhom possibbiltà li jirtiraw taħt regoli kurrenti.** |
| **19** | **Passi Dixxiplinari kontra membri tal-Ġudikatura** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja ma taqbilx li entità politika bħall-Parlament ikollu d-dritt li jkeċċi membru tal-Ġudikatura, anki b'vot ta' żewġ terzi. Dan huwa problematiku taħt standards Ewropej. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li din is-setgħa tingħata lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u li jkun hemm possibbiltà ta' appell kontra d-deċiżjoni tagħha lil xi qorti.** |
| **20** | **Deċiżjonijiet tal-Avukat Ġenerali mhux suġġetti għal reviżjoni** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja ssibha problematika li d-deċiżjonijiet tal-Avukat Ġenerali mhumiex suġġetti għal reviżjoni minn xi entità oħra.** |

| | | |
|---|---|---|
| **21** | **Rwoli doppji tal-Avukat Ġenerali** | **(1) Il-Kummissjoni ta' Venezja tqis li r-rwol doppju tal-Avukat Ġenerali bħala Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-FIAU, fl-istess waqt li għandu rwol ewlieni fil-prosekuzzjonijiet, jagħti lok għal konflitt ta' interess u ksur tal-prinċipju ta' separazzjoni tas-setgħat. Hija tirrakkomanda li l-funzjonijiet ta' prosekuzzjoni għandhom jingħataw lil Prosekutur Ġenerali jew Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi jew Prosekutur Ġenerali.**<br>**(2) Il-Kummissjoni ta' Venezja tqis li r-rwol doppju tal-Avukat Ġenerali li jmexxi l-prosekuzzjonijiet huwa stess direttament, minkejja li jagħti pariri lill-Pulizija li jistgħu jsegwu jew le l-pariri tiegħu, joħloq ambigwità u huwa problematiku mil-lat tas-separazzjoni tas-setgħat, u jwassal għal kontroversji politiċi meta jkun hemm prosekuzzjonijiet sensittivi.**<br>**(3) Il-Kummissjoni ta' Venezja tqis li r-rwol doppju tal-Avukat Ġenerali bħala li jagħti pariri lill-Gvern, jirrappreżenta l-interessi tal-Istat fi proċeduri ġudizzjarji, u jgħin fl-abbozzar ta' liġijiet u ftehimiet, jagħti lok għal konflitt ta' interess u ksur tal-prinċipju ta' separazzjoni tas-setgħat. Hija tirrakkomanda li l-funzjonijiet ta' prosekuzzjoni għandhom jingħataw lil Prosekutur Ġenerali jew Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi jew Prosekutur Ġenerali.** |
| **22** | **Twaqqif ta' Prosekutur Ġenerali** | **(1) Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma li l-investigazzjoni ta' reati hija xogħol l-Istat. Għalhekk tirrakkomanda li l-funzjoni ta' inkjesta għandha tingħata lid-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi.**<br>**(2) Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li dawk l-uffiċjali fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jispeċjalizzaw fil-prosekuzzjonijiet għandhom jingħaqdu mal-pulizija prosekuturi ġodda taħt id-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi.**<br>**(3) Il-Kummizzjoni ta' Venezja tirrakkomanda li d-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi jkun indipendenti u jkun responsabbli għall-prosekuzzjonijiet pubbliċi kollha (istituzzjoni, sospensjoni u terminazzjoni tagħhom), minflok l-Avukat Ġenerali u l-Pulizija. Is-setgħat tiegħu jkunu suġġetti għal reviżjoni ġudizzjarja, li tista' tintalab mill-vittmi, speċjalment fejn jikkonċerna deċiżjonijiet li ma jmexxix prosekuzzjoni.** |
| **23** | **Membri Parlamentari full-time u riżorsi** | Il-Kummissjoni ta' Venezja tinnota li l-Membri Parlamentari jiffaċċjaw sfidi kumplessi u jeħtieġ li jkunu suffiċjentement informati biex jagħmlu għażliet importanti għall-pajjiż u jilleġiżlaw.<br>**(1) Għandu jkun hemm Membri Parlamentari full-time.**<br>**(2) Il-Kummissjoni ta' Venezja, waqt li tinnota li l-Membri Parlamentari għandhom fondi mill-Istat għal riċerka, ma tqisx li huma għandhom ir-riżorsi suffiċjenti u tirrakkomanda li jiżdiedu l-impjegati li jistgħu jgħinu lill-MP f'xogħolhom, inkluż ir-riċerka.** |
| **24** | **Salarji tal-Membri Parlamentari** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma li s-salarji tal-Membri Parlamentari għandhom jiżdiedu sostanzjalment sabiex huma ma jkollhom l-ebda problema jikkonċentraw fuq ix-xogħol parlamentari tagħhom. Hemm ħtieġa ta' reviżjoni fis-salarji ta' MP.** |

| | | |
|---|---|---|
| 25 | **Riżorsi għall-Membri Parlamentari** | **Għandha tingħata għajnuna mhux partiġġjana lil MP biex jaqdu dmirijiethom, speċjalment permezz ta' aktar riżorsi umani u ta' korp konsultattiv ewlieni.** |
| 26 | **Membri Parlamentari full-time u impjiegi eżekuttivi** | **(1) Il-Membri Parlamentari m'għandux ikollhom impjiegi eżekuttivi.**<br>**(2) Il-Kummissjoni ta' Venezja tiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa: (1) li jkunu evitati konflitti ta' interess, *inter alia* bit-tisħiħ ta' regoli fuq inkompatibbiltajiet imniżżla fl-Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni u ssikkar tar-regoli dwar il-ħatra ta' MP fuq korpi uffiċjali.** |
| 27 | **L-Ombudsman** | Il-Kummissjoni ta' Venezja tinnota li (1) il-Kamra tar-Rappreżentanti mhix obbligata li tiddibatti r-rapporti tal-Ombudsman, u (2) li informazzjoni mitluba mill-Ombudsman ta' spiss ma tingħatax lilu mill-Gvern.<br>**Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma li, sakemm l-informazzjoni mitluba mill-Ombudsman mhix waħda li tikkonċerna materji mniżżla fl-Artikolu 20 tal-Att dwar l-Ombudsman (sigurtà jew difiża, dannu serju lill-ekonomija, aċċess għal diskussjonijiet fil-Kabinett jew kumitat tal-Kabinett, jew ta' preġudizzju għal investigazzjoni jew kxif ta' offiżi), din l-informazzjoni għandha tingħata kemm lill-Ombudsman kif ukoll lill-pubbliku ġenerali.** |
| 28 | **Aċċess għall-Informazzjoni** | **L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni għandu jkun aġġornat skont mudelli internazzjonali biex jiggarantixxi t-trasparenza tal-amministrazzjoni fil-konfront tal-medja u ċ-ċittadini.** |
| 29 | **Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li l-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni tiġi xolta u l-prosekuzzjoni ta' reati li jirriżultaw minn korruzzjoni ssir mid-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi (DPP), anki jekk il-Gvern irid iżomm il-Kummissjoni biex tirrapporta fuq il-korruzzjoni u tibgħat ir-rapporti tagħha lid-DPP, bla ma timblokka investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet mill-istess Pulizija u d-DPP.** |
| 30 | **Tribunali speċjalizzati** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja ma tistax teżamina jekk il-ħolqien u l-ġurisdizzjoni ta' dawn it-tribunali jimminawx l-awtorità ta' strutturi ġuridiċi bażiċi mniżżla fil-Kostituzzjoni, jekk hemmx riskju ta' ġurisdizzjoni parallela, jekk hemmx inkoerenza fil-ġurisprudenza, jekk il-partijiet f'tilwima għandhomx l-istess drittijiet biex jappellaw. Il-Kummissjoni hija lesta li teżamina dawn l-affarijiet jekk tintalab tagħmel dan.** |

| | | |
|---|---|---|
| **31** | **Il-Midja/Is-Soċjetà Ċivili** | **Il-Kummissjoni ta' Venezja għandha l-impressjoni li f'Malta l-midja u s-soċjetà ċivili jsibuha diffiċli li jwettqu r-rwol ta' *watchdog* bħala prekundizzjoni indispensabbli għall-kontabbiltà tal-Gvern. Il-Kummissjoni tfakkar li huwa obbligu ta' kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa li jipproteġi l-ġurnalisti u tikkwota diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward.<br>Il-Kummissjoni ta' Venezja tistqarr li mhix f'pożizzjoni li teżamina jekk l-investigazzjoni fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia tikkonformax mal-istandards għolja msemmija fil-każ Ramsahai u oħrajn vs In-Netherlands, 15 ta' Mejju 2007, iżda tinsisti li huwa obbligu tal-Gvern li jiżgura li l-midja u s-soċjetà ċivili jkollhom rwol attiv li jżommu lill-awtoritajiet kontabbli ta' għemilhom.** |

## Parti E: Proposti ta’ Dr Luke Dalli (Teżi) - The Offices of the President and the Prime Minister of Malta, A Way Forward

| Nru | Tema | Nuqqas jew Difett u Proposta relatata |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Il-Presidenza - Sigurtà tal-uffiċċju** | Tistagħġeb meta tqis li l-President jista’ jitneħħa mill-kariga b’riżoluzzjoni b’maġġoranza sempliċi fil-Parlament “allegatament” għaliex ma jistax jaqdi l-funzjonijiet tal-Uffiċċju jew għal imġiba ħażina, meta tqis li l-Avukat Ġenerali, Ġudikant jew maġistrat jitneħħew b’maġġoranza ta’ żewġ terzi u l-allegazzjonijiet iridu jkunu ppruvati.<br>L-Awtur jikkwota lil Marc Sant meta jgħid li l-metodu tal-elezzjoni tal-President u l-perjodu li jservi għandhom ikunu simbolu ta’ għaqda nazzjonali u li jwassluh biex jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b’mod indipendenti.<br>**L-awtur jipproponi li l-President għandu jitneħħa bi proċedura ta’ “impeachment” b’maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-Parlament jekk il-Qorti Kostituzzjonali tiddetermina li mhuwiex kapaċi jaqdi dmirijietu jew minħabba mġiba ħażina.** |
| 2 | **Il-Presidenza - Setgħat tal-President** | Il-President ftit li xejn għandu setgħat, ħlief dawk residwi, fejn il-prerogattiva tiegħu tista’ tkun eżerċitata personalment fid-diskrezzjoni tiegħu (il-ħatra ta’ Aġent Prim Ministru, il-ħatra ta’ Kap tal-Oppożizzjoni, u l-ħatra tal-uffiċjali personali tiegħu) jew skont il-parir li jagħtuh il-Prim Ministru jew Ministru tal-Kabinett (maħfriet presidenzjali, ix-xoljiment tal-Parlament).<br>**L-awtur jikkwota lil Marc Sant li l-President għandu jingħata aktar diskrezzjoni biex ikollu “check” fuq gvern b’saħħtu minħabba li m’hemmx separazzjoni effettiva tas-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi.** |
| | **Il-Presidenza - Inibizzjoni tal-kontribuzzjoni tiegħu** | Il-President huwa l-Kap tal-Eżekuttiv però huwa parti essenzjali tal-organu leġiżlattiv għaliex il-kunsens tiegħu huwa meħtieġ biex abbozz isir liġi. Il-President jista’ teoretikament jirrifjuta li jagħti l-kunsens, iżda l-konsegwenzi huma jew ir-riżenja tiegħu jew it-tneħħija tiegħu b’sempliċi maġġoranza.<br>**L-awtur ma jagħmel l-ebda rakkomandazzjoni speċifika.** |
| 3 | **L-elezzjoni tal-President** | Teoretikament, il-ħatra tal-President tista’ ssir bla ma jkun hemm kworum fil-Kamra tar-Rappreżentanti.<br>**Għalhekk jipproponi li l-ħatra ssir jew (1) b’maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-Parlament jew (2) b’maġġoranza assoluta tal-Parlament u s-Sindki tal-Kunsilli Lokali. F’każ li ma jkunx hemm il-maġġoranza meħtieġa, il-ħatra tista’ ssir minn Kunsill tal-Istat (kif propost minn Profs Aquilina) jew b’elezzjoni diretta mill-poplu (Select Committee, 1987).** |

| | | |
|---|---|---|
| 4 | **Kap tal-Eżekuttiv** | Il-President huwa l-Kap tal-Eżekuttiv, jippresiedi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u jagħti l-kunsens tiegħu għal-liġijiet. Dan huwa kontra s-separazzjoni tas-setgħat.<br>**Dalli jipproponi li l-President ikun il-kap ta' wieħed biss mill-organi tal-Istat, dak tal-Eżekuttiv.** |
| 5 | **Direttivi tal-President** | Il-President m'għandux is-setgħat meħtieġa biex jaqdi r-rwol ta' gwardjan tal-Kostituzzjoni.<br>**Il-President għandu jingħata setgħat li joħroġ direttivi sabiex ikun hemm osservanza tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli għall-Qorti Kostituzzjonali, jew xi persuna jew korp ieħor, li tipprovdi soluzzjoni fil-qafas tal-Kostituzzjoni nnifisha. Dawn id-direttivi jistgħu jingħataw lil kull min ikun qed jikser il-liġi suprema, hu min hu.** |
| 6 | **Pariri lill-President - Twaqqif ta' Kunsill tal-Istat** | Il-President għandu bżonn korp li jagħtih pariri dwar kwistjonijiet li jistgħu jqumu minn żmien għal żmien u fejn jista' jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu (xoljiment tal-Parlament, ħatra u tkeċċija ta' Prim Ministru, ħatra ta' aġent PM, revokazzjoni tal-awtorità ta' Ministru tal-Kabinett, ħatra tal-Kap tal-Oppożizzjoni, ħatra tal-uffiċjali personali tiegħu).<br>**L-awtur jipproponi t-twaqqif ta' Kunsill tal-Istat ippresedut mill-President (1) magħmul mill-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni, u numru ta' individwi li taw kontribuzzjoni lill-istorja politika tal-pajjiż mill-partiti politiċi (Select Committee 1987); jew (2) magħmul mill-PM, Kap tal-Oppożizzjoni, u eks Presidenti (President George Abela, 13 ta' Diċembru 2009); jew (3) magħmul minn eks Presidenti, eks Prim Ministri u eks Kapijiet tal-Oppożizzjoni, u rappreżentanti tas-soċjetà (Profs Kevin Aquilina). Skont Dr Franco Debono, il-Kunsill għandu jinħatar b'maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament għal perjodu ta' sitt snin.** |
| 7 | **Funzjonijiet tal-Kunsill tal-Istat** | Dalli jsemmi distribuzzjonijiet differenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill tal-Istat u l-mod kif jaħdem.<br>**(1) Skont is-Select Committee 1987, il-funzjonijiet tal-Kunsill tal-Istat ikunu jinkludu l-għażla ta' ċerti karigi għolja bħal dawk tal-Kummissarju Elettorali Ewlieni, il-membri u ċ-Chairman tal-Awtorità tax-Xandir u tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, u l-Kunsill jagħti pariri lill-President kull meta dan jistaqsi għalihom. (2) Skont il-Profs Aquilina, il-Kunsill jista' jagħti pariri kemm lill-President kif ukoll lill-Gvern, dwar (i) ħatriet tal-President, Ġudikatura, Segretarji Permanenti, Ambaxxaturi, Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija, Kmandant tal-Forzi Armati, Ombudsman, Awditur Ġenerali, kummissjonijiet kostituzzjonali, l-Awtorità tax-Xandir, Chairman u membri tal-bordijiet ta' korpi pubbliċi, u uffiċċji statali oħra (il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data*, il-Kummissarju għat-Tfal, il-Kummissarju għal Investigazzjonijiet Amministrattivi), (ii) emendi għall-Kostituzzjoni, liġijiet u policies; (iii) inkjesti taħt l-Att dwar l-Inkjesti, u (iv) kummenti dwar abbozzi quddiem il-Parlament.** |

| | | |
|---|---|---|
| 8 | **Id-Diskors tal-President** | Il-President m'għandux jitpoġġa f'pożizzjoni li jagħmel diskors partiġġjan fil-ftuħ tal-Parlament.<br>**Dalli jsemmi l-proposta tal-President Abela li jkun hemm tliet diskorsi: wieħed tal-President miktub minnu nnifsu, wieħed tal-Prim Ministru dwar il-pjanijiet tal-Gvern għal-leġiżlatura li jmiss, u wieħed tal-Kap tal-Oppożizzjoni dwar xogħol l-Oppożizzjoni.** |
| 9 | **Rule of Party vs Rule of Law** | (1) L-elementi bażiċi ta' governanza tajba, bħat-trasparenza, l-kontabbiltà, u l-infurzar tal-liġijiet qed jitnaqqru minħabba li l-Kostituzzjoni tiffaċilita "l-iggvernar mill-partit" minflok "l-istat tad-dritt".<br>**Huwa kruċjali li jkun hemm istituzzjonijiet tar-"raba' fergħa" indipendenti mill-awtoritajiet politiċi (Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino).** |
| 10 | **Il-Ħatra ta' uffiċjali ewlenin tal-Istat** | L-ogħla uffiċjali tal-Istat għandhom ikunu imparzjali.<br>**Il-proċess tal-ħatra tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija għandu jkun riformat. ConstitutionNet issemmi l-proposta tal-PN li dawn il-ħatriet mill-Prim Ministru jkunu jirrikjedu maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament fl-ewwel vot u, jekk ma tintlaħaqx, maġġoranza sempliċi fit-tielet vot. Tissemma wkoll proposta li dan il-proċess ikun istitwit fil-Kostituzzjoni.** |
| 11 | **Tneħħija tal-persuni istituzzjonali** | Dr Briguglio jsemmi l-proposti tal-Profs Kevin Aquilina rigward it-tneħħija ta' uffiċjali ewlenin tal-Istat.<br>Profs Aquilina jingħad li ppropona li dawn l-uffiċjali jitneħħew b'maġġoranza ta' żewġ terzi. |
| 12 | **Awtorità indipendenti ta' prosekuzzjoni** | Dr Briguglio jsemmi l-proposta tal-Profs Aquilina li jkun hemm awtorità indipendenti ta' prosekuzzjoni, li l-kap tagħha jinħatar u jitneħħa bl-istess mod applikabbli għall-imħallfin. |
| 13 | **Konċentrazzjoni ta' Setgħat** | Il-mudell ta' Westminster iwassal għal konċentrazzjoni ta' setgħat f'idejn il-Prim Ministru, il-Kabinett u l-Eżekuttiv. Dawn, flimkien mal-Membri Parlamentari, ma jagħrfux li huma kontabbli għas-setgħa temporanja tagħhom. |
| 14 | **Trażżin tas-setgħat eżekuttivi** | L-awtoritajiet li l-iskop tagħhom huwa li jiżguraw amministrazzjoni pubblika korretta, anki billi jrażżnu l-eżerċizzju tas-setgħa mill-Eżekuttiv, (l-Awditur Ġenerali, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-Awtorità tax-Xandir, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, l-Ombudsman Parlamentari) m'għandhomx l-istrumenti kostituzzjonali effettivi biex jiżguraw amministrazzjoni pubblika effiċjenti, nadifa, trasparenti u kontabbli. |
| 15 | **L-oriġini tal-awtorità tal-Istat** | Il-Kostituzzjoni għandha titneżża' mill-kunċett skadut u arkaiku li l-awtorità tal-Istat tiġi mill-President, u tagħraf il-kunċett modern li din l-awtorità tiġi mill-poplu, li jiddelega setgħat skont il-liġi suprema tal-pajjiż. |

| | | |
|---|---|---|
| **16** | **Responsabbiltà tal-Istat** | Il-Prim Imħallef Emeritus Said Pullicino jsemmi l-eżempji tal-kostituzzjoni Ġermaniża u dik Taljana li jipprovdu li kull meta xi ħadd li jeżerċita uffiċċju pubbliku jonqos mid-doveri tiegħu lejn terzi persuni, ir-responsabbiltà għal dan taqa' fuq l-Istat jew il-korp pubbliku li jimpjegah, u f'każ ta' negliġenza grossa jew intenzjoni volontarja, it-terzi persuni konċernati jistgħu jfittxu rimedju, inkluż kumpens permezz tal-qrati ordinarji, kontra azzjonijiet lil hinn mill-mandat tas-servizz pubbliku u l-abbuż tas-setgħa. |
| **17** | **Dritt għal amministrazzjoni tajba** | Il-Kostituzzjoni għandha tiggarantixxi d-dritt tal-individwu għal amministrazzjoni pubblika tajba, konformi mas-subartikoli 1, 2 u 3 tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba. |
| **18** | **Skrutinju ta' azzjonijiet eżekuttivi** | Il-Prim Imħallef Emeritus jipproponi li l-Kostituzzjoni jkollha kapitolu ġdid li jipprovdi għal Skrutinju ta' Azzjonijiet Eżekuttivi, partikularment il-funzjonijiet tal-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman Parlamentari. |
| **19** | **Reviżjoni ta' ċerti Kummissjonijiet** | Hemm skop biex issir reviżjoni tal-kummissjonijiet tal-Istat u tal-Gvern biex ikun hemm rabta qawwija bejn korpi kostituzzjonali u l-Parlament fl-iskrutinju tal-azzjonijiet tal-Eżekuttiv. |
| **20** | **Reviżjoni ta' ċerti Awtoritajiet** | Hemm skop biex issir reviżjoni tal-awtortiajiet tal-Istat u tal-Gvern biex ikun hemm rabta qawwija bejn korpi kostituzzjonali u l-Parlament fl-iskrutinju tal-azzjonijiet tal-Eżekuttiv. |
| **21** | **Liġijiet kontra l-Kostituzzjoni** | Hija sfortuna li l-Qorti Kostituzzjonali la għarfet tajjeb biżżejjed is-supremazija tal-Kostituzzjoni u lanqas eżerċitat sew is-setgħat tagħha li tipproteġi lill-pajjiż minn leġiżlazzjoni li hi nnifisha tkun iddikjarat li hija inkonsistenti mal-Kostituzzjoni. |
| **22** | **Tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Ombudsman** | L-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman għandhom igawdu l-istess ħarsien kostituzzjonali, anki permezz ta' estensjoni għall-Ombudsman tal-provvedimenti kostituzzjonali li japplikaw għall-Awditur Ġenerali (metodu tal-ħatra, tneħħija tiegħu, it-tul tal-perjodu li jservi (7-9 snin), u sigurtà tal-uffiċċju). L-istess ikun japplika għall-finanzjament tal-uffiċċju u l-kundizzjonijiet tas-servizz ekwivalenti għal dawk ta' mħallef fil-qrati superjuri. |
| **23** | **Rabta u Sinerġija tal-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman mal-Parlament** | L-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman għandhom jingħataw il-mezzi biex jikkomunikaw lill-Kamra tar-Rappreżentanti r-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħhom dwar amministrazzjoni ħażina, u għandu jkun hemm proċeduri tajba biex ikun hemm dibattitu fil-Parlament. |
| **24** | **Kummissjoni dwar l-Impjiegi** | Għad hemm bżonn għall-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, jew jistgħu l-funzjonijiet tagħha jsiru minn awtorità kostituzzjonali b'funzjonijiet aktar wiesgħa? |

| | | |
|---|---|---|
| **25** | **Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku** | Il-funzjonijiet u s-setgħat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandhom ikunu riveduti biex ikunu skont l-eżiġenzi ta' servizz pubbliku li jevolvi. Għandha titneħħa kull ambigwità dwar ir-rettifikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ta' inġustizzji kontra impjegati pubbliċi skont rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman. |
| **26** | **Estensjoni tal-funzjonijiet tal-Ombudsman** | Il-Prim Imħallef Emeritus jipproponi li l-funzjonijiet kostituzzjonali tal-Ombudsman ikunu estiżi biex ikun rikonoxxut bħala Istituzzjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem. |
| **27** | **Sospensjoni ta' Membri Parlamentari jew Uffiċjali Pubbliċi ewlenin** | Għandu jkun hemm mekkaniżmu li jiżgura li membru tal-Parlament jew xi ħadd f'kariga pubblika għolja jkun sospiż f'każi ta' korruzzjoni skont kriterji speċifiċi. Il-bord ta' inkjesta jkun kompost minn tliet imħallfin ewlenin, u l-inkjesta u s-sentenza għandhom isiru f'perjodu limitat. |
| **28** | **Ombudsman għall-Midja** | Għandu jinħatar Ombudsman għall-Midja sabiex jiżgura li l-Midja timxi skont etika ġurnalistika tajba. |
| **29** | **Supremazija tal-Kostituzzjoni** | Il-Qorti Kostituzzjonali Maltija donnha taċċetta li l-Parlament, aktar mill-Kostituzzjoni nnifisha, għandu s-setgħa suprema (Imħallef Giovanni Bonello). |
| **30** | **Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | Il-President ma jibqax Chairman tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. |
| **31** | **Setgħat usa' tal-Ispeaker** | Il-kunsens għal-liġijiet għandu jingħata mill-Ispeaker, mhux mill-President. |
| **32** | **L-ordni kostituzzjonali** | Għandu jkun hemm provvedimenti simili għas-subartikoli 2 u 3 tal-Artikolu 20 tal-Liġi Bażika tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni Taljana, kif ukoll id-dritt ta' kull ċittadin li "jirreżisti lil kull min jipprova jwarrab l-ordni kostituzzjonali jekk ma jkunx hemm rimedju ieħor possibbli", jitpoġġew fil-Kostituzzjoni Maltija. |
| **33** | **Kontabbiltà ta' uffiċjali** | Il-Kostituzzjoni għandha tiggarantixxi li l-uffiċjali pubbliċi tal-Istat ikunu kontabbli għall-azzjonijiet jew in-nuqqas ta' azzjoni tagħhom, permezz ta' tisħiħ ta' mekkaniżmi adegwati, sabiex kull individwu jkun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal amministrazzjoni pubblika tajba. |

## Parti F: Forum tal-President: Il-Kostituzzjoni ta' Malta għadha sservi l-ħtiġijiet tal-poplu?

| Nru | Proposta | Kummenti u Rakkomandazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | Proposta sabiex il-Kostituzzjoni tinkiteb b'mod aktar konċiż | Parti sewwa mid-dokument attwali tista' tinkiteb f'inqas kliem b'ħafna dettalji mqegħdin f'Kodiċi Kostituzzjonali għalih. |
| 2 | Proposta sabiex jigi aġġornat il-provvediment dwar in-Newtralità | Il-provvediment dwar in-newtralità jeħtieġ jiġi aġġornat, speċjalment fejn isemmi t-tarznari li tidher żejda u mhux konformi ma' dak li wieħed ġeneralment jifhem in-newtralità x'teħtieġ. Ir-referenza għal "żewġ superpotenzi" m'għadux żmienha llum. |
| 3 | Proposta sabiex jitjiebu l-provvedimenti fil-Kostituzzjoni li jittrattaw l-Gvernijiet Lokali | Mill-banda l-oħra, il-funzjonijiet tal-gvernijiet lokali mhumiex imfissra biżżejjed fil-Kapitolu XA, l-Artikolu 115A. |
| 4 | Proposta sabiex ir-reati kontra l-proprjetà jiġu trattati fil-Kodiċi Kriminali u mhux fil-Kostituzzjoni | Ir-reati kontra l-proprjetà għandhom jiġu trattati b'mod adegwat u xieraq fil-Kodiċi Kriminali u mhux fil-Karta Kostituzzjonali, u l-Artikolu 33(2)(a) għandu jiġi rivedut f'dil-parti fejn huwa suġġerit li t-teħid tal-ħajja huwa skużat, jew jista' jiġi skużat, fid-difiża tal-proprjetà. |
| 5 | Proposta sabiex jiddaħħlu provvedimenti li jittrattaw il-kunċett tal-Familja | Fid-dawl tas-sinifikat u l-importanza tal-familja f'Malta, wieħed jiskanta kif ma jsibx numru ta' provvedimenti li jagħrfu din l-importanza. |
| 6 | Proposta sabiex tiġi mfissra b'mod konkret il-proċedura sabiex tiġi emendata l-Kostituzzjoni | Il-proċedura biex tiġi emendata l-Kostituzzjoni għandha tkun imfissra sew fil-Kostituzzjoni; il-proċess għandu jkun diffiċli biex b'hekk juri l-importanza tal-Kostituzzjoni bħala l-liġi fundamentali. |
| 7 | Proposta sabiex tinbidel is-sistema elettorali b'tali mod li jiġu eliminati l-possibbiltà ta' riżultat elettorali pervers u l-varjazzjoni fis-siġġijiet tal-Kamra tad-Deputati | Nistaqsi, wasal iż-żmien li niddiskutu wkoll jekk għandniex neliminaw darba għal dejjem il-possibbiltà ta' riżultat elettorali pervers u l-varjazzjoni fis-siġġijiet tal-Kamra tad-Deputati?<br><br>Din il-problema forsi tista' tkun eliminata bil-ħolqien ta' kwota nazzjonali u riżerva nazzjonali ta' siġġijiet Parlamentari li jiġu allokati lill-partiti skont il-proporzjon ta' voti li jiksbu fl-elezzjoni. Is-sistema tibqa' bbażata fuq 13-il Distrett Elettorali li kull wieħed itella' ħames deputati (65 b'kollox). Ma' dawn ikun hemm ir-riżerva nazzjonali ta' sitt siġġijiet li jitqassmu skont il-perċentwal ta' voti li l-partiti jiksbu f'livell nazzjonali fl-Elezzjoni Ġenerali biex in-numru ta' siġġijiet fil-Parlament jitla' għal 71 - u jkun wieħed fiss.<br><br>Tista' tinfetaħ id-diskussjoni dwar id-daqs tal-kwota biex jitqassmu dawn is-sitt siġġijiet, jekk tinħadimx billi n-numru ta' voti validi mixħuta jkun diviż b'71. Pereżempju, fl-Olanda, |

| | | |
|---|---|---|
| | | li għandha waħda mill-iżgħar thresholds fid-dinja, il-kwota għal kull siġġu tiġi stabbilita sempliċement billi l-għadd ta' voti validi fuq livell nazzjonali jiġi diviż bin-numru ta' siġġijiet li jridu jimtlew. Kieku tħaddmet sistema ta' dan it-tip f'Malta, fl-1992 kien ikollna tliet partiti fil-Parlament.<br><br>Nistgħu wkoll niddiskutu dwar thresholds oħra u hemm diversi eżempji u esperjenzi minn pajjiżi oħra li jistgħu jkunu importanti: fil-Polonja u l-Ġermanja t-threshold hu ta' ħamsa fil-mija, fl-Iżrael tnejn fil-mija u fit-Turkija 10 fil-mija. Hemm diversi modi kif it-threshold jista' jkun applikat, u jekk jiġu studjati fid-dettall nistgħu, mill-esperjenzi ta' pajjiżi oħra, naslu għal sistema aċċettabbli għal pajjiżna. |
| 8 | Proposta sabiex nimxu lejn tmexxija presidenzjali fuq il-Mudell Amerikan | F'dan il-kuntest jagħmel sens li l-governabbiltà tissaħħaħ mod ieħor, pereżempju billi nersqu lejn tmexxija presidenzjali fuq il-mudell Amerikan. Il-poplu jiġi msejjaħ kull ħames snin biex jivvota għal President li jkun jista' jaħtar il-Ministri tiegħu li m'għandhomx ikunu membri tal-Kamra tad-Deputati, l-ewwel nett biex taqta' kemm jista' jkun ir-rabta bejn l-Eżekuttiv u l-patrunaġġ politiku jew il-klijenteliżmu, marda li taffettwa lil kull sistema politika, speċjalment dawk tan-Nofsinhar tal-Ewropa.<br><br>Il-Kamra tad-Deputati tingħata rwol purament leġiżlattiv fuq il-mudell tal-Kungress Amerikan. Fi kliem ieħor l-Eżekuttiv jinfired mill-Istituzzjoni Parlamentari għalkemm jibqa' taħtha. Il-Parlament jingħata aktar importanza kemm fil-metodi ta' kif jaħdem, fil-funzjonijiet tiegħu u jingħata aktar riżorsi. Ma naqbilx li l-partiti għandhom jingħataw għajnuna diretta mill-Istat qabel ma sseħħ riforma fil-Parlament. |
| 9 | Proposta sabiex il-Membri Parlamentari jkollhom aktar ħin allokat għal xogħol parlamentari | Nistaqsi: ma wasalx iż-żmien li x-xogħol parlamentari jibda jsir f'ħinijiet regolari u kif isir b'mod aktar professjonali f'Parlamenti oħra? Żvilupp bħal dan jagħti lil-leġiżlaturi aktar ħin x'jiddedikaw għad-diskussjoni fil-fond tal-abbozzi ta' liġijiet proposti f'kumitati parlamentari kif isir fil-Parlament Ewropew, u li jkollhom laqgħat aktar spissi ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. |
| 10 | Suġġeriment sabiex tiġi adottata sistema elettorali li tagħti lok għal aktar partiti politiċi fil-Parlament | Argumenti favur sistema elettorali li tagħti lok għal iżjed partiti politiċi fil-Parlament għaliex fit-teorija titnaqqas il-polarizzazzjoni żejda (għalkemm tiżdied problema ta' governabbiltà). |
| 11 | Proposta sabiex il-President jinħatar wara vot ta' żewġ terzi jew aktar | Allura l-ewwel rimedju għandu jkun li tinbidel is-sistema ta' kif jinħatar il-President – minn dik ta' maġġoranza sempliċi fil-Parlament għal waħda ta' żewġ terzi jew iżjed. |

| | | |
|---|---|---|
| 12 | Proposta sabiex tinbidel is-sistema ta' ħatriet f'Korpi Regolatorji u Awtoritajiet | Għandna ħafna korpi regolatorji u awtoritajiet, li fit-teorija huma indipendenti mill-Gvern u li allura l-Gvern ma jġorrx responsabbiltà ta' għemilhom. Biss jibqa' l-fatt li l-ħatriet f'dawn il-korpi jsiru mill-Gvern u ġieli mill-partiti politiċi direttament, imma dejjem ixaqilbu numerikament lejn il-Gvern tal-ġurnata.<br><br>Jekk verament hemm ir-rieda li din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata jinħtieġ li l-Gvern jiżvesti ruħu mill-poter fil-kamp regolatorju u li l-ħatriet ikunu bbażati fuq kompetenzi, b'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili. Wara din il-konsultazzjoni, dawn il-ħatriet jistgħu jibqgħu jsiru mill-Parlament, iżda b'maġġoranza ta' żewġ terzi f'kull każ. Il-prinċipju għandu japplika mhux biss għall-awtoritajiet imwaqqfin skont il-Kostituzzjoni, iżda għal kollha. |
| 13 | Proposta sabiex tinbidel is-sistema ta' ħatriet fuq il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir | Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir huwa magħmul minn ħames persuni, bil-parti tal-Gvern tinnomina ċ-Chairman u żewg membri u dik tal-Oppożizzjoni tinnomina ż-żewg membri l-oħra.<br><br>Biex verament ikun hemm gwardja leġittima li tgawdi l-fiduċja ta' kulħadd, il-Gvern irid iċedi l-prerogattivi tiegħu kollha, speċjalment fil-ħatriet ta' bordijiet, uffiċjali għolja u inqas għolja, u għoti ta' kuntratti għall-programmi. Formula fejn il-membri tal-Awtorità tax-Xandir jinħatru mill-Parlament b'maġġoranza ta' żewġ terzi tista' twassal għal soluzzjoni.<br><br>Ix-Xandir pubbliku jkun immexxi minn bord wieħed, possibbilment maħtur mill-istess Awtorità tax-Xandir, jew xi mod ieħor li jelimina l-vantaġġ li s'issa dejjem kellu l-Gvern tal-ġurnata. |
| 14 | Proposta sabiex is-sħubija ta' Malta fl-UE tkun rikonoxxuta formalment fil-Kostituzzjoni | Is-sħubija fl-Unjoni Ewropea kienet l-iktar avveniment important mill-indipendenza l'hawn u għalhekk jeħtieġ li tkun rikonnoxxuta formalment fil-Kostituzzjoni |
| 15 | Proposta sabiex il-Kostituzzjoni jkollha għarfien espliċitu tas-supremazija tal-liġi tal-UE fuq il-liġi nazzjonali | Il-Kostituzzjoni għandu jkollha għarfien espliċitu tas-supremazija tal-liġi tal-UE fuq il-liġi nazzjonali, anki jekk dan huwa diġà aċċettat bħala prinċipju tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. |
| 16 | Proposta sabiex il-ħruġ eventwali ta' Malta mill-UE jkun approvat biss b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti fil-Parlament. | Il-ħruġ eventwali ta' Malta mill-UE għandu jiġi approvat biss b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti fil-Parlament. |
| 17 | Proposta fir-rigward ta' ratifikazzjonijiet ta' trattati tal-UE | Ir-rattifika ta' trattati tal-UE għandha tkun deċiża mill-Parlament, bil-possibbiltà li jissejjaħ referendum fejn it-tibdil propost għat-trattat ikun meqjus bħala wieħed li jhedded serjament il-ġid soċjali u ekonomiku tal-pajjiż. |

| | | |
|---|---|---|
| 18 | Proposta sabiex tiġi reveduta l-pożizzjoni ta' President b'mod li din tissaħħaħ | Il-pożizzjoni ta' President jeħtieġ li tissaħħaħ u l-qasam li fih jista' jeżerċita l-ġudizzju tiegħu indipendentament jeħtieġ jitwessa' jekk effettivament irid jidher li hu finalment il-garanti tas-sovranità tal-poplu.<br><br>L-iktar punt debboli tiegħu ġej sew mill-mod li bih jingħażel, li jagħmlu effettivament kważi dejjem l-għażla tal-Prim Ministru, kif ukoll mill-mod ta' kif jitneħħa. |
| 19 | Proposta sabiex President ikun jista' jitneħħa biss b'mod identiku għall-Imħallef | Din tista' tkun rimedjata faċilment billi t-tneħħija mill-kariga ta' President tar-Repubblika ssir bħal dik ta' tneħħija ta' mħallef. |
| 20 | Proposta sabiex il-President jinħatar b'maġġoranza speċjali tal-Parlament li tkun tinkludi wkoll forsi s-sehem ta' sindki | N/A |
| 21 | Proposta sabiex il-President ikollu poteri esklussivi fejn jidħlu ħatriet f'karigi kostituzzjonali | N/A |
| 22 | Suġġeriment li forsi fejn jidħol ir-rwol tal-President nimxu lejn il-Mudell Amerikan jew inkella t-triq tan-nofs, billi nħarsu lejn il-mudell Franċiż | N/A |
| 23 | Proposta sabiex il-Parlament ikun rikonoxxut bħala awtonomu u mhux iktar ikkunsidrat bħala dipartiment tal-Gvern | Fil-kuntest ta' dan kollu, huwa aktar u aktar importanti, għat-tisħiħ tad-demokrazija parlamentari, li l-Parlament tagħna jkun awtonomu, u mhux bħal-lum, b'dispett sfaċċat lejn l-Ispirtu tal-Kostituzzjoni, ikkunsidrat bħala dipartiment tal-Gvern li jaqa' taħt l-Uffiċċju tal-PM. |
| 24 | Proposta sabiex il-Kostituzzjoni telimina l-kunċett li l-awtorità tal-Istat ġejja mis-Sovran jew mill-President | Il-Kostituzzjoni għandha twarrab il-kunċett antikwat u li spiċċa żmienu li l-awtorità tal-Istat ġejja mis-Sovran jew mill-President. Il-Kostituzzjoni ta' Malta għandha tagħraf ċar u tond, li kull awtorità tal-Istat ġejja mill-poplu li, permezz ta' elezzjonijiet ħielsa, jagħżel lil dawk li jridhom jiggvernawh; skont l-għodda kostituzzjonali approvati minnhom. |
| 25 | Proposta sabiex jiddaħħal kapitolu fil-Kostituzzjoni li jipprovdi għal "Skrutinju ta' Għemil l-Eżekuttiv" | Nissuġġerixxi li jiddaħħal kapitolu wara dak li jittratta "Il-Parlament" biex jipprovdi għal "Skrutinju ta' Għemil l-Eżekuttiv". Dan il-Kapitolu jkun jittratta l-iktar dwar l-awditjar finanzjarju li jsir mill-Awditur Ġenerali u l-awditjar amministrattiv imħolli f'idejn l-Ombudsman Parlamentari |

| | | |
|---|---|---|
| **26** | **Proposta sabiex l-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman ikollhom l-istess ħarsien mill-Kostituzzjoni** | **Dan mhuwiex il-każ. Filwaqt li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ġie msaħħaħ, l-Ombudsman innifsu m'għandux il-protezzjoni tal-Kostituzzjoni. Il-provvedimenti kostituzzjonali li jirregolaw il-mod tal-ħatra u tneħħija tal-Awditur Ġenerali, it-terminu tal-ħatra tiegħu u l-garanziji kontra t-tneħħja mill-kariga ma ngħatawx ukoll lill-Ombudsman. Bl-istess mod, il-provvedimenti fil-Kostituzzjoni li jirregolaw il-finanzjamenti tal-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tas-servizz tiegħu, li jagħmluhom daqs dawk ta' mħallef tal-Qrati Superjuri, ma ġewx estiżi wkoll għall-Ombudsman, għalkemm huma assigurati bil-liġi ordinarja fl-Att dwar l-Ombudsman.** |
| **27** | **Proposta sabiex it-terminu tal-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman jiġi estiż għal perjodu itwal ta' bejn seba' u disa' snin.** | **Dan mhux biss jevita xi periklu ta' ndħil mhux xieraq imma anki jagħti żmien biżżejjed lil min qiegħed fil-kariga biex iwettaq il-viżjoni u l-politika tiegħu għall-uffiċċju għoli li jokkupa.**<br><br>**Tinħass il-ħtieġa għal dawn iż-żewġ awtoritajiet li jingħataw il-mezzi mhux biss biex iwasslu lill-Kamra tad-Deputati r-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħhom dwar każi li fil-fehma tagħhom jikkostitwixxu amministrazzjoni ħażina, imma anki biex jiżguraw li l-proċeduri xierqa qegħdin hemm biex il-Kumitat tal-Kamra li għandu x'jaqsam magħhom jiddiskutihom, naturalment barra l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi fil-każ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur. B'hekk l-għemil tal-Gvern ikun suġġett ghall-iskrutinju tal-opinjoni pubblika. B'hekk ir-rapporti u l-konklużjonijiet ta' dawn l-uffiċjali parlamentari jkunu iktar effettivi, anki jekk ma jiġux imwettqa. Li hemm bżonn, mill-perspettiva kostituzzjonali, huwa li tinħoloq rabta u sinerġija bejn il-Parlament u l-uffiċjali tiegħu.** |
| **28** | **Proposta sabiex titwaqqaf Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (National Human Rights Institution, NHRI)** | **Dan l-aħħar ipproponejt li l-funzjonijiet kostituzzjonali tal-Ombudsman Parlamentari għandhom jiġu estiżi sabiex l-Uffiċċju tiegħu jkun jista' jiġi rikonoxxut bħala Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (National Human Rights Institution, NHRI).**<br><br>**Qed immexxi 'l quddiem proposta għat-twaqqif ta' istituzzjoni bħal din bħala konferma tanġibbli tal-impenn nazzjonali favur u tar-rispett għall-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Skont din il-proposta, l-istituzzjoni Maltija għad-drittijiet tal-bniedem tkun fdata bir-responsabbiltà li tiżgura li effettivament jitwettqu l-livelli nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż u anki li tiżviluppa u tippromwovi kuxjenza pubblika ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet. L-Uffiċċju jkun iservi wkoll bħala katalista għal awtoritajiet, istituzzjonijiet u NGOs oħrajn li xogħolhom għandu x'jaqsam mal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. It-twaqqif ta' Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem ikompli jissalvagwardja d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali taċ-ċittadini fil-pajjiż.** |

| | | |
|---|---|---|
| 29 | Suġġeriment fir-rigward tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mniżżla fl-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni | Wieħed ukoll irid jara sewwa jekk għadx hemm ħtieġa li jkun hemm Kummissjoni dwar l-Impjiegi fil-forma mniżżla fl-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid jara jekk l-istat attwali tal-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż jiġġustifikax li jibqa' jkollok Kummissjoni speċifikament biex tindaga allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni politika fl-impjiegi. Wieħed irid jara jekk dak ix-xogħol jistax isir minflok minn awtorità kostituzzjonali oħra b'funzjonijiet iktar wesgħin. |
| 30 | Suġġeriment fir-rigward tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | Bl-istess mod, il-funzjonijiet u s-setgħat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandhom jiġu riveduti biex wieħed jara għandhomx jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku li qed jevolvi. Pereżempju, kien hemm każi fejn il-Gvern ma setax iwettaq rakkomandazzjoni tal-Ombudsman biex jikkoreġi inġustizzja kontra uffiċjal pubbliku għaliex il-Kummissjoni ma qablitx magħha. |
| 31 | Kritika fuq il-Qorti Kostituzzjonali | Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta issa ħaddnet żewġ prinċipji li nqis li jmorru għalkollox kontra l-istess ittra u spirtu tal-Kostituzzjoni. Dik il-qorti qed issostni, l-ewwel nett, li l-liġijiet li hija tinvalida bħala inkostituzzjonali jibqgħu validi u japplikaw jekk il-Parlament ma jabbrogahomx. It-tieni, li meta, f'kawża għan-nullità ta' liġi, tiddikjara dik il-liġi bħala nulla u bla effett, dik in-nullità tapplika biss għal dak li fetaħ dik il-kawża, imma l-liġi tibqa' perfettament valida għal ħaddieħor. Il-ħsieb ta' din il-kitba huwa li juri li, f'dawn iż-żewġ prinċipji, il-Qorti Kostituzzjonali ttradiet il-Kostituzzjoni u għamlitha parodija tagħha nnifisha. |
| 32 | Proposta sabiex nimxu għal sistema ta' gvern presidenzjali | Wieħed jista' jikkunsidra joqrobx lejn sistema ta' gvern presidenzjali fejn il-President jaħtar kabinett minn barra l-Kamra tad-Deputati. Jekk din ma tkunx meqjusa bħala waħda aċċettabbli mela allura mmorru għat-triq tan-nofs. |
| 33 | Proposta sabiex abbozzi ta' liġijiet jiffirmahom l-Ispeaker u mhux il-President | Il-President m'għandux jiffirma abbozzi biex isiru liġi. Din il-funzjoni leġiżlattiva għandu jaqdiha l-Ispeaker tal-Parlament unikamerali. B'hekk il-President ma jibqax jifforma parti mill-fergħa leġiżlattiva tal-Istat. |
| 34 | Proposta sabiex il-President ma jippresedix il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja | Il-President m'għandux jippresiedi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. |
| 35 | Proposta sabiex jiġi mwaqqaf Kunsill tal-Istat | Dwar il-kompożizzjoni tal-Kunsill tal-Istat, dan għandu jinkludi fost il-membri tiegħu eks Presidenti ta' Malta, eks Prim Ministri u eks Kapijiet tal-Oppożizzjoni.<br><br>Il-Kunsill tal-Istat jista' wkoll jagħmilha ta' "think tank" għall-Gvern u jipproponi emendi fil-Kostituzzjoni u f'liġijiet oħra u għall-politika tal-Gvern. |

| | | |
|---|---|---|
| 36 | **Proposta sabiex jiġu limitati l-funzjonijiet tal-President** | **Il-funzjonijiet tal-President għandhom ikunu limitati għal organu wieħed tal-Istat – l-Eżekuttiv. Għandu jippresiedi Kunsill tal-Istat u jaħtar il-Kummissjonijiet Kostituzzjonali kollha u l-Awtorità tax-Xandir wara proċess konsultattiv nazzjonali fejn jiddiskutu l-ħatriet proposti mal-Kunsill tal-Istat propost, mal-Prim Ministru, mal-Kap tal-Oppożizzjoni, mal-partiti politiċi, mal-korpi kostitwiti u mas-settur volontarju.** |
| 37 | **Proposta sabiex il-President jinħatar/jitneħħa bil-vot tal-maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kamra tad-Deputati** | **Il-President għandu jiġi maħtur għall-inqas bil-vot tal-maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kamra tad-Deputati u għandu jitneħħa bl-istess mod ukoll.** |
| 38 | **Proposta sabiex it-terminu tal-President jiġġedded għal terminu ta' ħames snin oħra jew inkella jiġi estiż it-terminu għal seba' jew tmien snin** | **Il-President ta' Malta bħalissa hu maħtur għal terminu wieħed ta' ħames snin. Għandha tiġi studjata l-possibbiltà li dak it-terminu jiġġedded għal ħames snin oħra jew li jinħatar għal terminu wieħed li jkun itwal, ngħidu aħna ta' seba' jew tmien snin.** |
| 39 | **Proposta sabiex il-President ikun jista' joħrog direttivi u ordnijiet** | **Bħala l-gwardjan tal-Kostituzzjoni, il-President għandu jkollu s-setgħa li joħroġ direttivi u ordnijiet lil kwalunkwe uffiċjal pubbliku, lis-settur pubbliku, lill-Prim Ministru, Ministri, Segretarji Parlamentari u kull persuna oħra jew korp ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, biex jiżgura li jiġu segwiti l-provvedimenti fil-Kostituzzjoni f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn ma jkunx possibbli għall-Qorti Kostituzzjonali jew kwalunkwe korp ieħor jew persuna oħra li tipprovdi rimedju skont il-Kostituzzjoni nnifisha.** |
| 40 | **Proposta sabiex ħatriet għal karigi għolja jsiru mill-Kunsill tal-Istat** | **Il-Kunsill tal-Istat jista', *inter alia*, jiġi kkonsultat mill-Prim Ministru jew mill-Gvern dwar il-ħatra u t-tneħħija ta' uffiċjali diversi ta' livell għoli, bħalma huma dawk ta' President ta' Malta, Avukat Ġenerali, Kummissjonijiet Kostituzzjonali u l-Awtorità tax-Xandir, flimkien maċ-chairmen u l-membri ta' korpi stabbiliti bil-liġi, kif ukoll kariga statali oħra bħalma huma dawk tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data*, il-Kummissarju għat-Tfal, tribunali kważiġudizzjarji eċċ.**<br><br>**Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar, il-Kummissarju għas-Saħħa u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni għandhom jinħatru bl-istess mod tal-Ombudsman.** |
| 41 | **Proposta sabiex l-uffiċċju tal-AĠ jinqasam fi tnejn** | **L-uffiċċju tal-AĠ għandu jinqasam fi tnejn: l-Uffiċċju tad-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.** |

| | | |
|---|---|---|
| 42 | Proposta fir-rigward tal-Parlament li jinħass il-bżonn li jissejjaħ lura anke jekk ikun xolt f'ċirkostanzi straordinarji | Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fi żmien ta' paċi, li ma jkunx hemm stat ta' emerġenza, fejn ikun hemm ħtieġa li jerġa' jissejjaħ il-Parlament, anke jekk ikun xolt u tkun issejħet elezzjoni ġenerali.<br>F'ċirkostanzi bħal dawn, il-President, wara li jkun ikkonsulta malajr mal-Kunsill tal-Istat, il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, għandu jkollu s-setgħa li jerġa' jsejjaħ Parlament xolt. Idealment, il-Parlament għandu jkun xolt ġimgħa waħda biss qabel jum il-votazzjoni u għandu jkompli jiffunzjona normalment qabel ma jiġi xolt għal perjodu daqshekk qasir anki jekk ikunu qed isiru l-arranġamenti meħtieġa għal elezzjoni ġenerali. |
| 43 | Proposta sabiex il-Kostituzzjoni jkollha provvedimenti li jiddefinixxu Gvern ta' Tranżizzjoni | M'hemm ebda provvediment fil-Kostituzzjoni li jirreferi għal dan aħseb u ara jiddefinixxi r-rwol tiegħu. Peress li l-elezzjoni ġenerali ġġib magħha bidla fil-Gvern, il-Gvern attwali jassumi r-rwol ta' gvern tranżitorju.<br><br>Idealment għandna mmorru lil hinn minn gvern tranżitorju magħmul minn Ministri. Soluzzjoni aħjar u iktar demokratika għad-dilemma tal-"power of incumbency" hija li l-President jieħu f'idejh it-tmexxija tal-pajjiż billi jaħtar gvern teknokratiku biex iservi għall-perjodu bejn ix-xoljiment tal-Parlament u l-elezzjoni ta' gvern ġdid. Dan il-gvern teknokratiku jkun jista' jkun magħmul mill-President u mis-Segretarji Permanenti li għandhom ikomplu jmexxu l-amministrazzjoni tal-pajjiż fl-assenza ta' Ministri. |
| 44 | Proposta sabiex l-Att dwar Setgħat ta' Emerġenza jkun konformi mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali | Hemm bżonn li l-Att dwar Setgħat ta' Emerġenza jkun konformi mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li nsibu fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u f'liġijiet oħra bħalma huwa l-Kodiċi Kriminali, li fih numru ta' salvagwardji tad-dritt għal proċess ġust, id-dritt kontra arrest illegali eċċ. |
| 45 | Proposta fir-rigward ta' ħatriet fl-Awtorità tax-Xandir | Il-mod attwali li bih jinħatru l-membri tal-Awtorità mhuwiex fl-interess pubbliku imma fl-interess taż-żewġ partiti politiċi fil-Gvern u l-Oppożizzjoni. L-Awtorità tax-Xandir mhix istituzzjoni politikament partiġġjana; hija organu kostituzzjonali tal-Istat.<br><br>Huwa l-President ta' Malta li għandu jaħtar l-Awtorità tax-Xandir mhux fuq il-parir tal-PM wara li dan tal-aħħar ikun ikkonsulta lill-Kap tal-Oppożizzjoni, imma wara li l-President ikun għamel konsultazzjoni wiesgħa mhux biss mal-PM, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-partiti politiċi imma wkoll mas-soċjetà ċivili u dawk l-għaqdiet li għandhom interess u sehem fil-materja.<br><br>Il-President ta' Malta 'l quddiem jista' wkoll jikkonsulta lill-Kunsill tal-Istat. |

| | | |
|---|---|---|
| **46** | **Proposta fir-rigward ta' ħatriet fuq il-Bord tad-Diretturi ta' PBS Ltd u l-Bord Editorjali** | **Bħalissa l-Bord tad-Diretturi ta' PBS Ltd u l-Bord Editorjali huma maħtura mill-Ministru responsabbli għall-kultura. Huwa l-Bord tad-Diretturi li min-naħa tiegħu jaħtar l-uffiċjali ewlenin tal-amministrazzjoni fosthom il-Kap Eżekuttiv u l-Kap tal-Aħbarijiet. Fil-fatt, dawn il-persuni kollha huma meqjusin bħala pupazzi tal-Ministru.<br><br>Il-Bord tad-Diretturi u l-Bord Editorjali għandhom jinħatru b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Kamra tad-Deputati jew aħjar, minflok ma jkollok bord tad-diretturi u bord editorjali, għandu jinħatar Uffiċjal Parlamentari għax-Xandir tas-Servizz Pubbliku (bl-istess mod li l-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali huma maħtura bħala Uffiċjali Parlamentari) b'Kumitat Magħżul tal-Kamra li jissorvelja l-ħidma tax-xandir tas-servizz pubbliku u hekk jaċċerta ruħu li dan tal-aħħar jaqdi d-dmirijiet kostituzzjonali tiegħu li jiżgura bilanċ u imparzjalità.** |

## Parti G: Proposti ta' Tiġdid (Presidenza)

| Nru | Proposta | Kummenti u Rakkomandazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Proposta sabiex meta jiġi preżentat abbozz ta' liġi quddiem il-President għall-firma, jista' darba waħda jibgħat lura dak l-abbozz, basta ma jkunx wieħed finanzjarju, lill-Kamra tad-Deputati għal rikonsiderazzjoni** | Ir-raġunijiet li għalihom il-President jista' jagħmel dan jistgħu jkunu: sospett li hemm ksur tal-Kostituzzjoni jew raġunijiet gravi minħabba li provvedimenti jistgħu jmorru kontra l-ispirtu tal-istess Kostituzzjoni, jew inkella għax jikkostitwixxu xi inġustizzja gravi. |
| 2 | **Proposta sabiex il-President jingħata s-setgħa illi jaħtar Chairman jew President tal-Kummissjonijiet Kostituzzjonali f'każ li ma jkunx hemm qbil bejn Gvern u Oppożizzjoni dwar il-ħatra** | Fil-Kummissjonijiet u l-awtoritajiet kollha msemmija fil-Kostituzzjoni, f'dik li hija ħatra taċ-**Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-Awtorità tax-Xandir, il-Kummissjoni Elettorali, u l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi**, f'każ li ma jkunx hemm qbil dwar min għandu jinħatar bejn Gvern u Oppożizzjoni, fi żmien stabbilit, l-għażla taqa' f'idejn il-President li jiddeċiedi b'mod awtonomu, jiġifieri skont il-ġudizzju deliberat tiegħu. |
| 3 | **Proposta sabiex l-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman jiġu maħtura mill-President f'każ illi l-maġġoranza ta' żewġ terzi ma tintlaħaqx fi żmien stabbilit** | N/A |
| 4 | **Proposta sabiex il-Prerogattiva tal-President issir verament tal-President** | Għalkemm qari superfiċjali tal-Artikolu 93 jagħti l-impressjoni illi dal-poter huwa tal-President - għax ma hemm imsemmija ebda persuna jew awtorità oħra li tagħtih parir dwar dan - fil-fatt l-Artikolu 93 moqri flimkien mal-Artikolu 85 tal-Kostituzzjoni jindika b'mod ċar li dal-poter jiġi eżerċitat **biss** fuq il-parir tal-Gvern tal-ġurnata.<br><br>Jista' jkun li wasal iż-żmien li dal-poter jiġi trasferit- kif inhu l-każ f'pajjiżi oħra fejn għandhom ukoll sistema ta' Kap ta' Stat mhux eżekuttiv - f'idejn il-President. Iżda l-President għandu/ha wkoll jiġi mħares minn kritika dwar arbitrarjetà u għalhekk għandha tinħatar awtorità konsultattiva komposta minn persuni maħtura mill-istess President li jistgħu jagħtuh/a parir mil-lat soċjali, psikoloġiku, ta' saħħa eċċ. Iżda d-deċiżjoni aħħarija tkun dik tal-President. |

| | | |
|---|---|---|
| 5 | **Proposta sabiex il-President jiġi appuntat b'riżoluzzjoni sostnuta minn maġġoranza ta' żewġ terzi** | L-iżvantaġġ ta' tali sistema huwa x'jiġri jekk ma jkunx hemm qbil ta' żewġ terzi.<br><br>Il-vot fil-Parlament għandu jkun vot sigriet, u ma jkunx hemm nomini jew riżoluzzjoni, iżda d-deputati jivvotaw għal persuna li jidhrilhom tista' taqdi l-aħjar il-kariga ta' President. |
| 6 | **Proposta sabiex il-President jitneħħa mill-kariga b'vot ta' żewġ terzi tad-deputati** | Qed jiġi propost ukoll illi fil-każ ta' rimossjoni tal-President, irrispettivament mill-metodu ta' kif ġie elett, ir-raġunijiet indikati fil-Kostituzzjoni għar-rimossjoni tiegħu għandhom mhux biss jiġu allegati iżda ppruvati, bi proċess fil-Kamra tad-Deputati, bħal fil-każ tar-rimossjoni tal-Imħallfin. |
| 7 | **Proposta sabiex il-President ma jibqax jippresiedi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | Taħt il-liġi l-President li jippresiedi *ex officio* l-Kummissjoni, m'għandux vot oriġinali fil-Kummissjoni, iżda xorta jipparteċipa fid-diskussjoni. L-aġir tal-membri tal-ġudikatura, jew li wieħed jiġbed l-attenzjoni ta' ġudikant għal xi nuqqas, ma għandhomx jinvolvu l-President. Terġa', meta jkun hemm mozzjoni għal rimossjoni ta' ġudikant, il-President, minkejja li j/tippresiedi l-Kummissjoni normalment lanqas għandu dritt jattendi - anki għax fl-aħħar mill-aħħar l-indirizz ta' rimozzjoni jsir lilu. Allura għaliex għandu jiġi involut il-Kap tal-Istat? L-istess japplika f'dik li hija dixxiplina ta' membri tal-professjoni legali.<br><br>Ta' min għalhekk wieħed jirrevedi l-pożizzjoni tal-Kap tal-Istat fil-Kummissjoni. |
| 8 | **Proposta sabiex il-President ma jibqax responsabbli b'ħafna deċiżjonijiet relatati ma' pensjonijiet ta' Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizzi Ċivili** | Meta tqis ir-rwol tal-President illum, dawn huma poteri mhux kongruwi mar-rwol tiegħu u għandhom jiġu eżerċitati mill-Prim Ministru jew Ministru delegat minnu bħall-Ministru għall-Finanzi. |
| 9 | **Proposta sabiex il-President jiġi divestit mill-poteri elenkati fl-Artikolu 8 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta** | Il-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur huma maħtura skont l-Art. 8 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali (Kap 204) mill-President fuq parir tal-Prim Ministru. Peress li dil-klawżola diġà darba qajmet kwistjoni kostituzzjonali li fiha l-President ġie involut f'għoti ta' twissija dixxiplinari f'waħda minn dawn il-karigi, wasal iż-żmien li dal-provvediment uniku - inkwantu jikkonċerna l-President - jiġi mwarrab. |

| | | |
|---|---|---|
| **10** | **Proposta sabiex il-President ikun il-Kap tal-Forzi Armati ta' Malta u jippresiedi Kunsill tad-Difiża** | Waqt li, minħabba r-rwol delikat u importanti li l-Forzi Armati għandhom f'kull demokrazija, tajjeb li dawn is-setgħat, għall-inqas formalment, jibqgħu jiġu eżerċitati f'isem l-Istat mill-President, ikun tajjeb li:<br><br>(a) il-President jiġi meqjus mill-Kostituzzjoni bħala l-Kap tal-Forzi Armati;<br><br>(b) jitwaqqaf b'liġi l-Kunsill tad-Difiża ppresedut mill-President li fih jipparteċipaw il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, il-Ministru għall-Intern u l-Ministru għad-Difiża, u l-Kap tal-Oppożizzjoni f'każijiet ta' theddid għas-sigurtà tal-pajjiż kif pereżempju previst fl-Art 87 tal-Kostituzzjoni Taljana;<br><br>(ċ) fil-każ ta' lmenti li jiġu preżentati lill-President, il-President jeżerċita din is-setgħa ta' ġudizzju wara li jikkonsulta mal-Ombudsman u mhux ma' xi membru tal-Eżekuttiv. |
| **11** | **Proposta sabiex il-President ikollu dritt li jagħti numru limitat ta' Onorifiċenzi** | Għalkemm is-setgħa tal-onorifiċenzi hija vestita fil-President, dan jaġixxi fuq il-parir tal-Gvern tal-ġurnata. Waqt li l-Gvern għandu jkollu s-setgħa illi jonora lil min ħaqqu, wasal iż-żmien illi l-President bħala Kap tal-Istat ikun jista' jagħti onorifiċenzi huwa stess, u għall-inqas fir-rigward ta' ċertu numru fis-sena, ikun hu l-ġudikant assolut fil-materja; mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Gvern li jinnomina persuni huwa wkoll anki permezz tal-Kumitat tan-Nomini li l-membri tiegħu jaħtarhom il-Prim Ministru. |

## Parti H: Proposti tal-Kummissjoni ta' Bonello

| Nru | Proposta | Kummenti u Rakkomandazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Proposta sabiex tinbidel il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | Dwar il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, din hija top heavy u jenħtieġ li tkun komposta minn anqas persuni. Din il-Kummissjoni ma tarax lok li l-President ta' Malta – il-Kap Kostituzzjonali tal-Eżekuttiv – għandu jippresiedi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja peress li l-President jista' jiġi – kif fil-fatt ġie fil-passat – f'konflitt mal-organi l-oħra tal-Istat – l-Eżekuttiv u l-Parlament – meta l-istess President huwa wkoll parti minn dawn iż-żewġ organi l-oħra tal-Istat.<br><br>Lanqas ma tara l-ħtieġa li jkun hemm persuna appuntata mill-Prim Ministru u oħra mill-Kap tal-Oppożizzjoni, aktar u aktar meta skont il-proposti kontenuti f'dan ir-Rapport, il-funzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja se jirrekjedu eżerċizzju aktar tekniku, u għalhekk għandhom ikunu n-nies kwalifikati f'dan l-aspett li għandhom jagħmlu dan l-eżerċizzju.<br><br>Din il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandha tinħatar mill-President ta' Malta u tkun magħmula kif ġej:<br><br>* mill-Prim Imħallef *ex officio*, bħala President tal-Kummissjoni;<br>* minn Imħallef elett minn u magħżul minn fost l-Imħallfin sedenti f'Qorti fil-Gżejjer Maltin;<br>* minn Maġistrat elett minn u magħżul minn fost il-Maġistrati sedenti f'Qorti fil-Gżejjer Maltin;<br>* minn Imħallef irtirat magħżul mill-President ta' Malta fuq l-inizjattiva tiegħu stess wara konsultazzjoni wiesgħa;<br>* mill-Prosekutur Ġenerali *ex officio*;<br>* minn avukat anzjan li ma jeżerċitax il professjoni magħżul mill-President ta' Malta fuq l-inizjattiva tiegħu stess wara konsultazzjoni wiesgħa;<br>* minn rappreżentant tal-poplu magħżul skont il-kriterji msemmija aktar 'l isfel f'dan ir-rapport. |
| 2 | **Proposta sabiex membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja jitneħħa wara vot ta' żewġ terzi tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati għall-istess raġunijiet li dwarhom jista' jitneħħa Mħallef skont l-Artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni** | Membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandu jitneħħa wara vot ta' żewġ terzi tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati għall-istess raġunijiet li dwarhom jista' jitneħħa Mħallef skont l-Artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni. |

| | | |
|---|---|---|
| 3 | **Proposta ta' kif u f'liema ċirkostanzi għandu jinħatar membru supplenti fi ħdan il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | Għal kull wieħed minn dawn is-seba' membri tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, għandu jinħatar membru supplenti jekk, f'każ ta' membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja:<br><br>* ikun hemm lok għall-astensjoni jew ir-rikuża tiegħu; jew<br>* imut waqt li jkun fil-kariga; jew<br>* ikun qed ibati minn mard fit-tul; jew<br>* jitneħħa mill-kariga skont il-liġi<br><br>Il-membri supplenti, li jaġixxu minflok kull membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, għandhom:<br><br>* jiġu eletti mill-kategorija li huma jkunu membri tagħha fil-każ tal-Imħallfin sedenti u l-Maġistrati sedenti; jew<br>* jinħatru mill-President ta' Malta u jintgħażlu minn fost id-Deputat tal-Membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal Ġustizzja jew, fin-nuqqas ta' tali deputat, minn dak il-membru l-aktar anzjan wara l-membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja; jew<br>* jinħatru mill-President ta' Malta wara konsultazzjoni wiesgħa bħal fil-każ tar-rappreżentant tal-poplu. |
| | **Proposta fir-rigward tal-Funzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | Referenza għall-Miżura Nru 6 tar-Rapport ta' Bonello |
| 4 | **Proposta sabiex il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tħejji rapport annwali** | Jenħtieġ li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tissottometti rapport annwali dwar il-ħidma tagħha u tal-Awtoritajiet u tal-Kumitati kollha tagħha, li jkun ferm aktar dettaljat minn dak li tippubblika llum il-ġurnata, u li dan jitqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra u jiġi diskuss mill-Kamra tad-Deputati f'seduta allokata għal dan l-iskop.<br><br>Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandha ta' kull sena, fir-rapport annwali tagħha, tirrapporta dwar l-operat ta' kull ġudikant, tipprovdi statistika dwar kemm ġew deċiżi kawżi minn kull ġudikant f'dik is-sena partikolari, tidentifika fejn ġudikant ikun waqa' lura fix-xogħol tiegħu u titolbu jieħu l-passi korrettivi li jkun hemm bżonn.<br><br>Hija għandha wkoll tindirizza kull waħda mit-terms of reference tagħha elenkati fil-Miżura Nru 6 ta' dan ir-Rapport u tirrapporta dwarhom kif ukoll dwar kull wieħed mid-doveri li din il-Kummissjoni qed tissuġġerixxi li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, l-Awtoritajiet u l-Kumitati tagħha għandhom jiżvolġu. |

| | | |
|---|---|---|
| **5** | **Proposta sabiex ikun hemm awtoritajiet tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja:**<br><br>**• L-Awtorità dwar l-Għażla għas-Servizzi Ġudizzjarji**<br><br>**• L-Awtorità dwar id-Dixxiplina għas-Servizzi Ġudizzjarji** | Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandu jkollha numru ta' Awtoritajiet li jispeċjalizzaw f'qasam wieħed partikolari tal-ġustizzja, b'funzjonijiet relatati għal dak il-qasam u b'kompożizzjoni differenti minn awtorità għall-oħra, skont il-materja li dik l-Awtorità tkun qed tittratta.<br><br>L-Awtoritajiet ikunu awtonomi waħda mill-oħra, u anke mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ħlief għad-drittijiet tal-appell minn deċiżjoni tal-Awtorità dwar id-Dixxiplina għas-Servizzi Ġudizzjarji u l-Kumitati tagħha għal quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. |
| **6** | **Proposta sabiex ikun hemm tibdil fil-mod ta' kif tinħatar il-Ġudikatura u fuq liema kriterji** | Il-Kummissjoni għar-Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja hija tal-fehma illi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandu jkollha awtorità fi ħdanha li tkun responsabbli li tirrakkomanda lill-Gvern il-ħatra ta' dawn l-uffiċjali:<br><br>(i) il-Ġudikatura (li tinkludi ġudikanti fi qrati u tribunali Maltin, Ewropej u Internazzjonali u l-Ġudikaturi fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar),<br>(ii) il-Prosekutur Ġenerali,<br>(iii) il-Ġuristi,<br>(iv) l-Avukat għall-Għajnuna Legali,<br>(iv) l-esperti tal-qorti.<br><br>Għandhom jiżdiedu kriterji kwalitattivi għall-ħatra tal-Ġudikatura li llum ma jeżistux fil-Kostituzzjoni bħal integrità, għarfien tal-liġi, onestà, rettezza, diliġenza, prattika tal-professjoni fil-qrati u – b'riaffermazzjoni tal-Artikolu 16 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikatura – l-assenza ta' attività kummerċjali fin-negozju.<br><br>L-Awtorità dwar l-Għażla għas-Servizzi Ġudizzjarji għandha, apparti li tintervista lill-applikanti kollha, tara x'pubblikazzjonijiet ta' natura akkademika għamel l-applikant, jekk segwiex korsijiet oħra f'livell postgradwatorju wara li sar avukat, kif ukoll teżamina atti li jkun ippreżenta l-Qorti matul is-snin, il-karriera ġudizzjarja bħala ġurist jekk ikun il-każ, u l-kwalità tas-sentenzi, tad-deċiżjonijiet jew tar-rapporti li jkun kiteb, fejn applikabbli. L-intervisti għandhom jiġu rrekordjati u jinżammu mill-Awtorità dwar l-Għażla għas-Servizzi Ġudizzjarji. Il-Ġudikaturi tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar għandhom jinħatru bl-istess mod bħall-ġudikanti. |

| | | |
|---|---|---|
| **7** | **Proposta sabiex jiġu separati l-funzjonijiet tal-AĠ** | Il-Kummissjoni tħoss li l-kariga ta' Avukat Ġenerali għandha tkun li jiddefendi kawżi kostituzzjonali urġenti, jiġbor il-flus dovuti lill-Gvern, jagħti pariri lill-Ministri u lis-Servizz Pubbliku, jabbozza l-liġijiet inkluż leġiżlazzjoni sussidjarja, u fejn din ma ssirx mill-uffiċċju tiegħu, jivvettja tali liġijiet, eċċ. Din il-funzjoni (imsemmija fl-Artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni) tibqa' kariga kostituzzjonali u li l-Avukat Ġenerali jibqa' jżomm l-istatus, il-funzjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li jgawdi llum il-ġurnata. L-Avukat Ġenerali u l-Avukati fl-uffiċċju tiegħu għandu jkollhom l-istess kundizzjonijiet tal-impjieg tal-Prosekutur Ġenerali u tal-impjegati tal-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali. L-AĠ ma jibqax ikollu funzjonijiet ta' prosekutur. |
| **8** | **Prosekutur Ġenerali** | Il-Kummissjoni tħoss illi hemm bżonn illi l-funzjoni prosekutorjali tiġi vestita f'uffiċjal ieħor, il-Prosekutur Ġenerali. B'hekk, dan ikun jista' jikkonċentra biss fuq il-proċess kriminali. Ikun hemm bżonn ukoll emendi konsegwenzjali fil-liġijiet ordinarji għat-twettiq ta' din il-miżura. Il-Prosekutur Ġenerali għandu jkollu dawk il-garanziji legali u kostituzzjonali meħtieġa sabiex l-indipendenza tiegħu mill-Eżekuttiv tkun garantita. |
| **9** | **Proposta sabiex tkun issemplifikata l-proċedura fir-rigward ta' kawżi kostituzzjonali** | Għalhekk, ir-rimedju kostituzzjonali, għall-ekonomija tal-ġudizzju, għandu jitqies bħala wieħed ordinarju u materja kostituzzjonali għandha tiġi sottomessa u deċiża mal-materja ordinarja f'kawża waħda, u f'żewġ kawżi separati u distinti minn xulxin għalkemm fuq l-istess suġġett. Dan jista' jsir faċilment quddiem il-Qorti Amministrattiva u b'hekk in-numru ta' kawżi jonqsu għax ma jkunx hemm għalfejn li jkun hemm multipliċità ta' kawżi fuq l-istess suġġett (stħarriġ ġudizzjarju; danni; kostituzzjoni), b'appell għall-Qorti Kostituzzjonali. |
| **10** | **Proposta sabiex tiġi mwaqqfa Qorti Kostituzzjonali bi Mħallfin addetti biex jaqdu Dmirijiet Eskussivament f'din il-Qorti** | Qed jiġi propost li l-Qorti Kostituzzjonali tkun magħmula minn tliet Imħallfin li jaqdu d-dmirijiet tagħhom f'din il-Qorti biss u mhux fi qrati oħra, li din il-Qorti jkollha l-baġit tagħha separat u distint minn dak tal-qrati l-oħra, li ma tkunx ippreseduta mill-Prim Imħallef, u li l-post fejn din il-qorti tiltaqa' u żżomm is-seduti tagħha jkun f'bini ieħor li mhux fil-qrati tal-ġustizzja. |

| | | |
|---|---|---|
| **11** | **Proposta sabiex sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikollhom is-saħħa ta' liġi f'Malta u għandhom ikunu eżegwibbli fit-totalità tagħhom mill-organi kollha tal-Istat, irrispettivament minn dak li l-liġi jew il-ġurisprudenza Maltija tkun tipprovdi.** | L-Artikolu 6 tal-Att dwar l-Konvenzjoni Ewropea jħalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar kif u meta teżegwixxi sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Peress li dan l-artikolu jista' jġib lill-Qorti Kostituzzjonali f'konflitt mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qed jiġi ssuġġerit li s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn din il-Qorti tkun iddeċidiet kawża fejn il-konvenut huwa l-Istat ta' Malta, dik is-sentenza għandu jkollha s-saħħa ta' liġi f'Malta u għandha tkun eżegwibbli fit-totalità tagħha mill-organi kollha tal-Istat, irrispettivament minn dak li l-liġi jew il-ġurisprudenza Maltija tkun tipprovdi.<br><br>F'każ illi applikant quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikun jenħtieġlu xi eżekuzzjoni speċifika ta' sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mogħtija fil-konfront ta' Malta, għandha tkun il-Qorti Kostituzzjonali li tkun marbuta bil-liġi li teżegwixxi tali sentenza kontra l-Avukat Ġenerali jew dak l-organu l-ieħor tal-Istat, skont il-każ, skont l-Artikoli 252 u 255 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bħallikieku s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali kontra l-Avukat Ġenerali. Meta l-Qorti Ewropea tiddeċiedi li r-rikorrent ma kellux aċċess għal qorti – jiġifieri meta ma jkunx hemm liġi li tħallih iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-qrati – dik il-persuna għandha tingħata danni morali filwaqt li l-Qorti Kostituzzjonali għanda tisma' dik il-kawża hija stess u tagħti r-rimedji opportuni. |
| **12** | **Proposta sabiex sentenzi tal-Qrati Kostituzzjonali jkunu applikabli *erga omnes*.** | Fejn jidħlu sentenzi ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali, il-prinċipju għandu jkun li dawn is-sentenzi għandhom japplikaw *erga omnes* u mhux bejn il-partijiet għal dik il-kawża. Fejn jidħol l-Istat, is-sentenza għandha torbtu irrispettivament minn min tkun il-parti l-oħra. |

## Parti I: Rapport Preliminari tal-Kumitat Magħżul tal-Kamra tar-Rappreżentanti

| **Nru** | **Tema** | **Kummenti u Rakkomandazzjonijiet** |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Istituzzjonijiet fuq bażi nazzjonali** | **L-istituzzjonijiet li għandhom jitpoġġew fuq bażi nazzjonali huma l-Qrati, ix-Xandir, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.** |
| 2 | **Persuni jew Proċessi fuq bażi nazzjonali** | Il persuni jew il-proċessi li għandhom jitpoġġew fuq bażi nazzjonali huma l-Proċess Elettorali, il-Parlament, l-Ispeaker, is-Sigurtà tal-Istat, in-Newtralità u materji oħra konnessi magħha, il-Festa Nazzjonali. |
| 3 | **Il-President bħala gwardjan tal-Kostituzzjoni u s-setgħat tiegħu** | **Il-President għandu jkollu d-dmir li, f'materji li jmorru lil hinn mill-politika partiġġjana, anki jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-partiti politiċi, ifittex li jintlaħaq qbil u, jekk dan ma jintlaħaqx, jerfa' r-responsabbiltà tad-deċiżjoni f'ismu u fl-aħjar interess tan-nazzjon.** |
| 4 | **Ħatra tal-President** | Il-Kariga ta' President għandha tgawdi l-appoġġ nazzjonali u l-persuna magħżula jkollha s-saħħa morali, barra dik legali.<br>**Il-President għandu jkun magħżul b'maġġoranza kwalifikata ta' żewġ terzi mill-Parlament, u fin-nuqqas ta' dan, b'elezzjoni diretta mill-poplu (jekk xi wieħed mill-kandidati ma jġibx il-maġġoranza assoluta, issir elezzjoni oħra bejn iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar għadd ta' voti).** |
| 5 | **Ħatra ta' Aġent President** | **Fl-assenza tal-President, l-Ispeaker ikun *ex officio* Aġent President.** |
| 6 | **Il-President bħala president tal-Kunsill Nazzjonali tad-Difiża** | **Il-President għandu jippresiedi l-Kunsill Nazzjonali tad-Difiża.** |
| 7 | **Il-President bħala president tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | **Il-President għandu jippresiedi l-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.** |
| 8 | **Kunsill Nazzjonali tad-Difiża** | **Il-Kumitat jirrakkomanda li jkun hemm Kunsill Nazzjonali tad-Difiża taħt il-presidenza tal-President li, għal dan il-fini, ikun ukoll il-Kap tal-Forzi Armati ta' Malta. Il-Kumitat ikun magħmul mill-Prim Ministru, il-Ministru responsabbli għad-Difiża, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, u uffiċjali tal-Forzi Armati.<br>Il-Kumitat ikun responsabbli li jiddeċiedi fuq policies dwar il-ħtiġiet fundamentali u bażiċi tad-Difiża, kemm fi żmien ta' paċi kif ukoll ta' gwerra, ħlief li fi żmien ta' paċi l-amministrazzjoni u t-tmexxija ġenerali tal-Forzi Armati tkun f'idejn il-Ministru għad-Difiża.<br>Is-Servizz Nazzjonali Sigriet jkun taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Nazzjonali tad-Difiża.** |

| | | |
|---|---|---|
| 9 | Ħolqien ta' Kunsill tal-Istat | Għandu jinħoloq Kunsill tal-Istat ippresedut mill-President, li jkun jinkludi l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, eks Presidenti u eks Prim Ministri, flimkien ma' persuni li kkontribwew għal ċertu żmien fil-ħajja politika tal-pajjiż u li l-patrijottiżmu tagħhom ikun bla dubju. Il-Kunsill jissejjaħ kull meta l-President iħoss il-ħtieġa tal-pariri tiegħu. Fl-ewwel istanza, il-Kunsill jagħti l-pariri lill-President. Jekk fil-Kunsill ma jkunx hemm qbil fuq xi materja, il-President ikun marbut li jaċċetta l-parir konġunt tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni. In-nomini għall-Kunsill tal-Istat isiru mill-President, skont qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni. |
| 10 | Funzjonijiet tal-Kunsill tal-Istat | Il-Kunsill tal-Istat jiddeċiedi wkoll dwar ċerti nomini bħalm'huma: il-Kummissarju Prinċipali Elettorali, l-Awtorità tax-Xandir, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, u korpi oħra, partikularment in-nomini taċ-Chairman tagħhom. Il-Kunsill ikun responsabbli wkoll għall-għoti ta' dekorazzjonijiet tar-Repubblika, għalkemm il-prerogattiva li ċittadini jaċċettaw dekorazzjonijiet ta' stati barranin tibqa' tal-Prim Ministru. Il-Kunsill jifli wkoll it-trattati kollha li jsiru ma' stati oħra sabiex (i) jassigura li bl-ebda mod il-klawżoli "entrenched" tal-Kostituzzjoni ma jkunu mittiefsa, speċjalment in-newtralità u n-nonallinjament, (ii) li l-ebda ftehim ma' persuni jew enti ġuridiċi ta' stati oħra ma jdgħajfu l-klawżoli tal-Kostituzzjoni, u (iii) jagħti pariri lill-awtoritajiet konċernati dwar tibdil meħtieġ. |
| 11 | L-indipendenza tal-Ġudikatura | Il-Kumitat jidhirlu li għandu jkun ikkonfermat fil-Kostituzzjoni li l-Ġudikatura hija organu indipendenti tal-Istat u li kull Ġudikatur għandu jiddeċiedi l-kwistjonijiet li jkollu quddiemu skont l-apprezzament tiegħu tal-fatti u skont l-applikazzjoni tal-liġijiet kif interpretati skont il-kuxjenza tiegħu bla ebda pressjoni, influwenza jew indħil minn ebda naħa. |
| 12 | Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja | Il-Kumitat jirrakkomanda li t-tqassim tad-dmirijiet tal-Imħallfin ma jibqax dritt tal-Eżekuttiv iżda jibda jsir mill-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Il-Kunsill ikollu wkoll ir-responsabbiltà għat-tmexxija effiċjenti tal-amministrazzjoni tal-Qrati, is-setgħa li jassenja dmirijiet lil Imħallfin u Maġistrati, u li jassigura li l-ħidma tal-Qrati tkun skont il-liġi u l-interess tal-poplu.<br>Il-Kunsill ikun ippresedut mill-President u kompost mill-Prim Imħallef, bħala viċi president, il-Ministru għall-Ġustizzja, Imħallef elett mill-Ġudikatura, Maġistrat elett mill-Bank tal-Maġistrati, persuna nominata mill-Prim Ministru, u persuna nominata mill-Kap tal-Oppożizzjoni (dawn l-aħħar żewġ persuni ma jkunux Membri Parlamentari). |

| | | |
|---|---|---|
| 13 | Kontabbiltà tal-Ġudikatura - Kummissjoni ta' Tmexxija | Il-Kumitat jirrakkomanda li tinħatar Kummissjoni għat-Tmexxija tal-Qrati. Il-Kummissjoni għat-Tmexxija tal-Qrati jkollha r-responsabbiltà li t-tmexxija tal-Qrati u tar-reġistru tagħhom tkun tajba, effiċjenti u responsabbli. Din tkun ippreseduta mill-Ministru għall-Ġustizzja u tkun tinkludi Mħallef u Maġistrat nominati biex iservu fil-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, rappreżentant tal-Kamra tal-Avukati, rappreżentant tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali, rappreżentant elett mill-impjegati tal-Qrati, żewġ membri nominati mill-Prim Ministru, żewġ membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni (li tnejn minn dawn l-erbgħa tal-aħħar ikunu dawk li qed iservu fil-Kunsill, u t-tnejn l-oħra li jkollhom ir-rekwiżiti u l-kwalifiki bħal dawk nominati għall-Kunsill). |
| 14 | Kontabbiltà tal-Ġudikatura - Kummissjoni ta' Viġilanza | Il-Kumitat jirrakkomanda li tinħatar Kummissjoni ta' Viġilanza li tkun responsabbli li tara li l-Ġudikanti jaqdu d-dmirijiet tagħhom skont il-liġi u b'mod li ma jonqsux mid-doveri tagħhom.<br>Il-Kummissjoni tkun komposta mill-Prim Imħallef bħala president, mill-Imħallef u l-Maġistrat li jservu fil-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, minn persuna nominata mill-Prim Ministru, u minn persuna nominata mill-Kap tal-Oppożizzjoni (it-tnejn li jservu fil-Kunsill).<br>Kull membru ta' dawn il-kummissjonijiet, kif ukoll kull persuna li tintlaqat minn xi deċiżjoni tagħhom, ikollu d-dritt li jappella quddiem il-Kunsill.<br>Kull Membru Parlamentari jkollu d-dritt li jressaq ilmenti quddiem il-kummissjoni, jew skont il-każ, quddiem il-Kunsill. |
| 15 | Xandir nazzjonali | Il-Kumitat jirrakkomanda li x-Xandir ikun taħt ir-responsabbiltà unika tal-Awtorità tax-Xandir bħala korp indipendenti u imparzjali.<br>L-Awtorità tax-Xandir għandu jkollha funzjoni eżekuttiva u tinnomina l-Kap tax-Xandir, li jkun direttament responsabbli lejha u rimovibbli minnha.<br>Huwa desiderabbli li l-membri li jikkomponu l-Awtorità jkunu aċċettabbli għaż-żewġ naħat tal-Parlament.<br>Iċ-Chairman tal-Awtorità għandu jkun approvat mill-Kunsill tal-Istat jew, jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, mill-President.<br>Il-partiti politiċi ewlenin rappreżentati fil-Parlament ikollhom dritt għal programmi organizzati minnhom għal numru ta' sigħat fuq ir-radju u t-televiżjoni, skont ir-rappreżentanza tagħhom fil-Parlament. |
| 16 | Kummissjoni dwar l-Impjiegi u Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, fl-ambitu tal-Kunsill tal-Istat, jinnominaw numru ndaqs ta' membri u jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar l-għażla ta' chairman, għall-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (fil-każ li ma jintlaħaqx ftehim, dawn in-nomini jsiru mill-President). |

| | | |
|---|---|---|
| **17** | **Proċess Elettorali - Kummissarji** | **Il-Kumitat huwa tal-fehma li (i) l-għadd ta' kummissarji elettorali għandu jkun jikkorrispondi man-numru ta' distretti elettorali, (2) il-Kummissarju Elettorali Ewlieni jkun wieħed mill-kummissarji li jkun nominat bi ftehim konġunt bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni fl-ambitu tal-Kunsill tal-Istat, jew f'nuqqas ta' ftehim, mill-President, u (3) il-kummissarji elettorali jkunu nominati f'numru ugwali mill-Prim Ministru u mill-Kap tal-Oppożizzjoni b'mod li l-President ikun ċert li, jekk ikun hemm iżjed minn partit wieħed fil-Gvern jew fl-Oppożizzjoni, jittieħed kont tar-rieda tal-partiti l-oħra rappreżentati.** |
| **18** | **Proċess Elettorali - Kwota Nazzjonali** | Il-Kumitat jinnota li l-membri tal-Gvern jemmnu li s-sistema elettorali għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' proporzjonalità, mhux fuq il-pjan ta' distretti singoli iżda fuq pjan nazzjonali, b'mod li tkun assigurata l-governabbiltà tal-pajjiż. Il-Membri tal-Oppożizzjoni jħossu li, jekk ikun hemm kwota nazzjonali, tqum awtomatikament il-kwistjoni ta' "threshold" għall-partiti ż-żgħar u jibdew il-kumplikazzjonijiet kif il-prinċipju ta' proporzjonalità jiżżewweġ ma' dak tal-governabbiltà. |
| **19** | **Il-Parlament** | **Il-Kumitat jirrakkomanda li jkun hemm erba' kumitati permanenti, kull wieħed magħmul minn chairman, żewġ membri tal-Gvern u tnejn tal-Oppożizzjoni, u l-Ispeaker. Il-Kumitati jkunu:<br>(1) Kumitat Permanenti għas-Sigurtà Nazzjonali (deċiżjonijiet dwar il-Forzi Armati, il-Pulizija, u l-Politika Barranija), li jżomm liaison mal-Kunsill Nazzjonali tad-Difiża.<br>(2) Kumitat Permanenti għall-Infiq ta' Flus il-Poplu, li jkun jiddependi biss mill-uffiċċju tal-Ispeaker u jkollu f'idejh id-dipartiment kollu tal-awditur bil-forzi li jagħtuh il-liġi u l-Kostituzzjoni.<br>(3) Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Leġiżlattivi u Parlamentari, taħt it-tutela tal-Ispeaker, li jara li l-Parlament ikun infurmat sew fuq it-tmexxija ta' policies, il-piż u l-effett ta' regolamenti, u leġiżlazzjoni sussidjarja.<br>(4) Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjo-Ekonomiċi.<br>Il-Kumitati Permanenti jkollhom l-obbligu li, meta l-Parlament ikun "in session", jiltaqgħu darbtejn fil-ġimgħa, iżda mhux fil-ħin tal-Parlament.<br>L-Ispeaker ikollu l-obbligu li jirrapporta lill-Parlament jekk xi kumitat ma jurix il-ħrara u d-diliġenza meħtieġa fix-xogħol tiegħu.** |

| | | |
|---|---|---|
| **20** | **Ħatra ta' Speaker u Deputy Speaker** | **Il-Kostituzzjoni għandha tiddetermina kif jintgħażlu l-Ispeaker u d-Deputy Speaker, kif ukoll is-saħħa li jingħataw.<br>Il-Kumitat jaqbel (1) mas-sistema li l-Ispeaker ikun wieħed minn dawk li ma jkunux eletti fil-Parlament, però li għandu jkollu mill-inqas ħames snin esperjenza fil-Parlament, u li (2) il-ħatra tiegħu jkollha almenu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Kamra u, fin-nuqqas ta' dan, ikun hemm Speaker *ad interim* skont is-"seniority" approvat mill-Kunsill tal-Istat.<br>Dawn il-kundizzjonijiet ikunu japplikaw ukoll għad-Deputy Speaker.<br>Tkun rispettata r-regola ta' Speaker min-naħa tal-Gvern u Deputy Speaker min-naħa tal-Oppożizzjoni.<br>In-nomini tagħhom ikunu diskussi wkoll mill-Kunsill tal-Istat.<br>Id-Deputy Speaker ikun *ex officio* Chairman tal-Kumitati.<br>Fl-assenza tal-Ispeaker u d-Deputy Speaker, tinħatar persuna li tassumi l-funzjonijiet tagħhom temporanjament.** |
| **21** | **Terminu tal-Uffiċċju tal-Ispeaker u d-Deputy Speaker** | **Il-Kumitat iħoss li, kemm jista' jkun, il-persuni eletti bħala Speaker u Deputy Speaker ma jinbidlux ma' kull leġiżlatura. Jekk il-karigi jsiru permanenti, il-persuni konċernati jkollhom l-obbligu li ma jiħdux parti politika attiva.** |
| **22** | **Dipartiment tal-Ispeaker** | **Id-dipartiment tal-Ispeaker għandu jkun dipartiment għalih li ma jaqa' taħt l-ebda ministeru, bi staff adegwat, u li jkun responsabbli li l-membri tal-Parlament u l-kumitati permanenti jingħataw il-faċilitajiet meħtieġa biex jaqdu dmirhom.** |
| **23** | **Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa** | **L-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni għandu jispeċifika li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa, u fejn hemm bżonn, jinbidlu l-liġijiet tal-pajjiż.** |
| **24** | **Ħarsien tal-Privatezza** | **Tidħol Dikjarazzjoni ġdida dwar il-ħarsien tal-privatezza taċ-ċittadini fir-rigward ta' *data* dwarhom, tagħrif għal statistika, eċċ., fil-limiti imposti mil-liġijiet ta' sigurtà nazzjonali.** |
| **25** | **Festa Nazzjonali** | **Importanti li jkun hemm qbil dwar Jum Nazzjonali. Il-membri tal-Gvern jaħsbu li Jum l-Indipendenza għandu jkun jum li jgħaqqad il-poplu. Il-membri tal-Oppożizzjoni jemmnu li dan għandu jkun Jum ir-Repubblika, però ma jkun hemm xejn ħażin li Jum il-Ħelsien, Jum l-Indipendenza u s-Sette Giugno jibqgħu festi nazzjonali.** |

## Parti J: Proposti tal-Partit Demokratiku

| Nru | Tema | Nuqqas jew Difett u Proposta relatata |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Steering Committee - kompożizzjoni** | L-Isteering Committee huwa ġemgħa ta' rappreżentanti tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista, u m'għandux rappreżentanza wiesgħa biżżejjed biex jiżgura dibattitu komprensiv.<br>**L-Isteering Committee għar-Riforma Kostituzzjonali m'għandux jaħdem wara l-kwinti u huwa importanti li jinkludi l-midja, imħallfin, avukati, il-Kamra tal-Avukati, ONGs, pressure groups, trejd unjins, u ċ-ċittadini.** |
| 2 | **Steering Committee - mandat** | **L-Isteering Committee m'għandux terms of reference ċari u bażi legali, u m'għandux jiddibatti r-rapport b'mod sigriet.** |
| 3 | **Abbozzar tal-Kostituzzjoni** | **L-abbozzar tal-Kostituzzjoni għandu jsir minn esperti lokali u barranin fil-qasam.** |
| 4 | **Sistema ta' kontroll tal-Istat tad-Dritt** | **Għandu jkun hemm sistema li tillimita l-abbużi tas-setgħa, tiżgura trattament ugwali liċ-ċittadini, u tiżgura l-interess pubbliku.** |
| 5 | **Kostituzzjoni suprema** | **Il-Parlament m'għandux ikollu s-setgħa li jiskarta l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni.** |
| 6 | **Qorti Kostituzzjonali** | **Il-Qorti Kostituzzjonali għandu jkollha s-setgħa li tannulla liġijiet mhux kostituzzjonali** |
| 7 | **Indipendenza tal-Ġudikatura** | **Għandha tissaħħaħ l-indipendenza tal-Ġudikatura.** |
| 8 | **L-aħjar prattika internazzjonali** | **Għandha tkun adottata l-aħjar prattika internazzjonali sabiex ikunu eliminati nuqqasijiet strutturali u konflitti ta' interess.** |
| 9 | **Il-Midja** | **Il-Midja għandha tkun pluralistika u ħielsa għalkollox mill-partiti politiċi. Għandu jkun hemm Ombudsman għall-Midja.** |
| 10 | **Awtorità tax-Xandir u Libertà ta' Informazzjoni** | **Għandha tkun rimedjata l-indipendenza vera tal-Awtorità tax-Xandir u l-Libertà ta' Informazzjoni** |
| 11 | **Entità kontra l-korruzzjoni** | **Għandha titwaqqaf entità indipendenti kontra l-korruzzjoni, li tkun tista' tinvestiga wkoll il-kriminalità fil-Korp tal-Pulizija u fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.** |

| | | |
|---|---|---|
| 12 | **Korpi Kostituzzjonali** | Il-korpi kostituzzjonali m'għandhomx is-salvagwardji rigward il-funzjonijiet, l-uffiċjali, u l-indipendenza istituzzjonali, finanzjarja u legali tagħhom. Dawn il-korpi huma suġġetti wkoll għal provvedimenti insuffiċjenti ta' kontabbiltà pubblika, u ma jeżistux "checks and balances" meħtieġa. **Il-korpi kostituzzjonali kollha (l-Awtorità tax-Xandir, il-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) għandhom ikunu 'l fuq mill-politika u indipendenti tassew. Huma m'għandhomx jitmexxew minn bordijiet maħtura mill-Prim Ministru.** |
| 13 | **Servizz Pubbliku/Pulizija indipendenti** | **Għandu jkun hemm Servizz Pubbliku u Korp tal-Pulizija indipendenti mill-politika. Għalkemm għandu jkun hemm direzzjoni politika, dawn m'għandhomx ikunu kkontrollati kompletament mill-Gvern.** |
| 14 | **L-Avukat Ġenerali** | **Ir-rwol doppju tal-Avukat Ġenerali bħala prosekutur u konsulent legali tal-Gvern għandu jispiċċa permezz tat-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur.** |
| 15 | **Tisħiħ tal-Parlament** | **Ir-rwol tal-Parlament għandu jissaħħaħ, kemm permezz ta' sistema multipartiti fil-Kamra, kif ukoll billi ssir estensjoni tar-rappreżentanza proporzjonali f'elezzjoni ġenerali. Il-membri tal-Parlament għandhom iservu full-time.** |
| 16 | **Ambjent san** | **Ambjent san għandu jkun dritt ta' kull ċittadin. L-Eżekuttiv għandu jinżamm responsabbli biex jissalvagwardja, itejjeb u jagħti sostenn lill-ambjent tal-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada. L-ambjent naturali għandu jingħata l-istatus ta' ċittadin.** |
| 17 | **Il-President** | **Il-President ta' Malta għandu jinħatar b'maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament.** |
| 18 | **Funzjonijiet tal-President** | **Ir-rwol tal-President għandu jkun li jkun ta' "check" fuq is-setgħa eżekuttiva biss, iżda ma jeżerċitahiex.** |
| 19 | **Kunsill tal-Istat** | **Il-President għandu jkollu Kunsill tal-Istat li jagħtih pariri.** |
| 20 | **Rapport Annwali** | **L-Uffiċċju tal-President għandu jħejji rapport pubbliku annwali dwar il-kwalità tad-demokrazija fil-pajjiż u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwarha.** |
| 21 | **Liġijiet** | **Fl-interess tal-għaqda fil-pajjiż, hemm bżonn li jkunu indirizzati ħafna materji bħall-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur, l-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi, l-Att dwar l-Ombudsman, u l-Att dwar l-Awditur Ġenerali.** |

## Parti K: Proposti tal-Fondazzjoni Maltin Inqumu

| Nru | Tema | Nuqqas jew Difett u Proposta relatata |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Newtralità u nonallinjament** | In-newtralità u n-nonallinjament huma għażliet morali li jegħlbu kull kejl ieħor ta' politika barranija. Il-Gwerra Bierda għadha sejra, il-gwerer u l-armamenti f'territorji qrib ta' Malta qed jiżdiedu, kemm xaqlib lejn in-NATO kif ukoll lejn armata tal-UE jinvolvuna fil-kriminalità tal-gwerra u jagħmluna mira leġittima f'konflitti.<br>**In-Newtralità u n-nonallinjament għandhom jibqgħu parti mill-Kapitolu I (3).** |
| 2 | **Faċilitajiet Militari** | **Malta għandha tintrabat li (i) ma tiħux sehem u ma toffrix faċilitajiet biex isseħħ it-tortura fuq il-bniedem; (ii) ma tiħux sehem u ma toffrix faċilitajiet biex iseħħ spjunaġġ minn forzi barranin, inkluż spjunaġġ permezz ta' mezzi tat-teknoloġija tal-informatika; (iii) taħdem attivament biex jiġu żarmati l-armamenti u l-bażijiet militari, speċjalment fir-reġjun tal-Mediterran; (iv) taħdem biex l-UE tadotta politika ta' newtralità u diżarm biex ma tibqax issefter lill-Istati Uniti u n-NATO.** |
| 3 | **Drittijiet Industrijali - obbligu li jinħoloq ix-xogħol** | Kulħadd għandu dritt għax-xogħol.<br>**Għandu jkun obbligu li l-Istat imexxi b'mod li joħloq u jara li jinħoloq ix-xogħol produttiv u dinjituż għal kulħadd.** |
| 4 | **Drittijiet Industrijali - mhux rinunzjabbli** | **Id-drittijiet industrijali ma jistgħux ikunu rinunzjabbli, u kull rinunzja tkun legalment nulla.** |
| 5 | **Drittijiet Industrijali - ħinijiet ta' xogħol** | **Il-ġurnata tax-xogħol m'għandhiex taqbeż it-tmien sigħat u l-ġimgħa tax-xogħol m'għandhiex taqbeż l-40 siegħa.** |
| 6 | **Drittijiet Industrijali - paga minima nazzjonali** | **L-Istat għandu jistabbilixxi paga minima nazzjonali u jara li din tilħaq il-livell ta' "living wage".** |
| 7 | **Drittijiet Industrijali - Reviżjoni tal-pagi u pensjonijiet** | **L-Istat għandu regolarment jirrevedi l-pagi kif ukoll il-pensjonijiet sabiex jirriflettu l-għoli tal-ħajja mill-inqas darba fis-sena, liema żieda tkun ugwali għall-ħaddiema kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, u ma tkunx fuq bażi ta' perċentwal.** |
| 8 | **Drittijiet Industrijali - Dritt tal-istrajk** | Id-dritt tal-istrajk huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem.<br>**Id-dritt tal-istrajk għandu jkun estiż fuq bażi komunitarja, u allura jkun jgħodd ukoll għall-membri tal-Forzi Armati u taż-Żamma tal-Ordni.** |
| 9 | **Drittijiet Industrijali - Infurzar** | **Il-provvedimenti tad-Drittijiet Industrijali elenkati hawnhekk għandhom ikunu infurzati f'kull qorti, u l-prinċipji tagħhom ikunu l-qafas fundamentali fil-governanza tal-pajjiż b'mod li l-Istat japplikahom fit-tfassil ta' liġijiet.** |

| | | |
|---|---|---|
| **10** | **Drittijiet Soċjali - Saħħa Pubblika** | Is-saħħa pubblika hija dritt soċjali ewlieni.<br>**(1) L-Istat għandu jiggarantixxi servizz nazzjonali tas-saħħa pubblika li jkun provdut b'xejn lil kulħadd. (2) L-Isptar Mater Dei, il-kliniċi u l-faċilitajiet l-oħra għas-saħħa pubblika ma jiġux privatizzati. (3) L-Istat għandu jirregola l-istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika kollha, kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati.** |
| **11** | **Drittijiet Soċjali - Edukazzjoni** | L-edukazzjoni hija dritt tal-bniedem.<br>**L-Istat għandu joħloq u jipprovdi istituzzjonijiet għall-edukazzjoni b'xejn sal-livell terzjarju.** |
| **12** | **Drittijiet Soċjali - Taxxi** | **It-taxxa għandha tinbena fuq il-prinċipju li min jiflaħ l-aktar, iħallas l-aktar u min jiflaħ l-anqas, iħallas l-anqas, jiġifieri fuq il-prinċipju ta' tassazzjoni progressiva.** |
| **13** | **Drittijiet Soċjali - Djar** | **L-Istat għandu l-obbligu li jara li kulħadd ikollu l-kenn. Dan għandu jsir b'aċċertazzjoni li l-motiv soċjali jkun parti integrali tal-politika ta' akkomodazzjoni.** |
| **14** | **Riforma tal-Kummissjoni Elettorali - Kompożizzjoni** | **Il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali hija partiġġjana, għaliex tikkonsisti f'membri magħżula miż-żewġ partiti l-kbar, waqt li l-Kummissarju Elettorali Ewlieni jintgħażel mill-Prim Ministru, anki bla ftehim mal-Kap tal-Oppożizzjoni. Il-partiti ż-żgħar huma esklużi. Il-PD jippreżenta tmien alternattivi għal riforma.**<br>**Għażla 1: (i) chairman magħżul minn fost eks Presidenti, eks Speakers, jew eks Imħallfin; (ii) sa tliet membri maħtura mill-President, li jistgħu jinkludu persuni bħal dawn ta' qabel; (iii) il-Kummissarju Elettorali Ewlieni *ex officio*; (iv) rappreżentant ta' kull partit politiku fil-Parlament. Kollha jkunu maħtura mill-President fil-ġudizzju tiegħu. L-għadd ta' membri jkun fard. Fejn il-kompożizzjoni tal-partiti fil-Parlament tinbidel, il-President jista' jibdel l-għadd ta' membri biex jibqa' fard.**<br>**Għażla 2: Il-membri kollha jinħatru mill-President fil-ġudizzju tiegħu wara ftehim mal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, sakemm jekk ma jintlaħaqx ftehim fi żmien ġimagħtejn minn meta l-President ifittex ftehim, u dejjem qabel tintemm il-ħatra tal-membri preċedenti, il-President jista' jagħmel il-ħatriet kif jidhirlu hu.**<br>**Għażla 3: Il-membri kollha jinħatru mill-President fil-ġudizzju tiegħu wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru u mal-Kap tal-Oppożizzjoni.**<br>**Għażla 4: Il-Kummissarju Elettorali Ewlieni jinħatar mill-Parlament bħala Uffiċjal tal-Parlament b'maġġoranza ta' żewġ terzi. Ma jkunx hemm membri oħra tal-Kummissjoni.**<br>**Għażla 5: (i) Chairman indipendenti maħtur mill-President fil-ġudizzju tiegħu, jew wara ftehim bejn il-PM u l-Kap tal-Oppożizzjoni, jew wara konsultazzjoni magħhom;** |

| | | |
|---|---|---|
| | | **(ii) rappreżentant tal-partit fil-Gvern u tal-Oppożizzjoni,<br>(iii) żewġ membri oħra maħtura minn fost eks Ġudikanti.<br>Għażla 6: Il-Kummissjoni tinħatar mill-President fuq il-parir ta' Kumitat Magħżul tal-Kamra.<br>Għażla 7: Il-Kummissjoni tinħatar mill-President u tkun tikkonsisti f'rappreżentant ta' kull partit politiku reġistrat mal-Kummissjoni Elettorali.<br>Għażla 8: Il-Kummissjoni tinħatar mill-President fil-ġudizzju tiegħu minn fost membri li ma jirrappreżentawx il-partiti politiċi.** |
| **15** | **Kummissjoni Elettorali - Kumitat ta' Pariri** | **Il-Kummissjoni Elettorali għandu jkollha Kumitat ta' Pariri, magħmul minn rappreżentant ta' kull partit politiku mhux rappreżentat fil-Parlament, u fil-każ ta' referendum, minn rappreżentant ta' kull moviment involut fil-kampanja.** |

## Parti L: Proposti ta' Dr Marc Sant (Teżi)

| Nru | Tema | Nuqqas jew Difett u Proposta relatata |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | **Tnaqqis fis-setgħat tal-Prim Ministru** | Is-setgħa m'għandhiex tibqa' l-prerogattiva ta' persuna waħda, iżda r-responsabbiltà għall-ħidma trasparenti u responsabbli tal-Istat għandha tinqasam fost numru akbar ta' nies.<br>**Is-setgħat tal-Prim Ministru għandhom ikunu mnaqqsa, billi xi wħud minnhom jingħataw lill-President.** |
| 2 | **Rwol akbar għas-Soċjetà Ċivili** | Huwa ħażin li r-rwol tas-soċjetà ċivili fil-funzjonament tas-sistema demokratika ma jingħatax importanza.<br>**Is-soċjetà ċivili għandha tingħata sehem akbar fil-proċess tad-deċiżjonijiet, biex dawn ikunu aktar trasparenti u jkunu kontabbli.** |
| 3 | **Imġiba ħażina tal-President** | Il-Kostituzzjoni ma tagħtix definizzjoni ta' x'inhi "mġiba ħażina" jew "inkapaċità li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga" ta' President.<br>**Għandha tingħata definizzjoni ta' x'inhi "mġiba ħażina" jew "inkapaċità li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga" ta' President.** |
| 4 | **President Gwardjan tal-Kostituzzjoni** | Il-President ma jistax jiffunzjona bħala Gwardjan tal-Kostituzzjoni minħabba li m'għandux setgħat effettivi u huwa vittma tal-partit b'maġġoranza fil-Parlament.<br>**Il-President għandu jingħata aktar diskrezzjoni apolitika biex jiffunzjona bħala "check" fuq Gvern b'saħħtu, u għandu jkollu s-setgħa li jaħdem b'mod indipendenti.** |
| 5 | **Projbizzjoni ta' persuni milli jkunu maħtura bħala President** | Il-persuna magħżula bħala President tista' tkun waħda diviżiva u li ma ġġibx l-għaqda nazzjonali.<br>**Soluzzjoni waħda tista' tkun li l-persuna maħtura bħala President (i) ma tridx tkun serviet fil-Kamra tar-Rappreżentanti jew kienet attiva fl-arena politika sa ħames snin qabel il-ħatra tagħha, u/jew (ii) ma tkunx serviet bħala Prim Ministru, u/jew (iii) ma tkunx serviet bħala Prim Ministru sa ħames jew għaxar snin qabel il-ħatra tagħha.** |

| | | |
|---|---|---|
| **6** | **L-elezzjoni tal-President** | Jekk il-President jingħata aktar setgħat, il-metodu tal-ħatra tiegħu ma jistax jibqa' kif inhu bħalissa.<br>**Is-soluzzjonijiet jistgħu jkunu: (1) elezzjoni b'maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament, sabiex ikun hemm l-akbar kunsens possibbli, possibbilment b'ripetizzjoni tal-elezzjoni jew maġġoranza anqas jekk ma tintlaħaqx il-maġġoranza;<br>(2) elezzjoni b'maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament, jew fin-nuqqas tagħha, b'maġġoranza assoluta iżda għal perjodu ta' sena biss (Rudolfo Ragonesi); (3) elezzjoni minn Kulleġġ Elettorali; (4) elezzjoni diretta mill-poplu mill-ewwel, jew skont kif propost min Ragonesi, jekk il-Parlament ma jsibx kunsens; (5) elezzjoni diretta mill-poplu fuq lista ta' kandidati maqbula f'Kulleġġ Elettorali; (6) fin-nuqqas ta' qbil fil-Parlament, elezzjoni ta' tliet kopresidenti li jalternaw għal perjodu ta' sena kull wieħed tul sitt snin; (7) skont kif propost mill-Kumitat Magħżul tal-Kamra.** |
| **7** | **Sigurtà tal-Uffiċċju tal-President** | Il-Kostituzzjoni ma tagħtix sigurtà lill-President.<br>**Il-Kostituzzjoni għandha tispeċifika li (i) President jista' jitneħħa biss jekk ma jkunx jibqa' jixraq lill-Uffiċċju jew għax jonqos milli jaqdi d-doveri kostituzzjonali tiegħu; (ii) it-tneħħija tiegħu ssir b'maġġoranza ta' żewġ terzi. Alternattivament, jista' jkun hemm impeachment flimkien ma' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li l-President huwa ħati.** |
| **8** | **Kwalifiki biex persuna ssir President** | Il-Kostituzzjoni ma tispċifikax ir-rekwiżiti biex xi ħadd isir President.<br>**Il-President għandu jkun (i) ċittadin ta' Malta; (ii) titneħħa l-projbizzjoni li l-persuna ma tridx tkun serviet bħala membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-Awtorità tax-Xandir, jew tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi; (iii) ma jkunx membru tal-Ġudikatura; (iv) ma jkunx serva fil-Parlament jew kien attiv fil-politika sa ħames snin qabel il-ħatra; (v) ma jkunx serva bħala Prim Ministru.** |
| **9** | **Setgħat tal-President li jaħtar kummissjonijiet kostituzzjonali** | L-awtur isemmi proposta ta' Rudolf Ragonesi dwar ħatriet li jista' jagħmel il-President.<br>**Il-President għandu jkollu s-setgħa li jaħtar il-membri ta' kummissjonijiet kostituzzjonali indipendenti waqt li jaħtar ċ-Chairman ta' dawn il-kummissjonijiet b'rakkomandazzjoni konġunta tal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni. Fin-nuqqas ta' din ir-rakkomandazzjoni, jaħtar iċ-Chairman skont id-diskrezzjoni tiegħu.** |

| | | |
|---|---|---|
| **10** | **Prerogattiva tal-ħniena u maħfriet** | Il-provvediment tal-Kostituzzjoni dwar il-prerogattiva tal-ħniena hija suġġetta wisq għal diskrezzjoni personali u għandu jkun hemm ċerti esklużjonijiet.<br>**Għandu jkun hemm Kummissjoni mmexxija mill-President (li ma tkunx tinkludi Membri tal-Parlament) li tiddeċiedi jekk għandhiex tagħti maħfriet jew le, wara li tirċievi petizzjonijiet.**<br>**Maħfra presidenzjali m'għandhiex tingħata f'każi ta' korruzzjoni u, jekk l-att ta' korruzzjoni jkun preskritt, din il-preskrizzjoni tibqa' tgħodd f'dan il-każ.**<br>**Kwalunkwe maħfra għandha tkun motivata bir-raġunijiet għala ngħatat.**<br>**Il-possibbiltà li l-Kabinett jirrakkomanda maħfra għandha titneħħa.**<br>**Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Ispeaker tal-Kamra.** |
| **11** | **Il-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni** | Il-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni m'għandhiex il-*vires* biex tiffunzjona tajjeb u tista' tkun suġġetta għal xi influwenza Eżekuttiva.<br>**Il-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni għandu jkollha l-*vires* biex tibda investigazzjonijiet *ex officio* jew wara allegazzjoni formali ta' kwalunkwe persuna kontra terza/i persuna/i, ħlief fir-rigward tal-President.**<br>**Il-Kummissjoni għandha taqa' taħt il-President.**<br>**Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jinħatru mill-President fid-diskrezzjoni tiegħu, possibbilment wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni u partijiet oħra interessati (p.e. partiti politiċi, il-Pulizija), iżda l-President ma jkunx obbligat li jaċċetta l-pariri tagħhom. L-għadd ta' membri għandu jiżdied għal ħamsa jew ikun hemm żewġ membri ta' riżerva.** |
| **12** | **Il-piena tal-mewt** | Il-Kostituzzjoni għadha tikkontempla l-piena tal-mewt, minkejja li s-sistema ġudizzjarja ma tipprovdix għaliha.<br>**Il-piena tal-mewt għandha titneħħa mill-Kostituzzjoni.** |
| **13** | **Ħatra tal-Membri tal-Awtorità tax-Xandir** | Il-metodu tal-ħatra tal-membri tal-Awtorità tax-Xandir għandu jitbiddel.<br>**Il-President għandu jaħtar il-membri tal-Awtorità tax-Xandir (i) wara konsultazzjoni li ma torbtux mal-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni, partiti politiċi, trejd unjins, l-industrija tax-xandir, u s-soċjetà ċivili; jew (ii) wara sejħa pubblika għal applikazzjonijiet; jew (iii) b'maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament; jew l-Awtorità jkollha chairman biss maħtur b'maġġoranza ta' żewġ terzi.** |

| | | |
|---|---|---|
| **14** | **Referenda** | M'hemmx parteċipazzjoni popolari biżżejjed fil-maniġment nazzjonali, waqt li parteċipazzjoni bħal din tħajjar lill-partiti politiċi jkunu aktar progressivi u maturi.<br>**Wieħed għandu jikkunsidra l-introduzzjoni ta' inizjattivi popolari fil-leġiżlazzjoni kostituzzjonali, però sakemm l-għadd ta' firem ikun aktar mill-10% tal-votanti rreġistrati msemmija fl-Att dwar ir-Referendi.**<br>**Idea innovattiva tista' tkun li jkun mandatorju li jsir referendum għall-approvazzjoni ta' proġetti kapitali li jaqbżu ċertu valur.**<br>**Il-President għandu jkun responsabbli biex jissottometti proposti għal referendum u jippromulgahom fil-liġi.** |
| **15** | **Ħatra tal-Awditur Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u Assistenti Kummissarji tal-Pulizija** | Is-setgħat tal-President għandhom jitwessgħu jekk dan ikun elett mill-poplu.<br>**Il-President għandu jkollu s-setgħa li, fl-interess pubbliku, jaħtar l-Awditur Ġenerali, il-membri tal-Awtorità tax-Xandir, u l-Assistenti Kummissarji tal-Pulizija.** |
| **16** | **Skola Ġudizzjarja** | Il-ħatra ta' Ġudikanti skont ir-rakkomandazzjoni tal-Eżekuttiv mhix kompatibbli mas-separazzjoni tas-setgħat u l-indipendenza tal-Ġudikatura.<br>**L-Awtur jipproponi skola ġudizzjarja li tħejji avukati kwalifikati biex iservu bħala presidenti ta' tribunali, Kummissarji tal-Ġustizzja, u jservu ma' Maġistrat jew Imħallef bħala preparazzjoni għal ħatriet ogħla.** |
| **17** | **Età tal-Ġudikanti** | **L-Awtur jipproponi li jkun hemm età minima ta' persuna li tinħatar Imħallef jew Maġistrat** |
| **18** | **Età tal-irtirar ta' Ġudikanti** | **L-awtur jipproponi diskussjoni jekk l-età tal-irtirar għandhiex tibqa' kif inhi jew għandhiex togħla.** |
| **19** | **Ħatra tal-Prim Imħallef** | Il-Kostituzzjoni ma tipprovdix speċifikament għall-ħatra ta' Prim Imħallef.<br>**L-awtur jipproponi li l-Prim Imħallef ikun elett b'vot demokratiku sigriet fost l-Imħallfin u l-Maġistrati, u li l-persuna li ġġib l-akbar għadd ta' voti tinħatar mill-President.** |
| **20** | **Assenjazzjoni ta' kawżi** | L-awtur isostni li mhuwiex ċar jekk il-Ministru għall-Ġustizzja għandux jew le d-dritt li jindaħal fl-assenjazzjoni ta' kawżi.<br>**L-awtur jipproponi li jkun iċċarat jekk l-assenjazzjoni ta' kawżi għandhiex issir mill-Prim Imħallef jew jekk il-Ministru għall-Ġustizzja għandux dritt jindaħal.** |
| **21** | **Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja - Membri mhux ġudizzjarji** | Għad hemm lok għal titjib fil-mod kif taħdem l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja.<br>**L-awtur jipproponi li jinħatru għadd ta' membri mhux ġudizzjarji u rappreżentanti tal-pubbliku.** |

| | | |
|---|---|---|
| **22** | **Funzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** | L-awtur isostni li l-Kummissjoni għadha mhix indipendenti biżżejjed mill-Eżekuttiv.<br>**L-awtur jipproponi li l-Kummissjoni (i) tingħata s-setgħa li taħtar imħallfin u maġistrati ġodda, u li tiddetermina l-għadd ta' ġuristi meħtieġa għall-amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja; (ii) ikollha aktar setgħat ta' dixxiplina; (iii) tikkontribwixxi għal sistema tal-ġustizzja aktar koerenti u ekwitabbli; u (iv) tkun aktar kontabbli u trasparenti.** |
| **23** | **Smigħ ta' kawżi** | L-awtur isemmi d-dewmien fis-smigħ ta' kawżi u l-għoti ta' sentenzi. Il-ġustizzja għandha tkun provduta fi żmien raġonevoli.<br>**L-awtur jipproponi li (i) ikun introdott limitu ta' żmien biex tinstema' kawża u tingħata sentenza, ngħidu aħna ħames snin mid-data tal-applikazzjoni; (ii) li Ġudikant li ma jikkonkludix għadd speċifiku ta' kawżi f'sena forensika jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinari.** |
| **24** | **Finanzjament ta' Partiti Politiċi** | L-awtur jitkellem dwar il-finanzjament ta' partiti politiċi u jsemmi diversi proposti li saru mill-partiti politiċi u membri tas-soċjetà ċivili, li mbagħad wasslu għar-Rapport tal-Kummissjoni Galdes.<br>**L-awtur ma jagħmilx proposti partikulari tiegħu.** |

*X’jixtieq jara l-Poplu fil-Kostituzzjoni l-Ġdida tiegħu?*

Rapport

dwar feedback li wasal bħala reazzjoni għal

https://riformakostituzzjonali.gov.mt/

Dr Paul Micallef & Dr Ivan Mifsud

28 ta’ April 2020

## 1. Introduzzjoni

L-għan ta’ dan ir-rapport huwa li tingħata tweġiba għall-mistoqsija *Il-Poplu x’jixtieq jara fil-Kostituzzjoni l-Ġdida tiegħu?* Din il-mistoqsija qiegħda ssir mill-awturi, b’referenza diretta għall-websajt https://riformakostituzzjonali.gov.mt/ u r-reazzjonijiet li jinsabu fit-taqsima tal-istess websajt intitolata “dokumentazzjoni”.

Bħala tweġiba għal din il-mistoqsija, l-awturi ta’ dan ir-rapport se jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

- Kemm waslu reazzjonijiet;
- Min wieġeb (persuna fiżika jew ġuridika);
- X’taħlita tal-ġeneru hemm fost dawk li wieġbu;
- Liema kienu l-kwistjonijiet ewlenin li kitbu dwarhom.

Ir-rapport huwa segwit minn anness, li huwa magħmul minn tabella li fiha wieħed jista’ jsib sommarju ta’ kull sottomissjoni li waslet.

## 2. Xi informazzjoni statistika

524 sottomissjoni individwali ġew irreġistrati fuq il-websajt sal-5 ta' Marzu 2020. It-terminu "sottomissjoni individwali" għandu jiġi kkwalifikat, fis-sens li f'xi okkażjonijiet xi persuni għamlu aktar minn sottomissjoni waħda, billi f'ċertu istanzi s-sottomissjonijiet kienu twal u kienu jinkludu proposti multipli. Sostanzjalment, dawn il-524 sottomissjoni individwali jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej:

- 333 tressqu minn irġiel
- 124 sottomissjoni tressqu minn nisa
- 24 minn organizzazzjonijiet u entitajiet oħrajn (li kienu jinkludu żewġ partiti politiċi, l-NAO, l-ERA, l-NCPE, l-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u moviment stabbilit fuq Facebook imsejjaħ il-Moviment George Cross li jisħaq li għandu 10,000 membru).
- Id-differenza fl-għadd tindika sottomissjonijiet multipli mressqin mill-istess persuna.

## 3. Il-kwistjonijiet ewlenin

### 3.1. Tħassib dwar l-istituzzjonijiet tagħna

Xi suġġerimenti li waslu jindikaw element qawwi ta' tħassib għall-istituzzjonijiet ta' Malta u l-mod li bih qegħdin isiru l-karigi għal dawn l-istituzzjonijiet. Il-persuni kkummentaw dwar kif qegħdin jinħatru dawn il-persuni fil-karigi pubbliċi differenti: pereżempju, saret referenza partikolari għall-fatt li għandu jiġi żgurat li l-persuni jinħatru fuq bażi ta' mertu, waqt li persuna partikolari saħansitra ssuġġeriet li l-Ministri m'għandhomx jinħatru minn fost il-Membri tal-Parlament, iżda fuq bażi tal-mertu personali tagħhom. Ġie ssuġġerit ukoll li jiġu eliminati l-ħatriet ta' persuni "fuq bażi ta' fiduċja".

Tlettax-il respondent huma favur l-elezzjoni tal-President permezz ta' votazzjoni mill-elettorat, u li l-President jingħata aktar dmirijiet u setgħat, a skapitu tal-Prim Ministru li, skont dawn ir-respondenti, għandu wisq poter. Tabilħaqq, jidher li jeżisti

element ta' nuqqas ta' fiduċja fil-Prim Ministru, fil-Ministri u fil-Membri tal-Parlament, bi tmien respondenti jitolbu li l-Membri tal-Parlament ikunu jistgħu jservu għal mhux aktar minn żewġ mandati; żewġ respondenti li talbu Parlament b'inqas membri; tnejn oħra li talbu Parlament li jieħu ħsieb il-ġeneri kollha u mhux biss il-ġeneri maskili u femminili; wieħed li ssuġġerixxa tnaqqis fil-poteri tal-Prim Ministru; ħamsa li ssuġġerew il-ħatra ta' persuni f'pożizzjonijiet sensittivi permezz ta' maġġoranza parlamentari ta' żewġ terzi; u respondent partikolari li saħansitra ssuġġerixxa li l-perċentwal meħtieġ f'dan ir-rigward għandu jkun ta' 80!

Ġie espress tħassib ukoll rigward il-metodu tal-ħatra tal-imħallfin, fejn il-kunċett huwa li titjieb l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom [1] u li l-Eżekuttiv ma jkollu l-ebda vuċi fil-proċess tal-ħatriet. Kien hemm talba wkoll għal separazzjoni tal-poteri aktar stretta, fejn il-Ministri jkollhom iċedu s-siġġu tagħhom fil-leġiżlatura.

Saru suġġerimenti wkoll għat-tisħiħ tal-korpi ta' sorveljanza, bħal dak tal-Ombudsman, fejn seba' respondenti ssuġġerew li l-opinjonijiet tiegħu għandhom ikunu jorbtu, u respondent partikolari ssuġġerixxa li l-Awditur Ġenerali għandu jingħata awtorità li jinvestiga organizzazzjonijiet privati kif ukoll pubbliċi.

Sar appell ukoll għal emendi kostituzzjonali sabiex titneħħa kwalunkwe barriera kontra r-rappreżentanza tat-tielet partit fil-Parlament. Dan l-appell tal-aħħar ġie espress f'forom differenti, fejn is-suġġerimenti b'mod ġenerali jikkonċernaw il-fatt li Malta tiġi kkunsidrata bħala distrett wieħed [2], waqt li oħrajn issuġġerew numru minimu ta' voti li jistgħu jwasslu għal rappreżentanza fil-Parlament għall-partiti ż-żgħar [3].

Saru referenzi wkoll għall-proċeduri elettorali ta' Malta, fejn tlettax-il respondent kitbu favur emendi fil-liġi kostituzzjonali biex jiġu żgurati, jew tal-inqas iffaċilitati, il-prospetti li l-partiti politiċi ż-żgħar jirbħu siġġijiet fil-Parlament. Persuna partikolari kitbet dwar l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu korrettiv ieħor fl-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni Maltija: din il-persuna ssuġġeriet l-emenda tal-Kostituzzjoni biex jiġi

[1] Tmien sottomissjonijiet.
[2] Erba' persuni rrakkomandaw dan.

[3] Tmien persuni għamlu rakkomandazzjonijiet dwar dan.

żgurat li l-ebda partit politiku ma jikseb żewġ terzi tas-siġġijiet fil-Kamra billi dan iwassal sabiex dan il-partit ikun aktar b'saħħtu mill-Kostituzzjoni.

## 3.2. L-Ambjent

Fil-quċċata tal-lista ta' tħassib tinsab is-salvagwardja tal-ambjent naturali. 188 persuna effettivament esprimew tħassib għas-salvagwardja tal-ambjent naturali tagħna. Suġġeriment popolari ħafna kien dak li fil-Kostituzzjoni għandu jiġi ddedikat kapitolu sħiħ għall-protezzjoni tal-ambjent, u b'hekk tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tiegħu [4]. Intwera tħassib ukoll dwar is-salvagwardja tal-wirt kulturali [5] u f'okkażjoni partikolari ġie espress tħassib għall-kwalità fqira tal-arja tagħna.

## 3.3. Id-dritt għall-ħajja

It-tieni fil-lista hemm it-titjib tad-dritt għall-ħajja [6], biex jiġi speċifikat li l-ħajja għandha tiġi protetta mill-mument tal-konċepiment sal-mument tal-mewt, u konsegwentement dawn is-suġġerimenti kienu kontra l-abort kif ukoll kontra l-ewtanasja. Kien hemm tliet sottomissjonijiet biss favur id-dekriminalizzazzjoni tal-abort u li tiġi permessa l-ewtanasja. F'numru ta' istanzi, dawk favur l-abort iddikjaraw li kienu favur l-abort biss fejn il-ħajja tal-omm tkun f'periklu ċar.

## 3.4. Ir-reliġjon

Tnax-il persuna biss issuġġerew it-tneħħija ta' kwalunkwe referenza għal Alla mill-Kostituzzjoni Maltija, u persuna partikolari ssuġġeriet li lanqas l-Innu Nazzjonali Malti ma għandu jinkludi referenza għal Alla. Respondent partikolari ssuġġerixxa s-separazzjoni tal-Knisja u l-Istat, waqt li żewġ respondenti oħra sostnew li l-kunċett

[4] Din il-proposta saret minn grupp partikolari ta' 111 li ssottomettew suġġeriment li prattikament kellu l-istess kliem.

[5] Ta' spiss jiġi konness mal-protezzjoni tal-ambjent naturali tagħna.

[6] 96 persuna.

ta' reliġjon tal-Istat għandu jiġi eliminat. Min-naħa l-oħra, għoxrin persuna talbu li r-reliġjon Kattolika Rumana għandha żżomm l-istatus tagħha fil-Kostituzzjoni, waqt li għandu jiġi permess spazju biex anke reliġjonijiet oħrajn ikunu jistgħu jiġu pprattikati f'Malta. Persuna partikolari semmiet il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ġenituri jkollhom id-dritt li jkabbru t-tfal tagħhom skont it-twemmin tagħhom stess.

### 3.5. Il-bandiera u l-lingwa nazzjonali

Il-poplu għandu wkoll sentimenti qawwija dwar il-George Cross. 45 sottomissjoni huma favur li dan jinżamm fuq il-bandiera nazzjonali tagħna. Żewġ persuni biss huma favur it-tneħħija tiegħu, waqt li erba' persuni oħrajn jirrikmandaw li l-lingwa Ingliża m'għandhiex tibqa' titqies bħala lingwa uffiċjali.

### 3.6. Suġġerimenti varji oħrajn li ġew sottomessi

Xi suġġerimenti oħrajn li saru huma:

- L-abolizzjoni tal-klawżola tan-newtralità (issuġġerita darbtejn, waqt li tliet persuni sostnew li għandha tinżamm);
- L-introduzzjoni ta' drittijiet u prinċipji ġodda, bħad-dritt għal amministrazzjoni tajba u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-dritt għall-privatezza fuq l-Internet u drittijiet speċifiċi tal-konsumatur;
- Il-korrezzjoni ta' ċerti termini li llum jitqiesu bħala insensittivi, pereżempju fejn ikunu kkonċernati l-persuni b'diżabbiltà;
- Li jinbidel isem pajjiżna biex isir "Malta" u "Għawdex" u tingħata aktar awtonomija lill-Għawdex, inkluża l-possibbiltà ta' Gvern reġjonali;
- Sejħa għal bilanċ fix-xandir;
- Il-projbizzjoni ta' partiti politiċi b'ideoloġiji bbażati fuq razza, reliġjon, eċċ.

## 4. Anness

Anness ma' dan ir-rapport, wieħed jista' jsib tabella kkompilata mill-awturi ta' dan ir-rapport. Din it-tabella tinkludi sommarju ta' kull sottomissjoni mressqa fuq il-websajt ta' *riforma*.

**Anness: L-Ewwel Parti**

| Isem | Suġġetti | Kummenti | Il-kummenti tiegħi (Fejn "Iva" tfisser li s-suġġeriment huwa ta' rilevanza diretta għall-Kostituzzjoni) |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 1 Ahmad Aziz | Il-Ġudikatura | Il-ġudikatura hija kontabbli għal istituzzjoni indipendenti. Ħatra wara eżaminazzjoni minn kummissjoni indipendenti | Iva |
| | Varji | Jista' jitressaq każ kostituzzjonali mingħajr avukat – proċessi kriminali mgħaġġla | Le |
| | L-Ombudsman | Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman għandhom ikunu vinkolanti | Iva |
| | Il-Governanza | Ħatriet għal karigi pubbliċi bbażati fuq meritokrazija u l-ħatriet ta' segretarji permanenti m'għandhomx ikunu politiċi | |
| | | | |
| 2 Owen Sammut | Ir-Reliġjon | It-tneħħija ta' referenzi għal Alla/Reliġjon | Iva |
| | | | |
| 3 Shaun Camilleri | Il-Parlament | Akkużi magħmula fil-Parlament: għandu jkun hemm rimedju barra l-Parlament | Le |
| | | | |
| 4. Vince Buhagiar | Suġġett li ma jistax jiġi meqjus fil-Kostituzzjoni | Kummenti ġeneriċi | Le |
| | | | |
| 5. Alessandro Gauci | Ir-Reliġjon | Titneħħa r-referenza għar-reliġjon | Iva |
| | L-Ambjent | Is-salvagwardja tal-ambjent, tal-wirt storiku | Iva |
| | Il-President | President elett – ma jgħidx minn min – jissuġġerixxi li jista' jiġi "elett għat-tieni mandat" | Tissemma biss il-possibbiltà tat-2ni mandat |
| | Il-Ħajja | Ewtanasja: għandha tkun legali anke f'każ ta' saħħa mentali gravi | Le |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. Peter Barbara | Il-President | President: magħżul mill-elettorat | Iva |
| | | | |
| 7. Michael Micallef | Varji | Dritt għall-kuntentizza | Le |
| | | | |
| 8. Anthony Degiovanni | Il-Kostituzzjoni [ġeneriku] | Stil ta' kitba u emenda tal-Kostituzzjoni | Le |
| | | | |
| 9. Christopher Briffa | Il-Parlament | Mandat tal-MP: limitat għal sentejn flimkien ma' impjieg full-time | Iva |
| | | | |
| 10. Carmel Falzon | L-Elezzjonijiet<br><br>Ir-Reliġjon | Distrett elettorali wieħed biex jiġu ffaċilitati l-partiti ż-żgħar<br><br>Għandha tissemma r-reliġjon Kattolika | Iva |
| | | | |
| 11. Nathaniel Falzon | L-Ambjent | Inklużjoni tad-dritt għal ambjent nadif | Iva |
| | | | |
| 12. Claude Vella Bonanno | Il-Ħajja | Kontra l-abort | Iva |
| | | | |
| 13 Carmel Falzon | Il-President<br><br>Il-Parlament<br><br>Varji | President elett direttament mill-poplu. Il-forzi tal-ordni pubbliku direttament taħt il-President<br><br>Il-MP: mhux aktar minn żewġ mandati<br><br>Eliminazzjoni tal-pensjonijiet mingħajr limitu massimu | Iva<br><br>Iva<br><br>Iva |
| | | | |
| 14. Randolph Spiteri | Ir-Reliġjon | Għaż-żamma tar-referenzi kurrenti | Iva |
| | | | |
| 15. Thomas Briffa | L-Ambjent | Inklużjoni ta' moratorju ta' reklamazzjoni tal-baħar u fuq l-iżvilupp ta' ODZ/art agrikola | Iva |
| | | | |
| 16. Frank Psaila | Għawdex | Inklużjoni ta' referenza speċifika għal Għawdex [jirreferi għall-Art. 124] | Iva |
| | | | |
| 17. Francis Grech | Varji | Il-Gvern fl-ebda sena fiskali ma jista' jagħmel dejn ta' aktar minn 1% tal-prodott domestiku gross | ? |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 18. Christian Peregin | Varji | Ir-reklamar tal-Gvern għandu jsir b'mod trasparenti<br><br>Għandha tissaħħaħ il-libertà tal-informazzjoni<br><br>Il-kontenut imħallas għandu jkun illegali għajr jekk jiġi indikat b'mod ċar li huwa sponsorizzat | Le |
| | | | |
| 19. Andrea Gatt | L-Elezzjonijiet | Tibdil biex jiġi żgurat li l-partiti li jiksbu 4% jew aktar jiġu rrappreżentati | Iva |
| | | | |
| 20. (1) Michele Tringali | Varji | Is-sovranità Maltija għandha tiġi ggarantita u jiġi ggarantit id-dritt għal salarju skont il-ħtiġijiet reali tal-persuni [ma jelaborax] | Le |
| | | | |
| 21. John Bonello | Il-Lingwa | L-Ingliż ma jibqax lingwa uffiċjali | Iva |
| | | | |
| 22. Matthew Joslin | Il-Bandiera | Jinżamm il-George Cross fuq il-Bandiera | Le |
| | | | |
| 23. Alan Castillo | Ir-Reliġjon | Jitħassar l-Art. 2 tal-Kostituzzjoni dwar ir-reliġjon | Iva |
| | | | |
| 24. Martin Bugeja | Il-President<br><br>Ir-Reliġjon<br><br><br><br><br><br>L-Ambjent | President elett mill-poplu<br><br>L-ebda referenza għar-reliġjon fil-Kostituzzjoni<br><br>L-Innu Malti ma għandu jkollu l-ebda referenza għar-reliġjon<br><br>Id-dmir tal-Gvern li jipproteġi l-ambjent | Iva<br><br>Iva<br><br>Le<br><br>Iva |
| | | | |
| 25. (2) Rita Carmela Grima | Ir-Reliġjon | Li t-twemmin Nisrani jiġi kkonfermat bħala t-twemmin ewlieni waqt li jiġi ggarantit ir-rispett għar-reliġjonijiet l-oħra<br><br>Ġeneriku | Iva |
| | | | |
| 26. Joseph Zammit | Il-Ħajja | Is-salvagwardja tal-ħajja mill-konċepiment sal-mewt | Iva |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 27. Warren Saliba | Il-Kostituzzjoni<br><br><br><br>L-Eżekuttiv<br><br><br>L-Elezzjonijiet<br><br><br><br><br><br><br><br>Ir-Reliġjon<br><br><br>Il-Governanza<br><br><br>In-Newtralità<br><br>Il-Ħajja | L-ebda partit, anke jekk ikollu ⅔ tal-maġġoranza, ma jista' jemenda l-Kostituzzjoni waħdu<br><br>Il-possibbiltà li l-MP jagħżlu persuna bħala PM li ma jkunx MP<br><br>Il-partiti li fuq kwotazzjoni nazzjonali jkollhom aktar minn 3% ikunu intitolati għal rappreżentanza fil-Parlament<br><br>Limiti fuq il-mandati – il-PM għal 10 snin, il-Ministri għal 15-il sena, il-MP għal 20 sena<br><br>Jiġi eliminat il-fatt li Malta tħaddan ir-reliġjon Kattolika Rumana<br><br>Il-karigi sensittivi għandhom jintgħażlu b'maġġoranza ta' ⅔<br><br>Tiġi eliminata r-referenza għan-newtralità<br><br>Id-dritt għall-ħajja anke mill-konċepiment għajr jekk il-ħajja tal-omm tkun fil-periklu | Iva<br><br><br><br>Iva<br><br><br>Iva<br><br><br><br>Iva<br><br><br><br>Iva<br><br><br>Iva<br><br><br>Iva<br><br>Iva |
| | | | |
| 28. (3) Dolores k/a Doreen Cutajar | Il-Bandiera<br><br>Ir-Reliġjon | Il-George Cross fuq il-bandiera<br><br>Ir-reliġjon Kattolika Rumana għandha tibqa' r-reliġjon uffiċjali | Le<br><br>Iva |
| | | | |
| 29. Emvin Mifsud | Ir-Reliġjon u l-Bandiera | Tinżamm ir-referenza għat-twemmin Kattoliku Ruman u l-George Cross | L-istess bħal hawn fuq |
| | | | |
| 30. Rafael Lori | Varji | L-impjiegi tal-barranin f'Malta | Le |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 31. (4) Mary Anne Buhagiar | In-Newtralità<br><br>L-Ombudsman<br><br><br><br>Varji<br><br><br>L-Ambjent<br><br><br>Varji | Ma tistax tinbidel għajr b'referendum<br><br>Estensjoni tal-mandat biex jiġu indirizzati każijiet fejn wieħed ma jkollux interess dirett<br><br>Drittijiet ġodda għall-ħaddiema [ġeneriku]<br><br>Għandu jiġi inkluż – jissemmew ir-"refuġjati minħabba l-klima"<br><br>Id-dritt tal-privatezza fuq l-Internet<br><br>Protezzjoni tal-whistleblowers / ġurnalisti investigattivi<br><br>Iż-żamma ta' database tad-DNA tal-kriminali m'għandhiex tkun antikostituzzjonali | Le<br><br>Le<br><br><br><br>Le<br><br><br>Le<br><br><br>Iva<br><br>Iva<br><br><br>Iva |
| | | | |
| 32. Joseph Bouvett | Il-President | Il-qrati, il-pulizija u l-armata għandhom jaqgħu taħt il-President | Iva |
| | | | |
| 33. Ivan Azzopardi | Il-Bandiera | Iż-żamma tal-George Cross | Le |
| | | | |
